# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€ 2 \ Lm 0.86c

Ġunju-Lulju 2008 * **LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 63 SENA** * Nru. 899



## 125 sena wara għadha ssejħilna...

# "Ejja!... Ejja!..."




# ESTELLA®

***ESTELLA Fitted Sheets** in High Quality Egyptian Cotton*
*available in 29 colours and in all sizes.*
*Estella - the perfect fit for your mattress.*

# billerbeck
SLEEP CULTURE SINCE 1921

***Billerbeck Quilts***
*100% New White Nordic Goose Down - Class 1*
*100% Pure Sheep Wool and a new Billerbeck*
*A I R S O F T clean 100% Polyester Hollow Fibre.*
*Available in different degree warmths and novelty*
*sizes up to 260cm x 240cm. Matching pillows*
*and very comfortable 100% Pure New Wool Mattress*
*Pads. Extra light airy Spring / Summer quilts also in stock.*

Stressless®
EKORNES®



*Leather Recliners*
*and Sofas*

# BORIS ARCIDIACONO

Rue D'Argens - Msida Tel: 2133 1617 • Tower Road - Sliema Tel: 2133 3638
*Monday to Friday open all day. Saturday open till 1.00pm*

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 899***
***Ġunju - Lulju 2008***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 2579**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 (Lm 4.30)**
**Benefattur: €20 (Lm 8.60)**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Għawdex fil-Ġurnali • 16
Għawdex fil-Parlament • 17
Kummentarju (2) • 18
Attwalità • 20
Kummentarju (3) • 21
Speċjali Sena Pawlina (1) • 22
Dawl għall-Ħajja • 24
Letteratura Għawdxija • 26
**SUPPLIMENT TA' PINU**
Kotba minn Għawdex • 27
Il-Misteru tal-Knisja (15) • 28
Snajja Qodma (11) • 30
Tieqa fuq l-Ambjent (5) • 32
Xhieda Nisranija • 34
Għawdex "On-Line" (1) • 35
Għawdex Qabel ir-Ritratti (6) • 36
Għawdex 300 sena ilu (165) • 37
Passiġġata Biblika (37) • 38
Ilħna mill-Bogħod fil-Qrib (5) • 40
Arti u Kultura f'Għawdex • 42
Play-Forum (2) • 44
Ibża' għal Saħħtek • 46
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 48
Imkejjen Għawdxin (11) • 50



**Ritratti:** *Hajr lil Dun Anton Sultana, Joseph J.P. Zammit, Lynda Caton Roseblade, Joe Sultana, Alvin Scicluna, Ted Attard, Ministeru għal Għawdex, Charles Spiteri, u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Ritratt tal-Qoxra u Suppliment fin-nofs:** *Dun Gerard Buhagiar, Rettur Ta' Pinu.*





# *Arja tas-Sajf*

*Hemm min jgħid li fis-sajf imqar l-għażż jieħu d-dekor. Ma nħossx li r-Rivista tagħna qed titgħażżen għaliex minflok erba' ħarġiet, bejn Ġunju u Settembru toħroġ darbtejn biss. Xi laqgħat ta' l-għaqdiet tal-lajċi wkoll ibexxqu l-bibien tagħhom fix-xhur sajfin. Iżda jekk nammettu li l-għażż missier il-vizzji, jeħtieġ neżaminaw aħniex qegħdin naqgħu f'xi kontradizzjoni.*

*Inizjattiva fejjieda li jorganizzaw l-Għaqdiet Kattoliċi f'Għawdex fix-xhur tas-sajf hija "Il-Kampanja għal Ambjent Moralment Nadif". Din hi inizjattiva f'waqtha fi żmien tal-ewfemiżmi meta s-serq jissejjaħ "business", il-gidba "smartness" jew strateġija, it-tbaħrid divertiment, it-trasgressjoni moda, u n-nuqqas tad-deċenza fil-kliem, fl-ilbies u fl-imġiba, modernità.*

*Id-deċenza suppost m'għandhiex staġuni. Iżda x-xhur tas-sajf jixhdu kif fostna l-ġibda għall-pjaċir tbaxxi s-sens tal-livell tar-responsabbiltà u tirbaħ fuq it-trażżin tad-deċenza. Għadd kbir ta' Maltin u barranin jiġu Għawdex fis-sajf biex jistrieħu u jiddevertu. Ċertament merħba bihom! Imma min jiddeverti m'għandux iqis lil Għawdex kollu qisu xtajta waħda, minn Marsalforn sax-Xlendi, mid-Dwejra sa Ħondoq ir-Rummien. Dan jgħodd għan-nisa... u wkoll għall-irġiel - għax mhux l-ewwel darba li tiltaqa' ma' rġiel jippassiġġaw jew jixorbu fuq mejda fil-qalba tar-Rabat żaqqhom mikxufa, fil-pompożità u majestożità tagħha, lebsin biss "shorts" addattat għax-xtajta. U jkun hemm Għawdxin li jittieħdu malajr minn dawn il-modi. Madankollu naf b'membri tal-korp tal-pulizija li b'mod edukat ma jħallux għaddejja din l-indeċenza.*

*Il-lejl tas-sajf qasir. Iżda llum l-industrija tad-divertiment tgħożż u tisfrutta sa l-inqas minuta tiegħu... u fih tisfrutta wkoll liż-żgħażagħ bix-xorb u d-droga. Min imbagħad b'xorti ħażina jinzerta joqgħod qrib post tad-divertiment jibqa' nagħsu ħafif "weekend" wara l-ieħor għaliex il-ħsejjes ma jiqfux qabel is-sebħ. Miskin il-marid! U donnu f'Għawdex imkien m'hu 'l bogħod għax il-karrozzi b'"mużika" tgħajjat u ssabbat jitferrgħu mal-gżira xħin jagħlqu d-discos – argużini tat-triqat!*

*Fis-sajf ukoll, m'hemmx Ħadd wieħed mingħajr il-festa f'xi raħal jew ieħor. Il-festa tal-Qaddis Patrun għandha sservi bħala turija u xhieda tal-fidi tagħna – u ħafna minna qegħdin isibu fiha waqtiet għal dan fl-ispiritwalità tal-liturġija u fl-esperjenzi tal-volontarjat. Imma mbagħad, min jattendi għall-marċ tal-ħdax, iħoss li l-festa tista' ssir ċaħda ta' din l-epifanija, għaliex hemm min iqiegħed lil "alla tal-pjaċir" qabel "Alla tal-Qaddis". Attenti li ma jsirx jgħodd għalina l-kliem tal-profeta: "Il-festi tagħkom sirt nobgħodhom u nistmerrhom, ebda gost ma nsib fil-laqgħat tagħkom." (Għam 5:12)*

**Joseph W. Psaila**




*Festi*

**Pompej.** Nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju, ġiet iċċelebrata l-festa tal-Madonna ta' Pompej. Mons. Isqof ħa sehem f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet fis-Santwarju tas-Sorijiet Dumnikani fir-Rabat Għawdex. Fuq l-eżempju tal-Beatu Bartolo Longo li xerred din id-devozzjoni, Mons. Isqof ħeġġeġ sabiex il-komunità nisranija tkompli tinbena permezz tat-talb u l-karità. F'jum il-festa ġiet reċitata wkoll is-Supplika lil Marija taħt it-titlu ta' Pompej.



**Munxar.** Bejn l-10 u l-25 ta' Mejju, il-parroċċa tal-Munxar iċċelebrat il-festa ad unur tal-Patrun tagħha San Pawl Nawfragu. Din is-sena l-komunità parrokkjali fakkret ukoll il-50 sena mit-twaqqif tal-parroċċa, il-75 sena ta' l-istatwa titulari, u l-bidu tas-Sena Pawlina. Fost il-ħafna attivitajiet li saru ġiet miġjuba għall-qima tal-pubbliku r-relikwija insinji ta' San Pawl li tinsab fil-knisja ddedikata lill-Appostlu tal-Ġnus fil-Belt Valletta.

*San Ġorġ Preca*

Nhar it-8 tax-xahar ġie organizzat pellegrinaġġ djoċesan għall-kappella tas-Soċjetà tal-Museum fejn jinsabu l-





fdalijiet ta' San Ġorġ Preca, b'rabta mat-tifkira liturġika ta' dan il-qaddis.

*Saċerdoti*

Is-Sibt, 10 ta' Mejju 2008, f'Dar Manresa, sar seminar għas-saċerdoti fl-okkażjoni tal-25 sena mill-promulgazzjoni tal-Kodiċi tad-Drittu Kanoniku. Is-seminar iffoka fuq is-sagrament taż-żwieġ. Tkellem Mons. Ġużepp Bajada, President tat-Tribunal Reġjonali ta' l-Appell, dwar l-inkapaċità konsenswali għaż-żwieġ u Dun Edward Xuereb, Vigarju Ġudizzjali, dwar id-dritt proċedurali matrimonjali. Is-seminar kien parti mill-*ongoing formation* tas-saċerdoti.

Fl-14 tax-xahar ġie organizzat seminar għall-kappillani li ttratta l-festi parrokkjali. Fih saru diversi suġġerimenti dwar kif jista' jikber u jkun valorizzat aktar is-sens nisrani u formattiv tal-festi tagħna.

Nhar is-Sollennità Liturġika tal-Qalb ta' Ġesú saret siegħa adorazzjoni għas-saċerdoti fil-Fontana, f'jum iddedikat għat-talb għall-qdusija tagħhom. Ġie mitlub l-Għasar u saru ħsibijiet u mumenti ta' talb marbuta ma' l-ispiritwalità saċerdotali.

Mons. Kantur Gregorio Vella minn ta' Kerċem, fakkar għeluq is-60 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju. F'quddiesa pontifikali preseduta minn Mons. Isqof radd ħajr lil Alla għad-don tas-saċerdozju tiegħu.





*Liturġija*

**Vġili ta' Pentekoste.** Nhar is-Sibt, 10 ta' Mejju, ġie ċċelebrat il-Vġili ta' Pentekoste, permezz ta' velja djoċesana fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. F'din il-velja, il-Knisja tiċċelebra l-għoti ta' l-Ispirtu s-Santu lill-Appostli u lill-Knisja. Iċ-ċelebrazzjoni hi waħda rikka ħafna u tinqasam f'diversi partijiet; il-Liturġija tal-Kelma b'4 siltiet mill-Antik Testment, qabel il-kant

ferrieħi tal-Glorja u mbagħad il-proklamazzjoni tal-Vanġelu; il-Liturġija Battezimali; u mbagħad il-Liturġija Ewkaristika li tibda bl-offerti tal-ħxejjex u l-frott flimkien mal-ħobż u l-inbid li tressqu lejn l-artal minn persuni li rrapreżentaw lil kull parroċċa tad-djoċesi.



Fil-Liturġija Battezimali, żewġt itfal, James Josh ta' ħdax-il sena u ħuh Jordon ta' tmien snin rċevew il-magħmudija minn idejn l-Isqof. Il-magħmudija saret *per immersionem*, li toħroġ aktar it-tifsira teoloġika tal-magħmudija kif insibuha fl-ittra lir-Rumani. Wara l-kant tal-Litanija tal-Qaddisin, iċ-ċaħda tax-xitan u l-istqarrija tal-fidi, wieħed wara l-ieħor it-tfal daħlu fil-fonti tal-magħmudija - fonti kbir forma ta' salib, u għal tliet darbiet ġew mgħaddsa fl-ilma f'isem it-Trinità Qaddisa. Fl-aħħar, wara d-dilka biż-żejt tal-Griżma u l-għoti tad-dawl, l-imgħammdin ġodda, lebsin il-libsa l-bajda tal-magħmudija, mxew 'il quddiem fil-knisja biex ħadu l-ewwel post fil-korsija. Fil-waqt tat-Tqarbin, l-imgħammdin ġodda rċevew għall-ewwel darba l-Ewkaristija, turija ta' l-inseriment sħiħ tagħhom fil-komunità li temmen.



Matul dan ix-xahar ġew iċċelebrati wkoll sollennitajiet oħrajn importanti fil-kalendarju liturġiku tal-Knisja; it-Trinità Qaddisa u l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej.

*X'inhu l-iskop ta' "Sena Pawlina"?*

Forsi wieħed jistaqsi: hemm bżonn noqogħdu niċċelebraw dan il-ġublew bimillenarju? Mhux forsi ċelebrazzjoni vojta, anniversarju ieħor bħal ħafna li niċċelebraw minn żmien għal żmien fil-knejjes u komunitajiet parrokkjali tagħna? Iva, din is-"Sena Pawlina" taf tkun tassew bla skop jekk ngħixuha biss minn barra u ma nilqgħux l-istedina profonda u l-isfida serja li qed tagħmlilna l-Knisja bħala Kristjani Maltin li nsejħu lil Pawlu "Missierna tal-Fidi". L-iskop ta' dan l-avveniment jagħtihulna l-Papa stess fil-priedka li għamel meta ħabbar is-Sena Pawlina: **"Għeżież ħuti, l-istess bħal fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, hekk ukoll illum Kristu għandu bżonn ta' appostli li jkunu lesti jissagrifikaw lilhom infushom. Għandu bżonn ta' xhieda u ta' martri bħal San Pawl. Hu għex u ħadem għal Kristu; għaliH bata u miet. Kemm hu attwali llum l-eżempju tiegħu."**

*Djaknu Richard N. Farrugia*



*Varji*

Nhar il-Ġimgħa 9 ta' Mejju, Mons. Isqof żar l-iskola sekondarja għall-bniet *Agius de Soldanis*. Hu kellu laqgħa ma' l-istudenti tal-*Form 2*, li fiha wieġeb għal diversi mistoqsijiet tagħhom. Wara bierek xi proġetti ġodda li saru fl-iskola u ltaqa' ma' diversi studenti li kienu qed jagħmlu użu minnhom, bħas-*Self Learning Centre*, is-*synthetic turf pitch* u l-*food labs/design and technology rooms* fejn l-istudenti servew lill-Isqof xi ikel li ppreparaw ma' l-għalliema tagħhom.

Imbagħad, nhar is-Sibt, 17 tax-xahar il-Leġjun ta' Marija organizza il-Festival Marjan. F'din is-serata permezz tal-kant jingħata ġieħ lill-Marija Santissima filwaqt li ssir promozzjoni tat-talent mużikali.

Kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar il-Moviment Gradwati Għawdxin qed jorganizza quddiesa għall-professjonisti kollha fil-knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat. Fiha ssir omelija speċifikament għalihom u jkun hemm il-possibbiltà tal-qrar.

***ERRATA CORRIGE:***

Fl-apprezzament ta' Mons. Salvino Scicluna, li deher fil-ħarġa ta' April 2008, paġna 44, l-ittri tal-lawrja li hemm wara ismu għandhom jinqraw J.C.D.





# *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:* Konvinti li l-Ewkaristija hija l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu?

*Nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju 2008, festa tas-Sollennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-konċelebrazzjoni sollenni fil-Katidral u għamel din l-omelija:*

***"Jien hu l-ħobż nieżel mis-sema".***
Il-poplu Lhudi meta telaq mill-eżilju ta' l-Eġittu biex jasal fl-Art Imwegħda, esperjenza li ħaditlu tul ta'żmien ta' erbgħin sena, irrikonoxxa l-providenza ta' Alla fl-għoti tal-ħobż nieżel mis-sema; il-manna. Kien dan l-ikel li bih huwa kien jitrejjaq biex jeħodha kontra t-tfixkil li ltaqa' miegħu fid-deżert u kontra n-nixfa tad-deżert biex permezz tiegħu jagħmel il-qalb u jasal fl-Art Imwegħda. Imma għalkemm kellhom il-manna, huma mietu.

***"Min jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem".***
Ġesù jgħin lilna lkoll li ninsabu f'pellegrinaġġ li jrid iwassalna minn din id-dinja, li ħafna drabi hija esperjenza tad-deżert, biex ngħaddu mill-iskjavitù u naslu għall-ħelsien veru fis-Sema pajjiżna. Ġesù lilna tana l-ikel tal-ħajja; il-ħobż nieżel mis-Sema. Mhux aktar il-manna imma l-Ewkaristija, bid-differenza li min jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. Waqt li llum niċċelebraw il-festa tas-sollennità tal-Ġisem u d-Demm Mqaddes ta' Sidna Ġesù Kristu, ejjew nitħeġġu biex ma nitraskurawx dan l-ikel li Alla jipprovdielna.

***'Kif jista' dan jagħtina ġismu biex niekluħ?'***
Jien nibża' li bħan-nies ta' żmien Kristu li quddiem id-diskors ta' Kristu dwar l-Ewkaristija tħawdu u qalu; "Dan kif jista' jkun li jagħtina ġismu biex niekluh u demmu biex nixorbuh", anke llum hawn min jagħmel l-istess domanda b'mod dirett jew b'mod sieket. Anke llum għandna mhux biss dawk li qatt ma semgħu bi Kristu imma ukoll dawk li huma membri fil-Knisja ta' Kristu li mhumiex konvinti li l-Ewkaristija hija l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu; l-ikel li aħna għandna bżonn fil-ħajja spiritwali tagħna. Forsi tistaqsuni għaliex qiegħed ngħid hekk. **Jien nagħmel osservazzjoni waħda. It-tisħib tagħna u l-parteċipazzjoni tagħna fil-quddiesa sejjer il-quddiem jew lura? Kif nispjegaw li għandna numru mhux żgħir minn ħutna li jistgħu jgħaddu mingħajr il-quddiesa tal-Ħadd? Mhux għaliex il-quddiesa ta' matul il-ġimgħa nistgħu ngħaddu mingħajrha jew hija xi lussu. Anke din hija bżonn għaliex aħna ma nieklux darba fil-ġimgħa biss imma nieklu kuljum. Almenu, l-quddiesa tal-Ħadd għandha tkun appuntament li ma nibdluħ ma' xejn u mhux biss nipparteċipaw fl-Ewkaristija imma importanti ukoll il-mod kif aħna nipparteċipaw għaliex hemm min forsi jmur għall-quddiesa imma imbagħad ma jitqarbinx u ma jieħux il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Imbagħad xi ngħidu għall-attenzjoni li għandna nuru biex inħarsu s-sbuħija ta' l-Ewkaristija. Meta qed ngħid sbuħija ma nifhimx biss l-aspett estetiku, jiġifieri dak li jidher madwarna li huwa meħtieġ li nħarsuħ għaliex hekk jixraqlu Kristu preżenti magħna fl-Ewkaristija: Kristu veru Alla u veru bniedem bl-umanità u d-divinità tiegħu. Bi sbuħija nifhem ukoll il-mod dwar kif qed ngħixu dan is-sagrament ta' l-imħabba. Ejjew illum nitħeġġu biex nilqgħu dan il-ħobż nieżel mis-Sema u nitmantnew bih għax huwa biss jista' jissodisfa l-għatx u l-ġuħ tagħna. Huwa biss jista' jqawwina biex aħna naslu fid-destinazzjoni tagħna. Ejjew illum nitħeġġu biex kemm jista' jkun ma nitraskurawx il-quddiesa ta' kuljum. Insibu ħin għal kollox u kif nistgħu ma nsibux ħin għal din il-laqgħa tagħna ma' Ġesù?**

***Is-sehem tan-nisrani fil-quddiesa***
F'xi uħud mis-sagristiji tagħna hemm miktub messaġġ għalina l-qassisin qabel noħorġu nqaddsu: 'Qis li din hija l-ewwel quddiesa tiegħek, l-unika quddiesa tiegħek u l-aħħar quddiesa tiegħek'. Kieku jien flimkien magħkom is-saċerdoti nżommu dan il-messaġġ quddiem għajnejna kuljum, kieku żgur li jagħmlilna ħafna ġid. Dan jgħodd għalikom ukoll għeżież tiegħi; intom li tridu tfittxu mhux biss il-quddiesa tal-Ħadd u tassumu li hija l-ewwel u l-aħħar quddiesa biex tgħixuha b'din id-devozzjoni u mħabba imma ukoll il-quddiesa ta' kuljum.

Għalhekk filwaqt li nkomplu naduraw lil Iben ta' Alla preżenti fostna u nissieħbu fis-sagrifiċċju tal-quddiesa, fejn Kristu joffri lilu nnifsu lil Missier għall-fidwa tagħna, ejjew ningħaqdu b'mod sħiħ miegħu biex dan il-Ħobż Ħaj jagħtina l-ħajja ta' dejjem.

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

*Kummentarju (1)*

# "Il-Ħeġġa għal Darek Fnietni" (Ġw. 2: 17) ... U lilna, x'qed jifnina?



kitba tar-REV. KAN ĠILJAN REFALO RAPA

**Sentenza ta' ftit kliem imma għandha sinifikat kbir u qaddis għalina li nħaddnu t-tagħlim tal-Vanġelu. Tant hu hekk li malli semgħuha l-appostli dakinhar meta Kristu keċċa l-bejjiegħa mit-tempju, fehmu l-ħtieġa u s-siwi tagħha: il-ħeġġa u r-rispett għad-Dar t'Alla!**

Kemm qegħdin tassew aħna napplikaw din is-sentenza bl-imġieba tagħna meta nżuru d-Dar tal-Mulej bħala komunità li temmen u tfaħħar lill-Mulej għall-għeġubijiet li jwettaq kontinwament magħna l-bnedmin? Minn banda għandna parroċċi kburin bl-unuri sbieħ u ta' preġju li ngħataw lill-knejjes tagħhom, u hekk għandu jkun, u li jagħmlu minn kollox biex ta' kull sena jżidu xi opra tal-arti fihom u b'hekk jiċċelebraw il-festi tal-Madonna u tal-Qaddisin patruni tagħhom billi jieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha. Mill-banda l-oħra, n-numru ta' dawk li qegħdin jabbużaw u jmorru l-knisja bl-ilbies mhux xieraq, qed kulma jmur jiżdied u jqajjem tħassib serju fost dawk kollha li għandhom f'idejhom it-treġija tal-komunità parrokkjali.



F'Ġerusalem



F'Għawdex

### *Ilbies deċenti*

L-użu tal-għonnella, tal-berita u tas-sidrija kienu jagħtu xhieda tat-twemmin tagħna bħala poplu nisrani li jagħraf u jgħożż il-valuri morali. Issa li dan spiċċa, għaliex maż-żmien kollox jitbiddel, għadna ma għażilniex u żammejna stil ta' lbies li jkun xieraq għall-istima u l-għożża tad-Dar tal-Mulej. **Qegħdin nillaxkaw u wasalna biex immorru l-knisja b'ilbies l-aktar sfaċċat.** Ittieħdu ħafna miżuri, sa wasalna biex poġġejna fil-bibien tal-knejjes għad-dispożizzjoni, sew għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, ilbies xieraq li jista' jintlibes mingħajr diffikultà. Iżda bqajna l-istess, jekk mhux ukoll morna għall-agħar. Hemm bżonn li lkoll kemm aħna li għandna rieda tajba ningħaqdu flimkien u b'determinazzjoni nwaqqfu l-abbuż tal-ilbies sfaċċat li bih jidħlu fid-Dar t'Alla, x'uħud minna u anke turisti.

### *Nidħlu daħla fina nfusna*

Id-dmir tiegħek u tiegħi bħala membri ħajjin fil-Knisja ta' Kristu, jitlob minna f'kull ħin u f'kull waqt li nkunu xhieda ħajja ta' dan it-twemmin. Iżda dan il-għan mhux talli ħafna minna m'humiex jilħquh, imma qed ikunu għodda f'idejn ix-xitan sabiex jikkumbattuh u jġibuh fix-xejn. Ma nistgħux inħallu għaddejjin, bla ma nagħtu każhom, it-twissijiet li jagħmlulna l-kappillani u retturi







*"DARI DAR TAT-TALB TISSEJJAĦ..."*



tal-knejjes sabiex nidħlu fid-Dar tal-Mulej lebsin ilbies addattat għall-lokal qaddis li hija d-Dar t'Alla. Nieqfu ftit u nistaqsu lilna nfusna, għaliex meta nkunu mistiedna għal xi okkażjoni partikulari, nagħmlu minn kollox biex nidhru eleganti u puliti, kif jitlob is-sens komun u d-deċenza, imbagħad nagħlqu għajnejna u nibqgħu indifferenti meta nieħdu sehem fil-liturġija mqaddsa?

***Abbużi sfrenati ta' arroganza***

Il-kwalità ta' lbies u manjieri li bihom xi uħud qegħdin iġibu ruħhom fid-Dar t'Alla,qegħdin kulma jmur jagħtu xhieda ċara ta' kemm il-fidi tagħna hija dgħajfa u niżlet f'livell baxx. **Hemm bżonn li nisforzaw l-impenji tagħna,u kull direttiva tiġi applikata bis-serjetà**. Spiċċa ż-żmien li d-direttivi jiġu stampati, esposti fin-*notice boards* u mqassma fid-djar.Trid tittieħed azzjoni u tiġi esegwita bis-serjetà.

1) **Ħadd, ikun min ikun, m'għandu jitħalla jidħol il-knisja b'ilbies sfaċċat**. Eżempju ta' dan tawhulna dejjem fost l-oħrajn ir-retturi tal-knisja santwarju bażilka Ta'Pinu, fejn jinviżtawha ta' kuljum mijiet ta'Għawdxin, Maltin u turisti.
2) **Għandha ssir konsultazzjoni ma' l-għarajjes fil-preparazzjoni tal-festa tat-tieġ** biex jinsistu ma' dawk kollha li jieħdu sehem fuq l-artal, b'ilbies deċenti. M'għandux ikun hemm skużi.
3) **L-ebda lettur raġel jew mara ma jitħalla jieħu sehem jekk ma jkunx liebes deċenti**. Hekk biss tista' titrażżan il-mewġa ta' abbużi li qegħda xxejjen l-imġieba qaddisa tagħna fid-Dar t'Alla. Il-ħtija hi u tibqa' dejjem tagħna lkoll jekk nibqgħu indifferenti u ma nieħdu l-ebda azzjoni tajba biex inżommu d-dekor, almenu fil-knisja...

A Whole New Look

Sharmain's
Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073



SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



# X'għadda minn għalina



**Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri**

## *Tagħlaq 100 sena*

Pawla Scicluna, xebba mir-Rabat, Għawdex jew aħjar mill-inħawi ta' Pjazza Savina, nhar il-Ħadd 4 ta' Mejju laħqet l-età venerabbli ta' 100 sena.

Għal din l-okkażjoni nhar is-Sibt 3 ta' Mejju, filgħaxija, fil-Knisja Katidrali, l-Isqof Emeritu għal Għawdex, Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi kkonċelebra quddiesa ta' ringrazzjament flimkien man-neputi tagħha, Mons. Joseph Bezzina u saċerdoti oħra. Pawla tappartjeni lill-Parroċċa tal-Katidral u sa 90 sena kienet għadha tiffrekwenta regolarment il-Knisja Katidrali.



*Mons. Isqof Nikol G. Cauchi jifraħ lil Pawla Scicluna, fl-okkażjoni ta' 100 sena ħajja.*



*Il-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi waqt iż-żjara li għamel lil Pawla Scicluna.*

Pawla sarulha diversi żjarat, fosthom mill-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi u martu Kate, li ppreżentalha rigal żgħir ta' l-okkażjoni.

Pawla li sa ftit snin ilu kienet għadha toqgħod waħedha f'dar fi Triq l-Assunta, illum tinsab fid-Dar tas-Sorijiet Dumnikani, fir-Rabat, Għawdex.

Sadattant ċelebrazzjoni ta' quddiesa oħra saret il-Ħadd 4 ta' Mejju, filgħaxija, fil-knisja ta' Pompej, ir-Rabat fejn wara sarilha riċeviment ta' l-okkażjoni mill-Komunità tas-Sorijiet Dumnikani.

## *Festival ta' Kant Marjan mil-Leġjun ta' Marija*

Is-Sibt 17 ta' Mejju, fil-għaxija, fl-Oratorju Don Bosco Victoria, ġie organizzat il-Festival ta' Kant Marjan għad-39 darba. Ħadu sehem 27 kantant maqsumin fi tliet kategoriji skond l-età, kif ukoll żewġ korijiet u żewġ kantanti mistednin. Ir-rebbieħa kienu dawn.

**A:** Martha Galea bis-*song 'Aurora'*, **B:** Marisa Galea b'*Tama mingħajr tmiem*, **C:** Jamie Camilleri u Maria Grech Magro bis-*song 'F'nofs imkien'*, **D:** Kor: *Don Bosco Kids* bis-*song 'Int kont hemm'*. L-aħjar lirika kienet ta' Dun Joe Meilak bil-kliem ta' *Aurora*, waqt l-aħjar mużika oriġinali ntrebħet minn Miriam C. Warner bil-kanzunetta *Is-Sliem għalik Marija*.



*Marisa Galea, mir-Rabat, Għawdex li ġiet fl-ewwel post, f'kategorija B, fil-Festival Marjan. Kantat "Time to Say Goodbye", ta' Andrea Bocelli, b'lirika "Tama Mingħajr Tmiem" miktuba minn Christene Warner. Kategorija B kienet għall-parteċipanti bejn it-12 u l-14-il sena.*

Qabel qassam il-premjijiet lir-rebbieħa, l-Isqof Mario Grech ferħilhom, irringrazzja lill-kompetituri kollha u l-organizzaturi tas-sehem li taw u talli qed jinkoraġġixxu t-talent lokali. Qal li l-kant jagħmilna ferħanin u li l-lirika tal-kanzunetti barra milli tfaħħar lill-Ommna Marija kien fiha ħafna ħsibijiet sbieħ.



*Marisa Galea tidher tiġi ppreżentata t-trofew minn Mons. Isqof Mario Grech. Jidher ukoll il-President tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex, Carmel Bajada.*

## *Jiltaqa' ma' l-Għaqdiet Ċivili u Kummerċjali*



*Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni f'laqgħa, f'lukanda f'Għajnsielem, mar-rappreżentanti tas-Soċjetà Għawdxija.*

Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni nhar il-Ħamis 24 ta' April, 2008, iltaqa' mar-rappreżentanti tal-*Gozo Business Chamber*, il-*Gozo Tourism Association*, rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali Għawdxin, rappreżentanti tal-*General Workers' Union*, l-Union Ħaddiema Magħqudin, il-*General Retailers and Traders' Union* u l-Kurja t'Għawdex . L-għan ewlieni ta' din il-laqgħa kien sabiex jiġi diskuss il-ħsieb li jiġi stabbilit il-Kumitat Reġjonali għal Għawdex fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku (*MCESD*).

Dr Said spjega li l MCESD huwa kunsill li jilqa' fi ħdanu rappreżentanti tal-Gvern, ta' min iħaddem u tal-ħaddiema u li l-funzjoni ewlenija tiegħu hija li jitratta temi ta' importanza nazzjonali, fl-oqsma soċjali u ekonomiċi. Huwa qal ukoll li l-Gvern se jerġa' jwaqqaf l-*Malta-EU Steering Action Committee* (*MEUSAC*) u li dan il-kumitat se jkun jaqdi l-għan li jkun hemm aktar informazzjoni u l-konsultazzjoni pubblika fejn jidħlu d-direttivi u leġiżlazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Dr Said saħaq illi l-għan tal-Kumitat Reġjonali t'Għawdex ser ikun biex iħeġġeġ diskussjoni aktar miftuħa u ffukata fuq suġġetti speċifiċi u kurrenti li jolqtu l-gżira għawdxija. Hu żied li l-*MCESD* f'Għawdex għandu jkun strumentali biex wieħed jifhem aktar il-bżonnijiet u r-realtajiet t'Għawdex fuq livell nazzjonali.

## *"Sports Day" għat-tfal li jattendu l-iskejjel primarji*



*L-attivitajiet sportivi li ġew organizzati fil-Kumpless Sportiv, fir-Rabat, Għawdex.*

Tfal li jattendu numru ta' skejjel primarji ġo Għawdex, ħadu sehem f'attivitajiet sportivi li ġew organizzati mill-Kumpless Sportiv, nhar it-Tnejn 19 u t-Tlieta 20 ta' Mejju.

F'din l-attività, li ġiet organizzata mill-Kulleġġ t'Għawdex, barra skejjel tal-Gvern ħadu sehem ukoll skejjel tal-Knisja, u b'hekk din l-attività ingħatat dimensjoni iktar wiesa' u reġjonali. Tfal tal-klassijiet mit-tielet sas-sitt sena kkompetew ukoll f'diversi logħob u fl-aħħar ir-rebbieħa ġew ippreżentati bil-medalji.

L-aħħar sessjoni kienet tinvolvi l-preżentazzjoni ta' trofej lir-rebbieħa tat-*teams* tal-*football* u tan-*netball* li ilhom jikkompetu f'*tournament* bejn l-iskejjel primarji għawdxin tul din is-sena skolastika. Din is-sena, rebħu l-logħob tal-*football* it-team mill-iskola tal-Konservatorju ta' l-Isqof filwaqt li l-iskola primarja Mons. G. Andrea Vella taż-Żebbuġ ħadu l-premju tan-*netball*. Ġew imqassma wkoll trofej lill-iskejjel primarji ta' Kerċem u ta' Għajnsielem bħala turija ta' logħob ġust.

Fil-messaġġ tagħha ta' l-okkażjoni, Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, qalet li din l-attività, minbarra li tipprovdi lill-istudenti b'esperjenza edukattiva pożittiva, isservi ukoll biex tgħallimhom il-valuri marbuta ma' l-ipprattikar ta' l-i*sports* inkluż is-saħħa fiżika, l-importanza tat-*teamwork* kif ukoll is-sodisfazzjon li jġib l-i*sports*.

Il-Ministru żiedet tgħid li dawn l-attivitajiet iservu bħala mezz ta' integrazzjoni fejn it-tfal, minn età żgħira, jitgħallmu jirrispettaw il-prinċipji tas-sistema edukattiva.

## *Xogħol ta' restawr f'Ta' Pinu*



Matul ix-xahar ta' Mejju kif ukoll fil-bidu ta' Ġunju, 2008, sar xogħol ta' restawr fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu, fis-Santwarju ddedikat lilha, fl-Għarb.

Ġiet installata sistema ta' dwal ġodda, rranġar tal-madum ta' l-art kif ukoll il-ħitan u pavaljun ġdid tad-drapp għal mal-Kwadru tal-Madonna.

Fr Gerard Buhagiar, Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu enfasizza li l-iskop ta' dawk li jżuru l-kappella għandu jkun wieħed ta' ġabra f' talb fis-skiet.



## *"The Button Box - A journey around the world"*



Nhar is-Sibt, 3 ta' Mejju 2008, l-istudenti ta' l-iskola primarja Sir Arturo Mercieca tal-Belt Vittorja tellgħu żewġ *shows*, bl-isem ta' *The Button Box - a journey around the world,* fejn għalihom attenda pubbliku numeruż.

Madwar 200 student fl-età ta' bejn 7 u 11-il sena ħaduna fi vjaġġ mużikali madwar il-globu. Kull vjaġġ għandu l-bidu tiegħu. U anke dan il-vjaġġ beda meta żewġt itfal kienu għand in-nanna tagħhom. Bi żball, waqqgħu kaxxa mimlija buttuni. X'ħin flewhom sew, innutaw li l-buttuni mhumiex kollha l-istess. Apparti d-daqs, il-kulur u l-forma, kull buttuna għandha l-istorja tagħha. Id-diversità ta' dawn il-buttuni ħaditna l-Awstralja, iċ-Ċina, il-Ġamajka, l-Afrika, l-Irlanda u l-Indja, kif ukoll f'xeni ta' baħrin, l-Ewwel Gwerra Mondjali u f'ambjenti teatrali oħra.

Il-vjaġġ kien taħt id-direzzjoni mużikali ta' Mariella Spiteri u d-direzzjoni artistika ta' Ġorġ Mizzi. *The Button Box* kien vjaġġ tassew sabiħ kemm għall-pubbliku kif ukoll għat-tfal stess li ħadu sehem. Dawn l-esperjenzi teatrali jgħinu lit-tfal b'mod edukattiv billi jgħinuhom jiżviluppaw l-għarfien ġeografiku u folkloristiku kif ukoll ikabbru l-kunfidenza fihom infushom, dixxiplina, joħorġu t-talenti tagħhom u jidraw jaffaċċjaw udjenza.







## *"Let's Gozo"... sena wara*



*Joe Muscat, Segretarju tal-GTA jidher jindirizza lil dawk preżenti, f'Ta' Mena.*

L-Assoċjazzjoni Għawdxija tat-Turiżmu u l-kumpanija *Net Work Publications* fakkru l-ewwel anniversarju minn meta kienet imnedija l-pubblikazzjoni *Let's Gozo*, waqt attività li saret nhar l-Erbgħa 14 ta' Mejju, 2008, f'Ta' Mena, li jinsab fit-triq li tieħu għal Marsalforn.

*Let's Gozo* kienet primarjament imnedija sabiex permezz tagħha jiġi reklamat il-prodott Turistiku Għawdxi fost is-suq domestiku. Din kienet waħda mill-inizjattivi meħuda mill-Assoċjazzjoni Għawdxija tat-Turiżmu, b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex u l-kumpanija *Gozo Channel* taħt dak li kien il-Ministeru ta' l-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informatika, bħala parti mill-ħidma tagħhom biex jiġi attirat it-turiżmu intern lejn Għawdex, speċjalment fix-xhur anqas popolari.

Illum, sena wara, din l-inizjattiva flimkien ma' oħrajn li ġew indirizzati għall-istess għan jidher li qed jagħtu riżultati mixtieqa. Matul is-sena li għaddiet, figuri relatati man-numru ta' Maltin li qasmu lejn Għawdex biex iqattgħu xi jiem ta' btala fi tmiem il-ġimgħa, żdied konsiderevolment. Fil-fatt matul l-2007, in-numru ta' Maltin li qagħdu ġewwa lukandi u *guesthouses* f'Għawdex żdied bi 11 fil-mija, filwaqt li ġiet irreġistrata żieda ta' 12 fil-mija fin-numru ta' ljieli li dawn il-Maltin qattgħu ġewwa Għawdex, meta mqabbla mas-sena 2006. It-Turiżmu Intern jiġġenera l-kummerċ tant meħtieġ biex isostni u jgħin sabiex jittaffew l-iżvantaġġi li jbati minnhom is-settur turistiku għawdxi kawża ta' l-istaġjonalità. Fl-istess waqt jiġi proponut il-potenzjal tal-gżira ta' Għawdex bħala destinazzjoni turistika għal matul is-sena kollha.



*Uħud minn dawk preżenti għall-attività li fakkret l-ewwel anniversarju minn meta kienet imnedija l-pubblikazzjoni "Let's Gozo".*

L-informazzjoni u l-kontenut editorjali tal- pubblikazzjoni *Let's Gozo* litteralment jagħtu stampa ħajja tal-ħajja moħbija ta' Għawdex, filwaqt li tesponi l-awtentiċità u l-karatteristiċi tal-gżira ta' Għawdex u n-nies tagħha. Dan il-*magazine* jitqassam b'xejn kull xahar f'numru ta' djar madwar Malta u Għawdex , kif ukoll fuq il-vapuri tal-*Gozo Channel.*

Dawk preżenti ġew indirizzati minn Paul Scicluna, President tal-GTA, Joe Muscat, Segretarju tal-GTA, Ms. Sandra Aquilina, Editur, u Daniel Cilia, fotografu għawdxi.

## *Il-Promozzjoni ta' Għawdex fl-Industrija*

Ġie organizzat seminar informattiv f'Għajnsielem mill-*Malta Enterprise* b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex u l-Kamra tan-Negozju ta' Għawdex.

Is-seminar li sar fis-sala tar-*Respite Centre*, f'Għajnsielem, nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju, filgħodu, kellu l-għan li jippromwovi lil Għawdex għall-industrija speċjalment dik relatata ma' l-oqsma tal-manifattura u s-servizzi. Kien ukoll intenzjonat biex iżid l-għarfien fost industrijalisti u kummerċjanti Għawdxin dwar skemi varji ta' inċentivi għall-industrija li huma amministrati mill-*Malta Enterprise.* L-informazzjoni mgħoddija minn uffiċjali tal-*Malta Enterprise* matul dan is-seminar kienet iffokata fuq inċentivi għall-kumpaniji li jixtiequ jibdew joperaw f'Għawdex. Inċentivi mmirati wkoll biex kemm jista' jkun jilqgħu għall-isfidi partikolari li jinħolqu minħabba l-insularità doppja ta' Għawdex.



*Uħud minn dawk li kienu preżenti għas-Seminar f'Għajnsielem. Mix-xellug għal-lemin jidhru, Joseph G. Grech, Kap Eżekuttiv, tal-Kamra tan-Negozju ta' Għawdex, Dennis Vella, Kap, Local Business Development, Malta Enterprise; John Magro, Direttur Maniġerjali tal-Kumpanija, Magro Bros.; il-Ministru Giovanna Debono; Pierre Theuma, Kap, Business Support and Innovation, Malta Enterprise u Joe Grech, president, tal-Kamra tan-Negozju ta' Għawdex.*

Ħafna minn dawn l-inċentivi huma miftuħa partikolarment għall-industrija tal-manifattura li hija eliġibbli għall-għajnuna skond il-leġiżlazzjoni attwali taħt il-*Business Promotion Act* jew il-*Malta Enterprise Act.* Imma l-korporazzjoni tamministra inċentivi oħrajn taħt l-*Income Tax Act* bħal ma hu l-każ ta' l-*e-commerce tax credit scheme* li ġiet imnedija dan l-aħħar. Dawn l-iskemi huma miftuħa għal kull attività ekonomika amministrata kemm minn kumpaniji kif ukoll minn individwi. Dawk li attendew ingħataw dettalji oħra li għandhom relevanza partikolari għal Għawdex, dwar is-servizzi ta' għajnuna lill-industrija u intrapriżi kummerċjali mogħtija mill-*Malta Enterprise.* Dawn is-servizzi jinkludu konsultazzjoni għall-internalizzazzjoni, livelli ta' kwalità, temi ambjentali, u għajnuna għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti internazzjonali bħal fieri speċjalizzati u esebizzjonijiet barra minn Malta. Kumpaniji li jkunu għadhom fil-bidu ta' l-operat tagħhom jingħataw ukoll l-għajnuna meħtieġa fil-fażi inizjali.

Is-seminar ġie indirizzat ukoll mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono. Il-Ministru saħqet dwar il-ħtieġa li l-intraprendituri u kummerċjanti għawdxin isiru jafu aktar dwar l-għajnuna mogħtija mill-Gvern permezz ta' l-iskemi mħaddma mill-*Malta Enterprise.* B'hekk ikunu jistgħu jużawhom aħjar u fuq kollox tiġi mgħejjuna u ffaċilitata l-industrija f'Għawdex.

Il-Ministru Debono żiedet tgħid illi wħud minn dawn l-iskemi huma finanzjati mill-Unjoni Ewropea filwaqt li fakkret li Għawdex ser jibbenefika mill-inqas 10% tal-fondi allokati għal Malta fil-perjodu finanzjarju 2008-2013. Dennis Vella, Joe Azzopardi u Pierre Theuma, uffiċjali tal-*Malta Enterprise* għaddew l-informazzjoni relatata ma' inċentivi u inizjattivi ġodda biex Għawdex jiġi promoss bħala destinazzjoni reġjonali għal proġetti ġodda. Is-seminar ġie ndirizzat ukoll minn Joe Grech, president tal-Kamra tan-Negozju ta' Għawdex.

## *Tiftaħ il-Kampanja Favur Ambjent Moralment Nadif*



*Mons. Isqof Cauchi waqt il-kelmtejn li għamel fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Kampanja favur ambjent moralment nadif.*

L-Azzjoni Kattolika fetħet il-Kampanja Annwali favur Ambjent Moralment Nadif nhar it-Tlieta 13 ta' Mejju fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu, magħrufa bħala Ta' Ħamet. Minn dejjem kienu jintużaw knejjes marjani; dawn l-aħħar snin qegħda tintgħażel din il-knisja partikulari peress li tilqa' fiha l-istatwa "djoċesana" tal-Madonna ta' Fatima u l-anniversarju ta' l-ewwel dehra - f'nofs Mejju - hi data addattata ħafna.

Saret siegħa Adorazzjoni Ewkaristika, mibdija u magħluqa mir-rettur Mons Karm Hili, l-Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan. Wara li Ġuża Grech, mid-Direttorju Djoċesan qasmet ħsieb addattat, ingħad ir-rużarju mżewwaq b'kant u riflessjonijiet pjuttost oriġinali. Waqt ir-recità tar-rużarju tpoġġew ħames bukketti fjuri quddiem il-Madonna.

Imbagħad kien imiss lil Ġanninu Cremona, Viċi President Djoċesan ta' l-Azzjoni Kattolika sabiex jaqra żewġ poeżiji miktuba minnu stess dwar ir-rispett li n-nisrani għandu jkollu lejn l-ambjent naturali u morali u l-ħsara li sseħħ jekk wieħed ma jimxix mal-pjan ta' Alla. Qabel il-Barka Sagramentali saret meditazzjoni f'forma ta' talba lill-Ispirtu s-Santu.

It-tieni parti tal-laqgħa kienet quddiesa ċelebrata minn Mons. Isqof Nikol Cauchi, flimkien ma' tliet konċelebranti. It-tabib Sunny Galea qara l-lezzjoni, Mons. Rozario Ġużeppi Borg qara l-Vanġelu u Antoine Vassallo, mid-Direttorju Djoċesan, qara t-Talbiet tal-Fidili.



*Membri ta' l-Azzjoni Kattolika miġbura għaċ-ċelebrazzjoni tal-kelma fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu, f'Ta' Hamet.*

Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof Cauchi emfasizza li d-dehriet ta' Fatima huma importanti: minħabba il-mirakli u l-konverżjonijiet li seħħew, minħabba l-bosta ħidmiet pastorali u anki minħabba sehem il-papiet. Semma lill-Papa Piju XII li fl-1942 (fil-ġublew tal-fidda tal-ġrajja) għamel l-ewwel konsagrazzjoni tad-dinja lill-Madonna. Din ġiet ripetuta minn Pawlu VI fl-1967 (il-ħamsin anniversarju); anzi ħareġ dokument *"Signum Magnum"* biex jikkonferma l-maternità spiritwali tal-Madonna bħala Omm il-Knisja. L-Isqof kompla jisħaq favur il-konsagrazzjoni tagħna l-insara lil Ommna Marija, anki ta' pajjiżna u tal-familja tagħna. "Il-konsagrazzjoni rridu ngħixuha b'mod awtentiku: inwettqu fil-ħsieb, fil-kliem u fl-għemil dak li jrid Alla." Mons. Isqof esprima d-dispjaċir tiegħu li qegħdin ngħixu f'soċjetà marida - saħansitra tiftaħar bil-ħażen! Għamel stedina għall-Kristjaneżmu matur. U sabiex wieħed ifittex il-qawwa biex jirreżisti l-attakki u biex in-nisrani jirsisti fl-appostolat.



*Il-pellegrinaġġ ta' talb bl-istatwa djoċesana tal-Madonna ta' Fatima.*

It-tielet parti tal-programm ħadet forma ta' pellegrinaġġ madwar l-inħawi bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima, waqt talb u kant. Il-konklużjoni saret fil-knisja.

## *Attività Annwali ta' l-Iskawz*



Il-*Victoria Scout Group* organizza il-'*Car Wash*' annwali tiegħu nhar is-Sibt 26 ta' April bejn it-tmienja ta' filgħodu u t-tmienja ta' filgħaxija. Matul dan il-ħin, l-Iscowts u voluntiera oħra ħaslu madwar 200 karrozza. Inġabret is-somma ta' madwar 1560 Ewro. Din id-darba il-flus se jinqasmu bejn l-*Arka Respite Centre*, il-kumitat li ħa ħsieb biex jittella' l-monument f'ġieħ il-Papa Ġwanni Pawlu II u l-*Victoria Scout Group*. Il-*Group* jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li għenu biex din l-attività tkun suċċess.



## *Kommemorazzjoni tas-"Sette Giugno"*



*Waqt id-daqq ta' l-Innu Malti. Jidhru fost oħrajn, l-Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xagħra, Mons. Carmelo Refalo, l-ex-Speaker Anton Tabone, is-Sindku tal-Lokalità tax-Xagħra, Joe Cordina, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, Mario Calleja, Direttur Ġenerali u Joseph Portelli, Direttur, Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex, Vincent Grech, il-Kunsillier Joseph Bartolo u Kevin Sciberras, Kap tat-Taqsima tal-Kultura, f'Għawdex.*

F'Għawdex ġiet imfakkra l-ġrajja storika tas-*Sette Giugno* nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju, b'ċelebrazzjoni ta' quddiesa mill-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo, fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina, fix-Xagħra. Iċ-ċerimonja tkompliet fi Triq Bullara ħdejn id-dar fejn kien joqgħod Ġużeppi Bajada, li nhar is-7 ta' Ġunju,1919, inzerta kien Malta sabiex jiġbor il-passaport tiegħu. Hawnhekk, mal-ħajt tad-dar, wieħed isib irħama li tfakkar din il-ġrajja. Jessica Gatt u Michela Farrugia, żewġt ibniet li jattendu s-sitt klassi ta' l-Iskola Primarja Patri Mattew Sultana, fix-Xagħra, qraw messaġġi ta' l-okkażjoni, waqt li Nicholas Frendo qara poeżija, miktuba għall-okkażjoni mill-Kavallier Joe M. Attard. Il-Kor ta' l-Iskola Primarja Patri Mattew Sultana, taħt id-direzzjoni ta' l-għalliema Mariella Spiteri, kanta diversi innijiet, fosthom l-Innu lil Għawdex u l-Innu Malti.

Wara li ndaqq il-'*Last Post*' u r-'*Reveille*', mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta, '*Gunner*' Jason Borg u '*L/Bdr.*' Adrian Brincat qiegħdu bukketti ta' fjuri mal-ħajt tad-Dar fejn kien joqgħod Ġużeppi Bajada, minn diversi,



*Kor iffurmat minn studenti tar-4 klassi ta' l-iskola primarja Patri Mattew Sultana, tax-Xagħra, jidhru waqt il-kant ta' l-Innu lil Għawdex.*

fosthom il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Sindku tal-Lokalità, Joe Cordina, Vincent Grech, għan-nom tal-Kultura f'Għawdex, Raymond Bonello, Segretarju tax-*Xagħra United F.C.*, 'Dame' Marianne Zammit, Assistent Kap ta' l-Iskola Primarja tax-Xagħra u Joseph Bajada, President tal-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Laburista. Żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija mir-Rabat, Għawdex, Savio Vassallo u Michael Tabone, skjerati wieħed kull naħa mal-ħajt fejn hemm l-irħama kommemorattiva, iffurmaw gwardja ta' l-unur.

Iċ-ċerimonja spiċċat bil-kant ta' l-Innu Malti.



*Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono tidher tpoġġi bukkett fjuri taħt l-irħama komemmorattiva.*



*Jason Borg (Gunner, fuq ix-xellug) u Adrian Brincat (L/Bdr.) membri tal-Forzi Armati ta' Malta, waqt id-daqq tal-'Last Post'.*



*Jessica Gatt u Michela Farrugia jidhru jwasslu lil dawk preżenti messaġġi kommemorattivi.*

## *Espressjonijiet varji ta' talent fi skejjel f'Għawdex*



*Joe Attard, Kap taċ-Ċentru ta' l-Arti u l-Artiġanat, Wistin Camilleri, f'Għajnsielem jidher qed jagħmel id-diskors tiegħu ta' l-okkażjoni. Fuq ix-xellug tiegħu tidher il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.*

Hekk kif resqin għall-egħluq ta' sena skolastika oħra, bosta skejjel qed jorganizzaw attivitajiet li jiġbru l-qofol tal-ħidma li tkun saret fl-iskola rispettiva matul is-sena. Dan qed jiġri wkoll f'Għawdex meta dan l-aħħar ġew mtella' għadd ta' esebizzjonijiet u ċelebrazzjonijiet f'diversi skejjel fi ħdan il-*Gozo College*.

Il-ħidma u l-progress li sar permezz tat-tagħlim u t-taħriġ fiċ-Ċentru ta' l-Arti u l-Artiġanat, Wistin Camilleri, f'Għawdex ġie espost f'wirja mpressjonanti mtella' ġewwa ż-żewġ swali tal-wirjiet fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex. Dan esprimietu wkoll il-Ministru Giovanna Debono meta kienet qed tinawgura din il-wirja, il-Ġimgħa 30 ta' Mejju, liema wirja baqgħet miftuħa għall-pubbliku sal-Ħadd 15 ta' Ġunju.

Kif stqarret il-Ministru stess, fix-xogħlijiet li kien hemm għall-wiri, wieħed seta' japprezza l-qabża fil-kwalità tax-xogħol inkluż dak artiġanali li issa ilu jiġi mgħallem ġewwa din l-iskola għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Ix-xogħol esebit kien jinkludi pittura, bizzilla, ganutell, rakmu, xogħol ta' interzjar u skultura fl-injam, *pyrographgy*, skultura fil-ġebel u xogħol artistiku bil-ħadid u ħġieġ flimkien ma' filugranu u ornamenti oħra. Dan jirrifletti wkoll in-numru ta' korsijiet flimkien man-numru ta' l-istudenti li kienu qed jattendu lezzjonijiet mogħtija ġewwa dan iċ-ċentru. Jirrifletti wkoll l-iżvilupp li sar fl-attendenza u n-numru ta' korsijiet offruti li minn 45 parteċipant f'10 korsijiet fl-1989, matul is-sena li għaddiet telgħu għal 1080 parteċipant f'45 kors differenti fl-arti, artiġanat u snajja oħra. Il-Ministru għal Għawdex spjegat kif il-proġett ta' tkabbir u żvilupp ta' dan iċ-ċentru, anke permezz ta' bini ta' Ċentru għall-Iżvilupp ta' l-Artiġanat, kien intiż biex iżomm snajja' tradizzjonali ħajjin filwaqt li jippromwovi interess fi snajja oħra partikolari, li fi gżira bħal Għawdex għandhom ukoll il-potenzjal li joħolqu opportunitajiet ta' impjiegi.



Il-livell għoli fil-kwalità tax-xogħol li kien esebit huwa dimostrazzjoni ħajja li dan l-iskop qed jiġi milħuq. Iż-żieda fin-numru ta' korsijiet li ser jiġu offruti s-sena d-dieħla, li ser ilaħħaq 56 materja differenti, ser ikomplu jawgura li aktar parteċipanti jitħajru jużaw is-servizzi ta' dan iċ-ċentru, li jilqa' applikazzjonijiet mingħand parteċipanti minn seba' snin 'l fuq.

RIFLESSI — Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard

# 125 Sena minn meta l-Madonna kellmet lil Karmni Grima



Nhar il-Ħadd 22 ta' Ġunju 2008, ħabat il-125 anniversarju minn meta x-xebba twajba Karmni Grima mill-Għarb semgħet il-leħen tal-Madonna mill-kwadru li kien pinġa Amadeo Perugino fis-sena 1619. Dan il-kwadru titulari fis-Santwarju Ta' Pinu jżuruh eluf kbar ta' Maltin u barranin u l-Għawdxin dejjem sabu fih kull għajnuna. Xhieda żgħira ta' dan huma l-kmamar bl-*ex voto* li nsibu fil-qrib tal-kappella oriġinali. Hija drawwa antika ta' l-Għawdxin li matul il-ħmistax-il Erbgħa ta' qabel l-Għid ta' l-Assunta fil-15 ta' Awissu, jidħlu jżuru lill-Madonna f'Ta' Pinu b'kull mezz - bil-mixi, bil-*bus*, bil-karrozza. Ir-Rettur tal-knisja, Fr Gerard Buħagiar ħa wkoll l-inizjattiva li jippreżenta programm ta' siegħa kull nhar ta' Tnejn fil-għaxija fuq Radju Marija biex ikompli jfakkar f'din il-ġrajja li wasslet biex illum fil-Punent tal-Gżira Għawdxija nsibu dan is-Santwarju fil-ġebla Maltija, il-mekka ta' tant devoti marjani. Kien ukoll f'dawn l-inħawi li ċertu Franġisk Portelli mill-Għarb ukoll sema' l-Madonna tkellmu dwar il-Pjaga l-Moħbija li kellu Ġesù, riżultat tat-tbatijiet li minnhom għadda fil-Passjoni ħarxa tiegħu. Benefattur tas-Santwarju Ta' Pinu jibqa' bla dubju Frenċ ta' l-Għarb, bidwi li tant ħabb lill-Madonna u li bl-interċessjoni tagħha fejjaq tant morda fir-ruħ u fil-ġisem.

# Tal-MUSEUM (Rabat) iridu jkabbru

Fil-Belt Victoria għall-grazzja t'Alla għandna ħafna ċentri tal-volontarjat u li l-membri li jattendu fihom jaħdmu b'ġenerożità kbira. Jagħtu parti minn ħinhom u ħafna mill-enerġiji tagħhom għall-formazzjoni ta' dawk li jattendu fihom. Tieħu gost tinnota li ħafna minnhom huma ta' natura reliġjuża. U anke dawk filantropiċi fil-parti l-kbira tagħhom huma mmexxijin minn adulti nsara prattikanti. Dan jgħin ferm biex il-fidi nisranija f'pajjiżna tkompli tkun sostnuta għall-ġid veru tal-bnedmin.

Kull ċentru għandu l-ħidma karatteristika tiegħu. Tas-Soċjetà tal-Museum hija l-formazzjoni nisranija kontinwa permezz tat-tagħlim. Kuljum dawn il-membri jilqgħu fil-klassijiet tal-Qasam tagħhom tfal u żgħażagħ, anke fil-*weekend*, sajf u xitwa, is-sena kollha. Il-ħidma ewlenija tal-membri tal-Mużew hi li jitqaddsu billi jgħallmu t-tagħlim tal-ħajja ta' dejjem u b'qawwithom kollha jgħadduh lill-oħrajn.

Biex iwettqu din il-ħidma qaddisa u tant utli għall-Knisja, jeħtieġu post addattat u dejjem jippruvaw jattrezzaw il-Qasam tagħhom mill-aħjar li jistgħu u jagħmlu ħilithom kollha biex it-tfal u ż-żgħażagħ iwasslulhom il-messaġġ ta' salvazzjoni ta' Ġesù.

Madwar sena u nofs ilu l-Qasam tas-Subien fil-Victoria taw bidu għall-proġett ta' estensjoni tal-bini fuq in-naħa ta' wara li tagħti għal ġol-*ground*. Dan il-blokk bini huwa mmirat li jilqa' fih tliet pjani: isfel insibu *games room* imdaqqsa ħalli qabel it-tagħlim it-tfal u ż-żgħażagħ jirrikrejaw ftit ruħhom u b'hekk ikomplu jiżviluppaw il-karattru tagħhom. Insibu mbagħad il-*ground floor* fejn hemm *store* u *workshop* fejn matul is-sajf isir tant xogħol manwali għall-Premjazzjoni tal-Milied. Ħadu ħsieb jagħmlu wkoll daqsxejn ta' terrazzin bi kċina żgħira annessa miegħu biex fis-sajf jintuża għal xi laqgħat u għal xi *barbique*! Fil-pjan ta' fuq, is-Soċjetà ħadet ħsieb tibni tliet klassijiet flimkien ma' kamra mdaqqsa li 'l quddiem għandha sservi bħala *Media room* fejn jitqiegħed *projector* u *sound system* ħalli l-Messaġġ tal-Fundatur u ta' l-Imgħallem Divin ikunu jistgħu jaslu bla tbatija. Matul is-sajf hawnhekk jintuża wkoll għal xi *quiz* jew gara.



Naturalment ħafna minn dan ix-xogħol għadu biss fuq il-*paper* u fl-imħuħ tad-direzzjoni għax illum kollox jiswa l-flus u s-Soċjetà ma għandha l-ebda dħul minn imkien. Huma biss il-qlub ġenerużi li jgħinu opri bħal dawn u allura s-sular ta' fuq innutajt li għadu ġebel u saqaf. Hija karità utli li tgħin fl-opra tat-tagħlim għaliex kif kien iħobb jirrepeti San Ġorġ Preca: "It-tagħlim huwa l-għajn ta' kull ġid". Ma niftakar qatt li tal-Mużew ħarġu jittallbu xi flus imma jidher li 's-sikkina laħqet l-għadma' u kull tant ikollok tagħmel dak li ma tridx! Issa jiddependi minna nagħtux xi ftit minn dak li Alla pprovdilna, għall-ġid ta' uliedna stess, wara kollox!

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

**Din biss baqagħlna; nieħdu ħsiebha!**

*"Wirt Għawdex has urged Heritage Malta to take immediate action in making the necessary repairs to the historic Kola Windmill in Xagħra, whose antennae were damaged by recent storm winds."*

*Rapport:* **The Times**, *19th May 2008*

**Effett UE (1) - Ċentru għall-Arti u Snajja**

*"The building of the new Crafts Incubation Centre and an extension to the Wistin Camilleri Gozo Centre for Arts and Crafts involved an investment of Euro 850,000 from the European Regional Development Fund ((ERDF) under the Structural Funds Programme for Malta 2004-2006. The Maltese Government funded 25 per cent of the total projects costs."*

*Rapport,* **The Malta Independent**, *26th May 2008*

**Effett UE (2) - Impjant għat-tisfija tad-drenaġġ**

"Ta' min ifakkar li anki jekk l-impjant t'Għawdex tlesta, Brussell diġá ppenalizza lill-Gvern Malti għad-dewmien li kien hemm billi naqqas l-għotja li kellu jagħti b'aktar minn 253,100 Ewro."

**Platernian**, *l-Orizzont, 24 ta' Mejju 2008*

**"Invalidi" aġġettiv ikrah... jew falz?**

*"1,053 from 6,969 recepients of pension awarded to so called "boarded out workers", who are certified to be invalid for work by a government medical board, are from Gozo."*

**James Debono**, *MaltaToday, 28th May 2008*

**Sussidju lill-istampa turistika bl-Ingliż**

"Il-Ministru għal Għawdex ippreżentat ċekk ta' 7,764 Ewro bħala kontribuzzjoni tal-Ministeru biex tinħareġ il-pubblikazzjoni *Let's Gozo* li saret popolari u mfittxija minn ħafna Maltin u Għawdxin."

**Nathaniel Attard**, *Il-Mument, 1 ta' Ġunju 2008*

**Morna tajjeb!**

"Tiġrijiet taż-żwiemel: L-Għawdxi Julian Farrugia jirbaħ erbgħa minn seba' tiġrijiet."

*Rapport -* **Equs**, *In-Nazzjon, 26 ta' Mejju 2008*

**U mhux fit-tiġrijiet taż-żwiemel biss!**

*"Four of Malta's top 10 university towns are in Gozo."*

**James Debono**, *MaltaToday, 1st June 2008*

**Daħlu l-immigranti**

"Il-pulizija kienet infurmata li dawn l-immigranti daħlu fil-Port ta' l-Imġarr, Għawdex. Meta l-pulizija marret fuq il-post irriżulta li fuq id-dgħajsa kien hemm grupp ta' 26 immigrant illegali, li kien jikkonsisti fi 22 raġel u 4 nisa."

*Rapport,* **KullĦadd**, *25 ta' Mejju 2008*

**Baqgħet imsaħħra**

"F'konferenza ta' l-aħbarijiet, Jo Squillo tkellmet dwar kemm hi msaħħra fuq Għawdex. Hi qalet li kull post li saret tixtieq torganizza fih xi attivitá, fosthom fid-Dwejra, li ddeskriviet bħala waħda mill-isbaħ bajjiet fid-dinja."

*Rapport:* **In-Nazzjon**, *27 ta' Mejju 2008*

**Fil-Parlament**

*"Nationalist MP Frederick Azzopardi also complained that certain documents, which had been taken from the Gozo archives and brought to Malta for scanning, had still not been returned. This rendered the Gozo branch not in conformity with the law."*

*Rapport mill-Parlament,* **The Times**, *28th May 2008*

**"To do or not to do..."**

*"General aviation operators are calling on the government to declare its position on proposals for the building of an airstrip for small piston-engined aircraft in Gozo."*

**Christopher Scicluna**, *The Times, 28th May 2008*



## MILL-PARLAMENT

### *Statistika*

261.Mit-tweġiba ta' l-Onor. **Prim Ministru Lawrence Gonzi** għall-mistoqsija ta' l-**Onor. Chris Agius** dwar kemm ingħataw fondi lill-Kunsilli Lokali, lokal b'lokal, joħroġ dan it-tagħrif:

| *Kunsill* | *2007-2008 Lm* | *2007-2008 Ewro* |
|---|---|---|
| Rabat | 160,837 | 374,650.25 |
| Fontana | 45,684 | 106,415.14 |
| Għajnsielem | 99,749 | 232,351.53 |
| Għarb | 75,752 | 176,454.59 |
| Għasri | 59,374 | 138,303.43 |
| Kerċem | 83,360 | 194,176.55 |
| Munxar | 76,943 | 179,229.56 |
| Nadur | 138,368 | 322,309.78 |
| Qala | 95,434 | 222,302.32 |
| San Lawrenz | 52,682 | 122,715.87 |
| Sannat | 70,462 | 164,131.61 |
| Xagħra | 159,579 | 371,718.77 |
| Xewkija | 106,694 | 248,529.43 |
| Żebbuġ | 150,919 | 315,545.75 |

**Seduta 8**, *26/05/2008*

242. Mit-tweġiba tal-Ministru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, l-Onor. **Dolores Cristina**, għall-mistoqsija ta' l-Onor. **Edwin Vassallo** dwar kemm hemm fil-preżent studenti fl-MCAST u minn liema lokalitajiet ġejjin dawn l-istudenti, joħroġ dan it-tagħrif:

| *Lokalità* | *Studenti* | *Lokalità* | *Studenti* |
|---|---|---|---|
| Fontana | 8 | Qala | 15 |
| Għajnsielem | 22 | Victoria | 56 |
| Għarb | 14 | San Lawrenz | 9 |
| Għasri | 3 | Sannat | 13 |
| Kerċem | 25 | Xagħra | 37 |
| Marsalforn | 2 | Xewkija | 38 |
| Munxar | 11 | Xlendi | 1 |
| Nadur | 42 | Żebbuġ | 1 |

**Seduta 8**, *26/05/2008*

### *Għawdex – Pixxina Sportiva*

419. L-Onor. **Justyne Caruana** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid x'sar mill-proposta għall-ftuħ ta' pixxina ġewwa Għawdex? *21/05/2008*

**Onor. Giovanna Debono**: Il-Ministeru qiegħed jaħdem fuq il-pjanijiet biex il-proposta li ssir pixxina ġewwa Għawdex titwettaq kif imwiegħed. **Seduta 10**, *28/05/2008*

### *Għawdex – Impjant tat-trattament tad-drenaġġ*

372. L-Onor. **Charles Buhagiar** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta beda jopera l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ f'Għawdex? Kemm kienet l-istima tax-xogħlijiet? Kemm fil-fatt ġie jiswa dan l-impjant? X'kien il-volum ta' l-ilma li ġie trattat sal-lum? *19/05/2008*

**Onor. Austin Gatt**: Ninsab infurmat li l-Impjant tat-trattament tad-drenaġġ f'Għawdex beda jopera fit-23 ta' Novembru 2007. L-istima oriġinali tax-xogħlijiet kienet Ewro 6.52 miljun, liema stima ma kienitx tinkludi l-ispejjeż li kellhom isiru wara li l-MEPA ordnat tibdil fil-pjanti. L-ispiża laħqet is-somma ta' Ewro 7.2 miljun. Il-volum ta' drenaġġ trattat sad-19 ta' Mejju 2008 jammonta għal madwar 190,000 metri kubi. **Seduta 8**, *26/05/2008*

### *"Wind Farms"*

446. L-Onor. **Francis Agius** staqsa lill-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali : Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-*policy* tal-Gvern rigward *wind farms* fil-baħar (*offshore*)? Il-Gvern għandu f'idejh xi rapporti dwar dan is-suġġett u x'inhuma r-rakkomandazzjonijiet? *21/05/2008*

**Onor. George Pullicino**: Il-Gvern qiegħed f'kuntatt ma' organizzazzjonijiet governattivi barranin biex imexxi 'l quddiem proġetti ta' mtieħen tar-riħ fil-fond ta' aktar minn 50 metru. Sadattant qed jirrevedi l-iStrateġija għal Enerġija Nadifa (Renewable Energy Policy) għal pajjiżna, ġaladarba nbidlu t-*targets* indikati lilna. **Seduta 8**, *26/05/2008*

### *Għawdex - Proġetti "Eco-Għawdex"*

294. L-Onor. **Justyne Caruana** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex : Tista' l-Ministru tgħid xi proġetti ser jitwettqu matul is-sena kurrenti mill-Gvern biex Għawdex ikun gżira ekoloġika, kif ukoll x'miżuri konkreti u x'passi konkreti ser jittieħdu din is-sena biex Għawdex verament ikun mudell ta' żvilupp sostenibbli? *19/05/2008*

**Onor. Giovanna Debomo**: Jiena nfurmata li bħalissa għaddejja l-ħidma biex jitħejja pjan għat-twettiq tal-viżjoni 'Eco-Għawdex' li l-Gvern għandu għal Għawdex. Il-proġetti u l-miżuri li ser jitwettqu fil-kuntest tal-inizjattiva Eko-Għawdex jitħabbru aktar 'il quddiem. **Seduta 8**, *26/05/2008*

### *GOZO 1234 - Ikel u xorb minn Malta*

437. L-Onor. **Evarist Bartolo** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid b'liema kundizzjonijiet ingħata l-kuntratt lill-kumpanija privata biex tmexxi l-attivitajiet 1, 2, 3, 4 f'Mejju 2008 f'Għawdex? Tista' tgħid jekk il-kuntratt kienx jinkludi li l-ikel u x-xorb jiġi provdut mill-kumpanija li ngħatat il-kuntratt u mhux mill-ħwienet Għawdxin? *21/05/2008*

**Onor. Giovanna Debono**: Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru konċernat. **Seduta 8**, *26/05/2008*

### *"Child Care Centres"*

295. L-Onor. **Justyne Caruana** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern għandux xi pjanijiet għall-ftuħ ta' *child care centres* u faċilitajiet oħra għat-tfal f'Għawdex fil-futur qrib? *19/05/2008*

**Onor. Giovanna Debono**: Il-Ministeru qiegħed iħejji l-pjanijiet neċessarji għall-post ċentrali biex jintuża bħala *Child Care Centre*. Il-ħsieb hu li dan iċ-*Child Care Centre* l-ewwel jibda jilqa' fih it-tfal tal-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku u wara jista' jinfetaħ ukoll għall-ħaddiema tal-privat. **Seduta 8**, *26/05/2008*

*Kummentarju (2)*



# GĦAWDEX GŻIRA "EKOLOĠIKA" - x'ifisser?



*Kitba ta'* **EUCHAR MIZZI**

**"Għawdex isir 'gżira ekoloġika' bi proġett 'Eko-Għawdex' li jwassal biex il-gżira ssir mudell fl-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien ta' l-ambjent."**

Hekk jgħid il-programm elettorali tal-Partit Nazzjonalista ta' l-aħħar elezzjoni ġenerali tat-8 ta' Marzu li għadda. Dan hu dak li ġie mwiegħed mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi u l-Partit Nazzjonalista għar-Reġjun ta' Għawdex. Proġett kompletament innovattiv, ambizzjuż, ta' natura kapitali mill-akbar, li hu mistenni li jitwettaq f'Għawdex sas-sena 2015.

### *X'nifhmu bi "gżira ekoloġika"?*

L-ewwel tifsira li jiena noħroġ minn din l-espressjoni hija **"gżira sostenibbli"**. Inutli li jkollna gżira ekoloġika jekk imbagħad mhix waħda sostenibbli. Biex Għawdex ikun ekoloġiku u sostenibbli, jrid bilfors jinżamm bilanċ veru u serju bejn dak li hu l-ħarsien ta' l-ambjent u l-iżvilupp ekonomiku. Irridu niftakru li f'Għawdex jeżistu n-nies li jridu jgħixu kwalità ta' ħajja, li kull ma jmur dejjem titjieb. L-istat l-anqas jista' jagħmel investiment finanzjarju ta' ċertu portata, mbagħad fih ma jagħmilx dawk l-aċċessorji u proġetti li permezz tagħhom ikun sostenibbli. Per eżempju, wieħed jibni '*Supermarket*' kbir, modern, kollu rħam u *escalators* u *lifts*, imbagħad b'għażla ta' prodotti limitatissimi u b'aktar minn nofs l-ixkafef vojta. Dan mhux sinjal ta' falliment immedjat? Għalhekk wieħed irid ikun bil-għaqal biżżejjed u jagħraf dak li hu meħtieġ, minn dak li hu żejjed u bla skop.

Dan ifisser ukoll li l-infurzar tal-liġijiet li jikkonċernaw l-immaniġġjar u l-ippjanar ta' fejn wieħed jista' jibni jew le, kif ukoll it-tħaris tal-ambjent b'mod ġenerali fil-pajjiż u b'mod partikulari fl-*areas* magħrufa bħala *'outside development zone'*, irid isir b'mod rigoruż u iebes aktar minn qatt qabel. Meta toħroġ ordni tat-twaqqigħ, din trid issir immedjatament u mhux wara li l-individwu jkun ilu s-snin jgħix fiha. Dawn huma prinċipji kardinali li japplikaw għaċ-ċittadini kollha, huma min huma u huma minn fejn huma.

Meta ngħidu 'Eko-Għawdex' mill-ewwel jiġi f'moħħi sistema ta' ġenerazzjoni ta' enerġija bl-użu ta' sorsi alternattivi. Kif illum f'Għawdex insibu numru konsiderevoli li dejjem jikber ta' sistema 'solari' għall-użu ta' ilma sħun fid-dar matul is-sena kollha, hekk għad irridu narmaw id-djar tagħna bis-sistema ta' ġenerazzjoni ta' elettriku permezz ta' pannelli fuq il-bjut tad-djar tagħna, li permezz tagħhom kull familja tibda tiġġenera elettriku mix-xemx li jkun biżżejjed għall-użu domestiku tagħha matul is-sena kollha. Mhux biss, iżda nies esperti jemmnu li bit-teknika moderna tal-lum, il-probabbiltà hija li din is-sistema tagħtina *surplus* ta' enerġija li nkunu anke f'pożizzjoni li nbewha lura lill-gvern sabiex jużaha hu fejn ikollu bżonn. Ftit snin ilu, ġewwa Iżrael, il-bozoz kollha jew kważi kollha tat-toroq bdew jinxtegħlu permezz ta' pannelli solari żgħar, imwaħħla eżatt fuq kull bozza. Dawn biex ma nsemmux il-bozoz ta' ġewwa li fil-maġġoranza tagħhom huma kollha *'energy saving'*. Apparti li nkunu qed ngħinu l-ambjent, inkunu wkoll qed infaddlu l-flus mill-kontijiet tad-dawl li nirċievu. Anke l-oġġett utli



*Natura u Enerġija*


Sema


Art


Baħar

għad-dar, (*white goods*) eċċ., dawn jinbiegħu biss dawk li huma ambjentalment aċċettati. Biex dan jirnexxi huwa importanti li jkun hemm għajnuna mill-istat.

Mezz ieħor li minnu niġġeneraw l-enerġija huwa dak li jissejjaħ *"wind farms"*. Numru mdaqqas ta' mtieħen tar-riħ, armati b'antenni kbar, f'żona fil-baħar f'distanza raġġjonevoli mill-art Maltija, li permezz tar-riħ huma jiġġeneraw ukoll l-elettriku li jgħaddi permezz ta' *cables* minn taħt il-baħar u jasal lura f'artna. Dan huwa mezz ieħor nadif ta' ġenerazzjoni tal-enerġija b'mod naturali. Kumplimentari ma' dawn is-sistemi, Malta hemm il-ħsieb li tissieħeb u tipparteċipa ma' l-Italja u l-Libja, billi tikkomunika wkoll ruħha mal-*grid* tad-distribuzzjoni tal-enerġija, permezz ta' *cable* li jgħaddi minn taħt il-baħar u li jissupplixxi l-enerġija, ovvjament bi ħlas. Għalkemm din mhix sistema kompletament nadifa, l-aktar fil-post fejn tiġi ġġenerata l-enerġija, fil-każ tagħna l-enerġija tasal ukoll b'mod nadif. B'hekk inkunu wkoll qed inserrħu rasna f'kas ta' xi problema ta' ħsara jew xi ntopp ieħor fis-sistemi ġa msemmija.

Niġu mbagħad għall-mezzi tat-trasport f'Għawdex. Id-direzzjoni ser tkun ta' inċentivi għal xiri ta' karrozzi li huma dikjarati u ċertifikati bħala '*euro 4*', u li jaħdmu jew bil-*bio-diesel*, jew permezz ta' enerġija ġġenerata mill-batteriji. Dwar dan il-punt diġà sar aċċenn għall-ħlasijiet annwali tal-liċenzji ta' dawn il-vetturi liema ħlasijiet ser ikunu marbuta ma' l-ammont ta' emissjonijiet ta' diossidu karboniku li joħorġu mit-tipi differenti ta' dawn il-vetturi. Sabiex jikkomplementaw f'din il-linja, huwa ssuġġerit li jiġu ntrodotti *buses* u *mini-buses* li jkunu ambjentalment aċċettabbli li permezz tagħhom jinħoloq servizz effiċjenti, frekwenti u sostenibbli, li bih in-nies jitħajru jużaw iżjed dan is-servizz u inqas jagħmlu użu mit-trasport privat tagħhom. Min jibqa' ma jimpurtahx minn dan kollu, allura mbagħad ikun irid finanzjarjament jagħmel tajjeb għad-dannu li jkun qed joħloq hu personalment.

Anke fl-agrikultura hemm il-ħsieb u l-pjan li din tkun waħda verament organika u l-bogħod mill-użu ta' ruxxmata ta' pestiċidi li qed jintużaw illum. Issir promozzjoni ta' eko-turiżmu u agro-turiżmu li jekk meħuda bis-serjetà dawn għandhom ikunu ta' attrazzjoni tajba ħafna u li jirrendu b'mod pożittiv għall-ekonomija ta' Għawdex u naturalment ta' Malta.

Huwa mistenni li f'Għawdex jitwettaq pjan integrat għall-immaniġġjar ta' l-ilma u riżorsi naturali oħra. Fosthom il-ħażna ta' l-ilma tax-xita, il-protezzjoni tal-ħamrija mill-erożjoni kif ukoll afforestazzjoni. Dawn huma kollha miżuri attwabbli u li jistgħu jiġu attwali mingħajr diffikultajiet u problemi kbar. Jekk nieħdu biss l-ilma tax-xita, wieħed jiftakar kemm jeżistu widien f'Għawdex li b'ippjanar serju u professjonali, jistgħu jiġu trasformati f'riservi naturali ta' ilma. Anke il-proġett li twettaq dan l-aħħar tat-tisfija tad-drenaġġ. Dan jista' u kapaċi jipprovdi kwantità kbira ta' ilma tas-sekonda klassi li jkun tajjeb għall-biedja.

Spiċċa ż-żmien ta' gassijiet tossiċi ħierġa mill-miżbla tal-Qortin, l-aktar mill-ħruq ta' *plastic*, *tyres* eċċ. Illum l-iskart qed jintbagħat Malta biex ikun immaniġġjat aħjar, waqt li qed anke nisseparaw l-iskart fid-djar tagħna stess. Tkun ħaġa tajba wkoll u ta' min jirrikkmandaha, li min għandu ġnien jew għalqa, jibda juża l-iskart organiku huwa stess, billi jipproċessah permezz ta' kontenituri mdaqqsin tal-plastik, u wara jużah bħala fertilizzant għall-istess ġnien, jew għalqa tiegħu.

**J'Alla jasal dan iż-żmien meta Għawdex ikun mudell għall-gżejjer l-oħra Ewropej, fejn f'Għawdex tiġi biex tistrieħ f'ambjent li verament jilqgħek u fejn tista' tieħu dak in-nifs li jimlielek il-pulmun b'arja pura, safja li tagħtik saħħtek u tagħmlek kuntent u sodisfatt bil-miġja tiegħek f'din il-gżira żgħira, ħelwa u ekoloġika tagħna, Għawdex.**

ATTWALITÀ

# Kemm ser indumu nissuġġerixxu? Kemm ser indumu niddiskutu?

# *HEMM BŻONN NIDDEĊIEDU!*



*Notamenti ta'* **Saviour Grech**

**F'dawn l-aħħar ġimgħat, l-Onorevoli Tonio Fenech, Ministru għall-Finanzi, l-Ekonomija u Investment għaddej bi programm ta' laqgħat ta' konsultazzjoni bi tħejjija għat-tfassil tal-baġit tal-Gvern għas-sena d-dieħla. Waqt dawn il-laqgħat, il-Ministru tal-Finanzi qiegħed jagħti ħjiel dwar il-pjanijiet futuri kif ukoll dwar il-ħsibijiet u l-viżjoni tal-Gvern. Waqt dawn il-laqgħat il-Ministru tal-Finanzi jagħti ukoll informazzjoni dwar l-andament ta' l-ekonomija tal-pajjiż kif ukoll dwar dik dinjija. Fl-istess ħin, dawn il-laqgħat iservu biex ir-rappreżentanti tad-diversi setturi tas-soċjetà ċivili kif ukoll il-membri tal-pubbliku, li jkunu preżenti għal dawn il-laqgħat, jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom dwar dak li jixtiequ jitwettaq mill-Gvern.**

Wara li jintemm dan il-proċess ta' konsultazzjoni l-Gvern jippubblika dak li jissejjaħ **Dokument ta' Qabel il-Baġit**. F'dan id-dokument tingħata stampa dettaljata ta' l-andament tal-ekonomija tal-pajjiż. Fid-dokument tiġi ppreżentata ukoll il-viżjoni tal-Gvern għall-pajjiż. Jiġu ppreżentati wkoll il-proposti li l-Gvern, wara li jkun ikkonsidra dak kollu li ntqal waqt il-proċess ta' konsultazzjoni msemmi iktar 'il fuq, ikun qed jipproponi li se jwettaq matul is-sena li tkun ġejja. Dan id-dokument imbagħad iservi bħala bażi għat-tfassil tal-baġit li l-istess Ministru tal-Finanzi jippreżenta fil-Parlament. Din hi r-raba' darba li qed jiġi pprattikat dan il-proċess innovattiv ta' kif jitfassal il-baġit tal-gvern. Id-Dokument ta' Qabel il-Baġit li jiġi stampat meta jintemm il-proċess ta' konsultazzjoni ser ikun ir-raba' wieħed tat-tip tiegħu.

### *Għawdex ukoll għandu post fid-dokument ta' qabel il-baġit*

Kif jixraq, Għawdex għandu sehem importanti f'dan il-proċess. Ġeneralment, waħda mill-laqgħat ta' konsultazzjoni tinżamm f'Għawdex, u fid-Dokument ta' Qabel il-Baġit jiġi inkluż kapitlu dwar Għawdex. Fit-tlett dokumenti li ġew stampati sa issa hemm analiżi dettaljata dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-gżira Għawdxija. Hemm stampa ċara dwar id-diffikultajiet li l-ekonomija Għawdxjia tħabbat wiċċha magħhom. Barra minnhekk, fil-kapitlu dwar Għawdex li hemm fit-tlett dokumenti msemmija, hemm għadd kbir ta' proposti fir-rigward t'Għawdex. **Għadd mhux ħażin ta' proposti ġew imwettqa. Iżda hemm għadd ieħor li għadhom ma twettqux.** Hadd m'hu jistenna li kull proposta mniżżla f'dawn id-Dokumenti ta' Qabel il-Baġit bilfors titwettaq, iżda wieħed jistenna li proposti li jkunu indikati bħal ta' importanza kbira għall-iżvilupp t'Għawdex, għandhom jitwettqu mill-aktar fis possibbli. Fil-kas li ma jitwettqux naħseb li jkun xieraq tingħata spjegazzjoni għaliex xi proposta partikolari ma twettqitx. Ma jagħmilx sens li tiġi proposta xi inizjattiva li tkun meqjusa importanti u din tispiċċa tintesa u ma tissemmiex iktar, bħal qisu qatt ma saret.

### *Proposti biex itejbu l-aċċessibbiltà t'Għawdex*

Għawdex, bħala gżira għandu problema ta' aċċessibbiltà. Bħala gżira li tagħmel parti minn pajjiż li l-'mainland' hija ukoll gżira, l-problema ta' l-aċċessibbiltà t'Għawdex hija bil-ferm ikbar. Kif ngħiduha Għawdex isofri minn 'l hekk imsejħa **problema ta' insularità doppja**. Id-Dokument ta' Qabel il-Baġit li ġie ppubblikat is-sena l-oħra jagħrraf dan kollu. Mhux biss, iżda l-istess dokument f'paġna 86, jenfasizzza li din il-problema qed ixxekkel b'mod sostanzjali l-potenzjal ta' l-iżvilupp soċjo-ekonomiku t'Għawdex. Bħala żewġ miżuri biex jilqgħu għal din il-problema, dan id-dokument jipproponi li jittieħdu miżuri fir-rigward tat-trasport ta' l-ajru bejn il-gżejjer u fir-rigward tal-*cruise liners*.

Dwar it-trasport bl-ajru, id-dokument imsemmi jgħid b'mod l-iktar ċar li **l-aċċessibbiltà t'Għawdex** 'ma tistax tiġi assigurata jekk l-aċċess ipprovdut permezz tal-port ta' l-Imġarr ma jiġix ikkomplimentat b'servizz kontinwu u ta' min jorbot fuqu, ta' l-ajru. Għalhekk hemm propost li tinstab '*low-cost formula*' biex jiġi assigurat servizz li jilħaq l-aspirazzjonijiet ta' dawk li jixtiequ jużawh'.

Dwar **l-industrija tal-'*cruise liners*'**, ir-rapport jgħid li din tista' tkun għodda utli biex tiġi megħluba l-problema ta' l-istaġjonalità fir-rigward ta' l-industrija tat-turiżmu f'Għawdex. Għalhekk hemm propost li jsir żvilupp fil-port ta' l-Imġarr biex ikunu jistgħu jsorġu l-'*cruise liners*'. Hemm ukoll propost li jiġu żviluppati faċilitajiet fil-bajja ta' Marsalforn u dik tax-Xlendi biex anke hawnhekk ikunu jistgħu jsorġu dawn il-vapuri.

***Sfortunatament, għalkemm diġà għaddiet parti sewwa mis-sena finanzjarja, u kif għidt iktar 'il fuq beda l-proċess tat-tħejjija għall-baġit tas-sena d-dieħla, ma ntqal xejn dwar it-twettiq ta' dawn iż-żewġ proposti. La kienu indikati bħala proposti importanti, għaliex ma ngħatax bidu biex jitwettqu? Liema huma d-diffikultajiet li qed iżommu li dawn il-proposti jitwettqu? Ikun ħela ta' ħin u flus li jsiru rapporti b'suġġerimenti ġodda meta dak li kien hemm qbil fuqu biex jitwettaq jibqa' ma jitwettaqx.***

*Kummentarju (3)*

# IX-XANDIR KOMUNITARJU F'GĦAWDEX



*kitba ta'* **VICTOR ATTARD**

Illum tista' tgħid li kulħadd dara r-realtà li tista' tixgħel radju u ddawwar fuq in-numru sabiħ ta' stazzjonijiet tar-radju li jeżistu fil-gżejjer Maltin. M'ilux snin kbar li l-uniku stazzjon li wieħed seta' jsegwi f'pajjizna kien l-istazzjon nazzjonali, **Radju Malta**, li kien jipprova jwettaq missjoni xejn faċli li jolqot il-gosti tas-semmiegħa vasti li kellu. Kont tisma' ħafna tgergir, min minħabba ħaġa u min minħabba oħra. Meta jkollok vuċi waħda tipprova taqdi udjenza b'interessi tant varji, bilfors ikun hemm min iħossu minsi u għalhekk ifittex dak li jixtieq banda oħra. Forsi kien hemm żmien meta f'Malta kellna vuċijiet oħra, imma dawn dejjem kienu f'idejn barranin. Insemmu il-**BFBS** li għalkemm kien ir-radju tal-Forzi Armati Ingliżi kellu segwaċità tajba minn numru ta' Maltin. Żmien ieħor kien hawn l-istazzjon Libjan **Leħen il-Ħbiberija u Solidarjetà** li ukoll kellu ħafna segwaċi. Kellna ukoll l-istazzjon Germaniż **Deutchewelle** li però, apparti li kien ixandar b'lingwi diversi, kien iktar jindirizza udjenzi f'pajjizi mbiegħda. Ma nistgħux imbagħad inħallu barra dawk li kienu jsegwu l-istazzjonijiet privati numeruži Taljani li bdew ifaqqsu sa mill-ewwel xhur tas-snin sebgħin. Mill-ammont ta' rispons li kellhom dawn l-istazzjonijiet, wieħed seta' faċilment jirrealizza li kien hawn għatx kbir għal aktar vuċijiet lokali.

Fl-aħħar waslet is-sena 1992, sena li fiha tfasslet strateġija ġdida fix-xandir lokali. Fl-aħħar ittieħdet id-deċiżjoni tant mistennija li jinfetħu l-bibien għal kull ċittadin Malti li xtaq isemma' leħnu permezz tax-xandir. Tista' taqbel jew ma' taqbilx mal-fatt li l-ewwel stazzjonijiet li fetħu kienu dawk politiċi, iżda dawn kienu l-bidu ta' era ġdida li fiha rajna numru sabiħ ta' stazzjonijiet nazzjonali u komunitarji li bdew jitfaċċaw fuq ir-radjijiet tagħna. Ovvjament, il-kumpaniji b'interessi kummerċjali kienu l-ewwel li bdew ix-xandir tagħhom, u dawn fuq skala nazzjonali. Għall-ewwel dehret ftit iebsa biex ikun hemm min jikkommetti ruħu li jiftaħ stazzjon komunitarju, li għalkemm ir-rabta li jorbot lil min hu nkarigat hi kważi l-istess bħal ta' stazzjon nazzjonali, il fatt li ż-żona li jkopru hi limitata ħabat ser jaqta' qalb dawk interessati. Nista' hawn insemmi **Radio Rona** li kien l-ewwel stazzjon tal-komunità u li kien ixandar minn Naxxar. Dan ta mbuttatura lil dawk li kienu għadhom jaħsbuha biex imiddu l-pass tagħhom ukoll.

Għadda ż-żmien u n-numru ta' stazzjonijiet kompla jikber. Illum fil-gżira ta' Malta barra t-tlettax-il stazzjon nazzjonali, hemm ukoll qrib 40 stazzjon tal-komunità, għalkemm dawn mhux kollha jxandru s-sena kollha. Aħna hawn f'Għawdex għandna ukoll numru sabiħ ta' stazzjonijiet. Sfortunatament, **Radio Calypso**, l-uniku stazzjon Għawdxi li kellna ta' kopertura nazzjonali, u li seta' b'ċerta qawwa jwassal il-messaġġ Għawdxi tlifnieh, imma mill-banda l-oħra għandna xejn inqas minn ħdax il stazzjon komunitarju. Kien **Radju Luminaria** li fetaħ il-bibien għar-radjijiet komunitarji Għawdxin, uħud b'liċenzja permanenti (p) u oħrajn b'liċenzja temporanja (t) kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| **Radju Katidral (Victoria)** | 90.9MHz | p |
| **Radju Viżitazzjoni (Għarb)** | 92.4MHz | t |
| **Radju Sokkors (Ta' Kerċem)** | 95.1MHz | p |
| **Radju Margerita (Ta' Sannat)** | 96.1MHz | t |
| **Radju Lauretana (Għajnsielem)** | 96.5MHz | t |
| **Radju Bambina (Xagħra)** | 98.3MHz | p |
| **Radju Prekursur (Xewkija)** | 99.3MHz | p |
| **Leħen il-Belt Victoria** | 104MHz | p |
| **Radju Sacro Cuor (Fontana)** | 105.2MHz | p |
| **Radju Leħen il-Qala** | 106.3MHz | p |
| **Radju Luminaria (Nadur)** | 106.9MHz | p |

Fil-preżent, ir-radjijiet huma kollha mmexxijin mill-parroċċi u joffru mezz alternattiv, u forsi anke iktar effettiv, ta' kuntatt bejn il-parroċċa u l-parruċċani. Imma mhux biss. Dawn ir-radjijiet qed iservu ta' stimolu biex ħafna persuni jesponu l-kapaċitajiet tagħhom li altrimenti qajla kien ikollhom lok fejn jagħmlu dan. Permezz ta' dawn ir-radjijiet isir taħriġ lil persuni interessati w jistgħu ikunu l-ewwel pass lejn karriera fix-xandir. Hija ħaġa ta' min jinkoraġġiha l-ħidma sfiqa li ssir minn wara l-kwinti biex jittellgħu ċerti programmi. Tisma' programmi li jirrikjedu sforz mhux żgħir biex jiġu ppreparati, programmi li jagħtuk informazzjoni li huwa diffiċli ssibha bnadi oħra. Programmi ukoll li jkunu ta' interess purament lokali, b'materjal li stazzjon li jkollu udjenza nazzjonali ma tantx jikkunsidra li jinkludi fil-programmazzjoni tiegħu. Xi drabi però, ikun ta' skoraġġiment il-fatt li wara tant sforzi biex jittellgħu ċerti programmi, ssib li minħabba interferenzi minn stazzjonijiet sqallin li jfaqqsu fuq l-istess frekwenza, b'saħħa bil-wisq ikbar minn dik użata mill-istazzjonijiet lokali, jkun diffiċli li jkunu segwiti fl-istess raħal li suppost qed iservu.

**Personalment naħseb li r-radjijiet tal-komunità huma ta' importanza kbira fis-soċjetà tagħna w ikun żball kbir jekk jittieħdu miżuri li jkunu intenzjonati li jxekklu l-operat liberu tagħhom. Fuq kollox, il-libertà ta' dawn ir-radjijiet għandha tkun estensjoni tal-libertà ta' l-espressjoni li kull individwu għandu jgawdi f'pajjiż demokratiku, dejjem fil-limitu tar-rispett soċjali.**

*Servizz Speċjali Sena Pawlina - 1*




# Appostlu bla Kantunieri?!






*kitba ta'* MONS SALV GRIMA

**Pawlu ta' Tarsu minn eta' żgħira daħal b'ħiltu kollha biex jieħu l-aħjar formazzjoni fi żmienu. Fl-iskola ta' Gamaljel f'Ġerusalemm ma baqax lura milli jistħarreġ fil-fond fl-iktar regoli stretti tal-Liġi ta' missirijietu.**

Kienet ħeġġa li nibtet f'Pawlu bħala Lhudi, u anki għax il-familja tiegħu setgħet tgħin. Kif kiteb Ġużepp Flavju li, aktar minn kull ambizzjoni oħra, l-ikbar impenn tal-ġenituri kien fl-edukazzjoni ta' l-ulied u sintendi biex jiġi mħares il-wirt li għaddewlhom ta' qabilhom.

Huwa tgħallem bl-amment u bid-dettalji kulma kien hemm fil-Liġi ta' Mosè. Mhux ta' b'xejn li sa mill-antik iġibuh bix-xabla u l-ktieb f'idejh - barra mill-fatt ukoll li għadda mill-martirju tal-qtugħ ir-ras, wara li kiteb lil diversi komunitajiet li kien nissilhom fil-fidi tal-Vanġelu tul il-vjaġġi tiegħu.



*"San Paolo fuor le Mura" f'Ruma fejn jinsab il-qabar ta' San Pawl*

Ma riedx jistagħna fl-intellett u l-għerf għal xi gost tiegħu personali, biex iħossu kburi jew stmat, daqskemm biex jitħeġġeġ iktar ħalli jipprattika bla biża' t-twemmin li kien irċieva, akkost ta' sagrifiċċji kbar, imma għal "Alla" li lilu ried iservi.

Kienet ċirkostanza ta' ħeġġa simili meta nqabad fit-triq ta' Damasku, imma fejn ukoll għaraf is-sejħa ġdida li saritlu u minn dakinhar beda triq xejn inqas iebsa għax ġie maħtuf mill-qawwa tal-grazzja ta' Kristu.

Minn hemm Pawlu dawwar l-enerġija kollha tiegħu kontra sħabu li ħadem magħhom qabel, allura b'sogru ikbar u kontinwu għal ħajtu, basta ma jittradixxix id-dawl il-ġdid li mtela' bih. Ma setgħax ikun ambigwu fi kliemu jew f'għemilu.

Kien jistma lilu nnifsu bħala l-iżgħar fost l-appostli, imma xorta waħda qata' figura soda kull fejn sab ruħu, u mhux mingħajr persekuzzjoni u oppożizzjoni ħarxa anki minn dawk ta' ġewwa, sew Lhud u kemm insara.

Il-Bxara t-Tajba ta' Kristu xandarha bla kompromessi u b'forza. Kienet imsieħba b'argumenti sodi bħas-soltu, u ma setgħax jonqos ladarba kien imħarreġ tajjeb f'kulturi oħrajn ta' żmienu. Anki lil dawn wera l-bżonn li jindirizzahom lejn il-verità u s-sewwa tat-twemmin nisrani.

B'wiċċu minn quddiem wissa kemm-il darba, mill-kbar saż-żgħar, u affronta bil-qawwa imġibiet diżordinati li sar jaf bihom kull fejn wassal il-Vanġelu.

Lanqas ma ħassu inferjuri quddiem kulturi barranin li setgħu jitgerrxu jekk iħabbrilhom lil Kristu Msallab u miegħu għarfien nobbli ieħor li seta' jpoġġihom fi kriżi x'jaqbdu jagħmlu.



*Il-Bażilika Maġġuri ta' "San Paolo fuor le Mura" f'Ruma, iċ-ċentru mondjali taċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sena Pawlina*

Ħabbat wiċċu ma' l-awtoritajiet ċivili ta' żmienu f'iktar minn post wieħed. Għall-isem ta' Kristu ħassu xxurtjat li jkun arrestat u fil-ktajjen u b'sentenzi oħra ta' qrati. Anki jekk mistmerr minn dawk li baqgħu konvinti fit-twemmin lhudi u fit-tradizzjonijiet li riedu jimponu fuq dawk li għaddew għall-fidi fi Kristu.

Ma kienx jaqa' għat-tentazzjoni ta' xi rikatt jew qtigħ il-qalb ladarba kollox sar knis għalih, tant li mhux hu ħassu jgħix imma Kristu li kien qed jgħix fih.

Jekk f'tempesti ta' kull xorta, mill-bnedmin jew mill-ibħra u xmajjar, Pawlu baqa' dejjem jara l-id tal-providenza ta' Alla, ladarba kollox jiġi mogħti lilna għall-ġid tagħna. Kien jaf ukoll li xi darba kollox jiġi fi tmiemu fuq l-art. Basta l-atleta jkun ġera l-ġirja kollha biex jikseb kuruna li qatt ma titbiel.

Pawlu ma għamilx għajb lill-Imgħallem tiegħu meta bħalu baqa' jaffronta sa l-aħħar strutturi żbaljati ta' żmienu u tkellem b'wiċċu minn quddiem f'konfront ma' Ċesari, l-ogħla setgħa f'idejn il-bnedmin, u ma' kull awtorità lhudija li deher quddiemha.

Wasal biex jegħleb kull xorta ta' fruntieri, mhux biss dawk ġeografiċi, imma anki dawk tradizzjonali, intellettwali, aristokratiċi jew tal-prepotenti. Xejn inqas li jegħleb id-distanza tal-baħar li artna kienet imfixkla biha, biex gżiritna setgħet isservi ta' pont importanti tul is-sekli għat-twemmin nisrani f'artijiet oħra.

**X'hemm x'iżommu llum milli jkompli joffri sfida lin-nies tal-gżira, biex l-ewwel huma, u mbagħad minn fosthom, joħorġu oħrajn li bħalu jsemmgħu l-Bxara t-Tajba f'kulturi oħra mxerrda fl-Ewropa, xi ħaġa tant mixtieqa u li wassalhielna l-Papa Ġwanni Pawlu II tul iż-żjara tiegħu fostna fl-1990?**

**Xi ħaġa simili qed iħeġġiġna llum il-Papa Beneditttu XVI meta qed naraw li fostna żdiedu dawk ta' oriġini, reliġjon jew drawwa barranija. "Jalla s-Sena Pawlina jkollha effett fuq ir-realtà ekumenika għax kien l-appostlu tal-ġnus, biex iwassal il-Bxara t-Tajba lill-popli kollha, tant li ngħata għal kollox biex ixerred l-għaqda u l-ftehim ta' l-insara kollha, xi ħaġa li tista' tiżviluppa f'unità sħiħa fost il-membri kollha tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu" (28 ta' Ġunju 2007).**

**Jekk għal żmienu kien Appostlu b'karattru bla kantunieri, Malta ta' Pawlu għandha tħossu ġieħ tagħha kemm-il darba tibqa' tgħożżu bħala l-missier li nissilha fil-fidi u fuq l-eżempju u t-tagħlim tiegħu tirreżisti bla biża' kull theddid li jsirilha, minn ġewwa u minn barra!**

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

*Dawl għall-Ħajja*

# BEJN LOURDES U TA' PINU

## (Fil-Fehma ta' l-Arċisqof Fulton Sheen)

### 1 IL-KUNTEST STORIKU TA' L-AĦĦAR NOFS SEKLU XIX

L-Arċisqof Fulton J. Sheen fil-ktieb tiegħu maqlub għat-Taljan "*La Madonna*" *(Ediz. Pauline 1952)* jgħid : "Jekk hemm **sena li nistgħu ngħidu li tat bidu għal dinja moderna li topponi d-dinja nisranija**, din kienet is-sena **1858**.

***Ideat ġodda***

F'din is-sena faqqsu ideat ġodda li bdew isawru d-dinja moderna.

**Fil-1858 dehru ħassieba ġodda** li bl-ideat tagħhom kellhom joħolqu rivoluzzjoni fid-dinja – rivoluzzjoni għall-agħar.

**Fil-1858 John Stuart Mill, bit-teżi tiegħu dwar il-"libertà"** – fis-sens ta' libertà mingħajr responsabbiltà.

**Fil-1858 Charles Darwin, bil-ktieb tiegħu *Origin of the Species*** ħareġ bl-idea li l-bniedem ġej mill-annimal u għaldaqstant l-iskop aħħari tal-bniedem ma baqax id-destin etern tiegħu.

**Fil-1858 il-kompożitur Richard Wagner ikkompona l-opri tiegħu li fihom reġa' tfaċċa il-mit tas-superjorità tar-razza Teutonika** – li minnu mbagħad wara tnissel in-Nażiżmu.




**Fil-1858 Karl Marx, ispiratur tal-Komuniżmu kiteb il-ktieb "Introduzzjoni Kritika għall-Ekonomija Politika"**, fejn qiegħed l-Ekonomija bħala bażi tal-ħajja u tal-kultura.

### 2 IDEAT LI QALLBU D-DINJA

Ikompli l-Arċisqof Fulton J. Sheen:

Minn dawn l-erba' min-nies twieldu l-ideat li kellhom jiddominaw id-dinja għal seklu sħiħ. Hekk per eżempju :

- **l-idea li l-bniedem ma għandux oriġini divina,** iżda ġej mill-annimali.
- **l-idea li l-libertà tal-bniedem m'għandhiex tkun soġġetta għall-ebda awtorità u għall-ebda liġi.**
- **l-idea li l-bniedem m'għandux bżonn ir-reliġjon:** "Ir-reliġjon hija oppju tal-poplu".

### 3 IL-KONSEGWENZI TA' DAWN L-IDEAT PAGANI

L-ideat pagani tal-1858

- **li l-bniedem hu annimal**
- **li l-libertà tfisser ħelsien minn kull liġi**
- **li r-reliġjon hi anti-umana**

kellhom konsegwenzi aktar tard.

Dawn l-ideat ma baqgħux biss midfunin fit-*textbooks*, iżda ħarġu wkoll fl-awli ta' l-universitajiet, bdew jinfluwenzaw l-imħuħ tan-nies u jrewħu l-ġamar tar-rivoluzzjoni.

**Is-sena 1858 tat bidu għall-ideat li qallbu d-dinja ta' taħt fuq u kellhom iġibu tant ħerba fid-dinja bl-ewwel gwerra dinjija 1914 – 1918.**

### 4 L-INTERVENT TAL-MADONNA

Ikompli l-Arċisqof Fulton Sheen :

**U fl-istess sena 1858, fil-11 ta' Frar ġewwa r-raħal ċkejken ta' Lourdes, il-VERĠNI MARIJA dehret għal**

*Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# 25 sena fil-Kuntest Storiku Dinji



**tmintax-il darba lil tfajla raħlija Bernardetta Soubirous.**

*Il-Madonna trid issalva d-dinja*

- Kontra dawk li bdew iħambqu li n-natura tal-bniedem hi materja biss, **il-Madonna stiednet** lin-nies biex jagħmlu pellegrinaġġi lejn l-Altar u hekk jagħrfu li l-bniedem hu **spiritwali** u għandu bżonn **jitlob**.
- Kontra dawk li rriduċew lill-bniedem u baxxewh għal-livell ta' l-annimal, **il-Madonna ħeġġet** lill-bniedem biex jintrefa' 'l fuq u jgħolli l-qalb tiegħu lejn il-Ħallieq.
- Kontra dawk li għawġu s-sens tal-libertà u biddluha fl-libertinaġġ, **il-Madonna talbitna** biex nitbegħdu mid-dnub għaliex hi l-verità biss li tagħmilna ħielsa.
- Kontra dawk li bdew iħambqu li r-reliġjon hija l-oppju tal-poplu, Marija ġiet biex teħles lill-bnedmin mill-oppju tal-gideb u turihom il-vera dinjità tagħhom, jiġifieri li huma wlied Alla u werrieta tas-Sema.

## 5 IL-ĠRAJJA TA' PINU

**Ejjew ninkwadraw il-Ġrajja Ta' Pinu f'dan il-kuntest.**

Marija kellmet lil Karmni Grima fil-1883, **ħamsa u għoxrin sena eżatt wara d-dehriet ta' Lourdes**, u qaltilha **"Ejja, Ejja"**.

Mhix interessanti li meta d-dinja bdiet titbiegħed minn Alla, il-Madonna stess ħadet l-inizjattiva li treġġagħna lura lejn Alla?

## 6 MARIJA GĦADHA ATTWALI

Inħeġġu lill-qarrejja biex jaqraw il-ktieb tal-Professur Salvatore Perrella, ***Le Apparizioni Mariane*** (jistgħu jordnawh mis-Santwarju Ta' Pinu).

Il-kapitlu Maria *"La Combattente' del Cristianesimo"* huwa tabilħaqq interessanti.

Fis-seklu XX, imsejjaħ is-seklu tal-ħażen minħabba l-gwerer, il-massakri u l-atroċitajiet li seħħew, u fis-seklu XXI li għadu kemm beda, **Marija hija**

**Dik li tikkombatti favur Kristu u kontra l-ħażen.**

Id-dehriet tagħha, meta huma awtentiċi, juri li Marija

- **hija l-ġellieda kontra d-dnub, hija l-għadu tal-ħażen**
- **hija l-avversarja qalbiena kontra d-demonju**
- **hija s-sieħba tagħna fil-lotta kontra d-dnub, fil-forom kollu tiegħu.**

***It-talba tar-Rużarju hija l-arma l-aktar qawwija kontra s-setgħat tal-ħażen.***

*(Le Apparizioni Mariane pp. 140 – 152)*

LETTERATURA GĦAWDXIJA — *Poeżiji*

# FL-OKKAŻJONI TAL-125 SENA MINN META L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA 22 TA' ĠUNJU 1883

*minn* **Kav. Joe M. Attard**

Għaddew, tgerrbu s-snin bil-ħeffa
Mija w ħamsa u għoxrin –
L-annu kien elf u tmien mija,
Magħhom sew tlieta w tmenin.

L-għodwa kienet minn ta' Ġunju,
Il-jum tat-tnejn u għoxrin,
Meta Karmni semgħet vuċi
Mill-kwadru tal-'Peruġin'.

Ejja, Ejja, din qaltilha,
U lissen għal tliet darbiet
Dlonk is-Sliema w il-Qaddisa,
Qalb il-ħemda, f'dak is-skiet!

Ibqa' ċerta li fi ħdani
Sejra ssib inti lil Ġesù –
L-iben tiegħi li tant sofra,
Għajn ta' tjieba u virtù.



Dan il-motto li qed nagħżlu
Biex infakkru din il-ġrajja!
Ejjew għandha nirrikorru
Din li tnisslet mingħajr tbajja'.

F'dan l-imkien Franġisk Portelli
Sema' l-vuċi ta' Marija
Illi qaltlu dwar il-Pjaga
Li Ġesù kellu moħbija.

Ma nħallux ġurnata tgħaddi
Bla ma nsellmu lil Omm t'Alla;
Meta l-bniedem lilha warrab
Żgur li f'ħajtu dejjem falla!

Fis-Santwarju ġo Ta' Pinu
Qalb il-bniedem tgħum fil-ferħ;
F'dan il-maqdes f'nofs ir-raba
Ir-ruħ tagħna ssib is-serħ.

Żgur illi Ommna Marija
Għadha ssejjaħ lil uliedha
Biex mit-triq tad-dnub joħorġu
U ta' Binha jagħmlu r-rieda.

Iva għażiża Ommna Marija
Bħal Karmni rridu nwiegħduk
Illi nfaħħru l-isem tiegħek
U mħabbitna lkoll nagħtuk.

Minn Ta' Pinu itfa' ħarstek
Fuq uliedek imnikktin
Sawwab fuqhom mitt elf grazzja
Biex jgħixu dejjem henjin!

# KIF INQLIBNA!

*minn* **Francis Sultana**

Ġej is-sajf, resqin il-Festi,
m'hemmx Ħadd vojt, bla Titular,
jitbaħardu l-Malti, l-Għawdxi,
jisfogaw fix-xorb, fin-nar.

Drajna l-lussu, drajna l-ħala,
ħlief flus x'niġbru ma rridux,
għajjurin għal ta' madwarna,
l'aħjar minna ma jagħmlux.

Fina nfiltra d-dud tas-susa,
dak inweġġgħu l' hu pagan,
flok id-demm ta' bhima f'maqdes
vittma safja tisfa' rahan.

Li l-festi jsiru nsejna
biex ġieħ nagħtu lill-Qaddis,
għad unur u glorja ' l Alla,
sa quddiemu nidhru fis.

O Mulej, Sinjur aħfrilna,
qlibna kollox ta' taħt fuq,
għad li nafu bl-iżball tagħna
moda ħjiena tibqa' ssuq.

L-għaks insejna li ġarrabna,
talb ħerqan, mimli dmugħ sħun;
Lejk għollejna f'xelters umdi,
biex ta' l-għadu, l-Art le tkun.



O Mulej, ikollok ħniena,
bil-gwerer la ġġarrabniex
agħmel kif is-sajf bil-Festi,
wiċċna iżjed ma jħammrilniex!


LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7



Fis-Sajf fil-għodu biss: 10.00am - 1.00pm

*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# "IL-ĦAJJA TA' L-IMQADDSA VERĠNI MARIJA"




**Kan. Dun Piet Sammut, J. de Bono Press, 2008, *Lumen Christi Publications*, €7**

Fl-okkażjoni tal-125 Anniversarju minn meta x-xbejba twajba Karmni Grima mill-Għarb semgħet il-vuċi tal-Madonna mill-kwadru tal-pittur Taljan Amadeo Perugino f'Ta Pinu, il-*Lumen Christi Publications* għadha kemm ippubblikat il-ktieb dwar il-"**Ħajja ta' l-Imqaddsa Verġni Marija**" miktub mill-Kan. Dun Piet Sammut. Kien fit-22 ta' Ġunju 1883 li Karmni Grima kienet sejra l-għalqa meta semgħet lill-Madonna ssejħilha. Biex din il-ġrajja singulari fl-istorja tal-Knisja lokali ma tibqax sejra u tintesa, il-*Lumen Christi Publications* t'Għawdex qed tagħtina dan ix-xogħol interessanti fuq il-Verġni Mbierka li jiġi s-seba' wieħed fis-sensiela "Qawsalla Reliġjuża".

Kif itenni r-Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu, Dun Gerard Buhagiar, fil-preżentazzjoni li għamel għal dan il-ktieb, 'li titkellem jew tikteb dwar il-Verġni Mqaddsa Marija hija xi ħaġa tassew għal qalb ta' kull nisrani, aħseb u ara għall-qalb ta' saċerdot.' Permezz ta' dan ix-xogħol tiegħu, l-awtur qed ilaqqagħna ma' din il-mara singulari, ma' dik li hija l-Omm Qaddisa ta' Alla. Dan jagħmlu billi jżomm bħala bażi ta' kollox il-Kelma ta' Alla, it-tagħlim ta' Missirijiet il-Knisja partikularment tal-Konċilju Vatikan it-Tieni flimkien ma' kitbiet oħra ta' kittieba nsara li kellhom imħabba speċjali lejn il-Verġni ta' Nazzaret. F'dan il-ktieb se nsibu mixja ma' Marija, mit-twelid tagħha fid-dinja għat-twelid u l-glorja tagħha fis-Sema.

Dun Piet jitlob lill-qarrejja biex lil Marija jistednuha tgħammar mhux biss fid-djar tagħhom tal-ġebel imma wkoll fid-djar ħajjin li huma l-istess bnedmin, fil-moħħ, fir-rieda, u fil-qalb. Il-Madonna trid tkun għalina mhux biss statwa sabiħa u artistika imma persuna ħajja. Dan huwa propju l-fini li għalih l-awtur iddeċieda li jikteb dan il-ktieb biex jisfa ta' ġid spiritwali kemm għal dawk li diġà huma devoti ta' Marija u allura jħobbuha; u kemm għal dawk li għadhom mhux tant devoti tagħha biex imħeġġin mit-tagħlim li jaqraw f'dan il-ktieb, jibdew huma wkoll iħobbuha kif tassew jixirqilha.

Fuq medda ta' 23 kapitlu, l-awtur jidħol fid-dettall u jitkellem dwar il-ħajja tal-Madonna waqt li jagħmel użu minn diversi għejjun biex jissostanzja dak li qed jgħid. Biex ikompli jżewwaq u jagħti ħajja lill-ktieb, Dun Anton Sultana (pubblikatur) jinkludi diversi illustrazzjonijiet marbutin ma' kull kapitlu waqt li jippreżentalna qoxra tassew attraenti fuq quddiem u xejn inqas fuq il-qoxra ta' wara. Jogħġobni ħafna l-Malti li juża Dun Piet, Malti li jiftiehem mill-ewwel u ma joqgħodx idur mal-lewża. Il-karta hija waħda fina u *J. de Bono Printing Press Ltd* ta' Xewkija *Industrial Estate* uża tipa tassew ċara li tinqara bla tbatija forsi minħabba wkoll il-kwalità tal-karta. Tal-fehma li dan il-ktieb għandu jsib postu f'ħafna mid-djar tal-Maltin u l-Għawdxin u jipprovdi ftit qari tajjeb u addattat issa li ninsabu fl-Erbgħat tal-Madonna bi preparazzjoni għall-festa tagħha f'nofs ix-xahar ta' Awissu.

"Il-Ħajja ta' l-Imqaddsa Verġni Marija" ssibuh għall-bejgħ għand il-librara ewlenin kif ukoll għand il-*Lumen Christi Bookshop* ta' Triq Fortunato Mizzi, Victoria.

***Kav. Joe M. Attard***


**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (66)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IL-ĦMISTAX-IL PARTI - L-ewwel taqsima)*

## IL-MAĠISTERU TAL-PAPA

**Skond l-Evanġelju ta' San Mattew, dawn kienu l-aħħar kelmiet li qal Kristu lill-appostli, qabel ma ħalla din l-art u tela' fis-Sema: "Morru agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien" (Mt.28,19-20). Minn dan jidher ċar, li waħda mill-ħidmiet ewlenin li kellhom iwettqu l-appostli fil-Knisja, kienet dik li jħarsu u jxandru l-messaġġ tiegħu.**

Biex ikunu jistgħu jwettqu dan id-dmir sa l-aħħar taż-żminijiet, Kristu, lill-appostli u lis-suċċessuri tagħhom tahom is-setgħa li jgħallmu dak li l-insara għandhom jemmnu u għandhom jagħmlu biex jistgħu jsalvaw. Id-digriet *Dignitatis Humanae* (n.14) jgħidilna li "Il-Knisja Kattolika, kif irid Kristu, hija l-**għalliema tal-verità** u dmirha hu li tħabbar u tgħallem b'mod awtentiku l-Verità li hu Kristu, u fl-istess ħin tistqarr u ssaħħaħ bis-setgħa tagħha l-prinċipji ta' l-ordni morali, li joħorġu minn natura nnifisha tal-bniedem."

### *L-Awtorità tat-Tagħlim fil-Knisja*

Jeżisti għalhekk fil-Knisja l-maġisteru jew l-awtorità tat-tagħlim. Iżda l-kelma "maġisteru" mal-mixja taż-żmien, ħadet tifsiriet differenti. Hekk li kienet tfisser mhux biss, **l-awtorità tat-tagħlim**, jew it-tħaddim tas-setgħa li tgħallem, iżda wkoll **il-kontenut tat-tagħlim** jew il-messaġġ li jiġi mgħallem.

Meta jitkellem dwar is-suġġett ta' din l-awtorità, jew min għandu s-setgħa li jgħallem, San Tumas ta' Aquino, jiddistingwi bejn l-awtorità ta' tagħlim li għandhom ir-ragħajja spiritwali jiġifieri l-papa u l-isqfijiet (*Cathedra Pastoralis*) u dik li għandhom it-teoloġi (*Cathedra Magistralis*) (*Quodlibetalia 3. q. 4. a. 1 (9)*). Għad li l-attività tat-teoloġi hija siewja ħafna sabiex ikun magħruf aħjar il-messaġġ tar-Rivelazzjoni, il-kelma "maġisteru" fis-sens strett tagħha tirreferi esklużivament għas-setgħa tat-tagħlim li għandhom il-papa u l-isqfijiet. Dawn għandhom **l-awtorità li jgħallmu f'isem Kristu**, setgħa li ġejja mis-sehem speċjali li għandhom mill-uffiċċju profetiku ta' Kristu (Cfr *Lumen Gentium*, n 25). L-unika awtorità li għandhom it-teoloġi hija dik li tiddependi minn dak li jkunu tgħallmu u mill-kompetenza partikolari tagħhom.

Mill-1820 'l hawn, kif bdew jagħmlu xi kanonisti Tedeski, il-kelma "magisterium" ħadet tifsira iktar preċiża, u saret tfisser **il-korp ġerarkiku li għandu l-awtorità tat-tagħlim fil-Knisja**. Mill-1835, il-kelma bdiet tintuża b'dik it-tifsira, anki fid-dokumenti tal-papiet u għalhekk fi ftit żmien saret it-tifsira li tingħatalha mill-parti l-kbira tat-teoloġi.

Fid-dokumenti tal-Konċilju Vatikan I, il-maġisteru jfisser kemm l-uffiċċju tat-tagħlim kif ukoll l-attività li titwettaq bis-saħħa ta' dak l-uffiċċju. Dan il-Konċilju nqeda wkoll b'din id-distinzjoni bejn **maġisteru "Sollenni" u maġisteru "Ordinarju"**. Iżda fid-dokumenti tal-Papa Piju XII, u anki f'dawk ta' Pawlu VI, il-kelma "maġisteru" tindika kemm il-funzjoni jew l-attività tat-tagħlim, mogħti mill-ġerarkija, kif ukoll ir-ragħajja li huma responsabbli għal dan it-tagħlim.

Għaldaqstant, fil-kuntest tagħna, nistgħu ngħidu li l-maġisteru huwa s-setgħa tat-tagħlim fil-Knisja li għandhom xi persuni minħabba l-uffiċċju tagħhom, u dawn huma l-Papa u l-isqfijiet. Il-maġisteru għandu **funzjoni doppja**, dik li jiddefendi l-verità u li jikkundanna t-tagħlim żbaljat.

Il-Papa u l-isqfijiet jeżerċitaw is-setgħa li jgħallmu b'żewġ modi:

(a) taħt forma **straordinarja**, bħal meta l-Papa jagħti xi definizzjoni "*ex cathedra*" u fil-Konċilju Ekumeniku fil-każ ta' l-isqfijiet.

(b) Jew taħt forma **ordinarja** meta l-Papa jgħallem bl-enċikliċi, bid-diskorsi u b'kull mezz ieħor addattat biex iwassal il-messaġġ tiegħu lill-fidili.



***Il-ministeru tat-tagħlim mogħti lil Pietru u lis-suċċessuri tiegħu***

Il-Papa, skond it-tagħlim tal-Konċilju huwa "l-ogħla Ragħaj u għalliem tal-insara kollha" (*Lumen Gentium*, n.25). Għandna xhieda fl-Evanġelju Mqaddes, li Kristu ta din is-setgħa lil San Pietru, biex ikun għalliem universali.

(a) Ġesù qal lil Pietru "**Jiena tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa. Inti mbagħad, meta terġa' lura għas-sewwa, wettaq lil ħutek**" (Lq.22, 31-32). Kristu jibqa' dejjem mal-Knisja tiegħu. Huwa wiegħed lil Pietru li jitlob għalih, biex il-fidi tiegħu ma tiġix nieqsa u dan ifisser li Kristu għandu kura partikulari tiegħu. Hu jitlob għalih, mhux biss biex il-fidi tiegħu ma tiġix nieqsa, iżda wkoll biex il-fidi tiegħu tibqa' bla żball.

It-talba ta' Kristu hija magħmula speċifikament għal Pietru, jiġifieri għalih bħala individwu u mhux bħala membru tal-grupp tad-dixxipli. Pietru għandu r-rwol li "jwettaq lil ħutu" jiġifieri li jsaħħaħhom fit-twemmin tagħhom bit-tagħlim tiegħu u jieħu deċiżjonijiet għat-tmexxija tagħhom.

Wara li rċieva l-Ispirtu s-Santu Pietru beda jxandar l-Aħbar it-Tajba, u d-diskors tiegħu f'Jum Għid il-Ħamsin, kiseb għall-Knisja li għadha qed titwieled madwar 3000 konverżjoni (Atti,3,41) tant kienet kbira l-influwenza tiegħu fuq il-poplu. Pietru jwassal din l-Aħbar it-Tajba f'Antijokja, fl-Asja u f'Ruma.

(b) "**Irgħa l-ħrief, irgħa n-nagħaġ tiegħi**" (Ġw.21,15-17). Pietru rċieva minn għand Ġesù s-setgħa li jmexxi l-merħla kollha kemm hi. Il-ħrief u n-nagħaġ jirrappreżentaw il-merħla kollha li tagħha Kristu huwa r-Ragħaj it-Tajjeb, jiġifieri l-insara kollha. Is-setgħa mogħtija lil Pietru hija dik li "jirgħa" u dan ifisser li għandu jrieġi u jiggwida lill-insara anki bit-tagħlim li jagħtihom b'dedikazzjoni u fedeltà sħiħa lejn l-Imgħallem ewlieni u lejn il-messaġġ Tiegħu.

(c)"**Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fl-art ikun marbut fis-smewwiet. Kull ma tħoll fl-art ikun maħlul fis-smewwiet**" (Mt.16,19). Kristu ta lil San Pietru u lis-suċċessuri tiegħu l-imfietaħ tas-Saltna tas-Sema. B'hekk huwa tahom is-setgħa li jorbtu l-kuxjenzi tal-bnedmin billi jgħallmuhom dak li għandhom jemmnu u dak li għandhom jagħmlu. Il-bnedmin għandhom jisimgħuhom u obbligati li jwettqu tagħlimhom għax Alla nnifsu hekk irid u jordna. Fi kliem ieħor Kristu wiegħed li jappoġġjahom u jiggwidahom fit-tagħlim tagħhom biex dak li jgħallmu jkun skond dak li jrid Alla u mingħajr żball u ma jimponux fuq l-insara obbligazzjonijiet li ma jkunux ġusti.

**Din hi l-missjoni li Ġesù jagħti lil Xmun Pietru, ċioè din is-setgħa ta' tagħlim, hija meħtieġa għall-unità tal-Knisja kif ukoll sabiex fiha jkun hemm gwida żgura u leġiżlatur li jista' jorbot u jħoll. Peress li l-Knisja kellha tibqa' sa l-aħħar taż-żminijiet, din is-setgħa kienet mogħtija mhux biss lil Pietru iżda wkoll lis-suċċessuri tiegħu, bħala isqfijiet ta' Ruma.**

*(jissokta)*

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

Peter's Butcher Shop
*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Il-Ħdax-il Parti )*

## IX-XOGĦOL TAL-KARRETTUNI (3)

*Inkomplu f'din il-parti bit-tagħrif dwar kif isir karrettun.*

### *Kif tinħadem rota ta' karrettun*

Meta wieħed jiġi biex jagħmel karrettun, l-akbar biċċa xogħol, u li teħtieġ ukoll eżattezza u sengħa kbira, hija r-rota. Għalhekk, l-imgħallem tal-karrettuni jibda billi l-ewwel iħaffer tnax-il ħofra fil-buttun li fihom ikunu jridu jidħlu it-tnax-il magħżel tar-rota. Dan ix-xogħol isir b'ċerta reqqa. It-toqob jiġu mmarkati preċiż u jingħataw għamla ta' minċott.

Imbagħad jibda jaħdem l-imgħażel. Fuq lasti ta' l-injam apposta, tal-liċi jew tal-fraxxnu, iħażżeż **l-irjus**, jiġifieri t-truf li jidħlu fit-toqob, imbagħad fin-nofs jaħdmu għat-tond. Il-ħxuna tkun skond id-daqs tar-rota, u t-tondjatura ma tkunx perfetta, iżda aktarx elittika. Imbagħad fl-irjus jaqta' bħal minċott li jkun jidħol fil-buttun fuq naħa u fid-dawra ta' barra n-naħa l-oħra.

Meta l-imgħażel ikunu lesti kollha, tnax b'kollox, jitwaħħlu fit-toqob tal-buttun. Kull toqba tissejjaħ **bejta**. L-imgħallem isammar l-imgħażel f'posthom bid-daqqiet ta' mazza ta' l-injam. Issa l-imgħażel ma jeħlux għad-dritt preċiż, imma jkunu ħarira mxaqilbin 'il ġewwa. Dan ix-xogħol isir ukoll bil-kejl biex kollox ikun eżatt.

Id-dawra ta' barra tar-rota tkun magħmula minn sitt biċċiet, kull waħda msejħa **gorbu/korvu** jew **gorbun.** F'kull gorbu jitħaffru żewġ ħofriet biex jidħlu ż-żewġ minċotti ta' żewġ imgħażel. Is-sitt gorbijiet ikunu maqtugħin b'tali mod li flimkien jiffurmaw id-dawra tar-rota. F'każ li jkun hemm xi iħinka, l-imgħallem iħożż it-tondjatura b'kumpass li jasal sa qaddu. Ix-xfar żejda jinqatgħu u d-dawra tar-rota tiġi perfetta. Imbagħad, jiddaħħal feles f'kull wieħed mit-tnax-il minċott tad-dawra. Hekk issa x-xogħol ta' l-injam ikun lest.

Issa r-rota tmur għand il-ħaddied biex isirilha ċ-ċirku tal-ħadid fuq barra. L-imgħallem jorbot il-virga ma' tarf wieħed tad-dawra u bil-għajnuna tal-lavrant jilwiha f'għamla ta' ċirku u jaqtagħha skond id-daqs tar-rota. Il-virga mbagħad jgħaqqadha f'ċirku permezz tan-nar tal-forġa. Huwa jrikkeb iż-żewġt itruf tal-virga u jqegħidhom bil-ġamar biex **jikkaldaw** (jisħnu). Meta jisħnu kemm suppost, l-imgħallem isammarhom fuq l-inkwina sakemm jiġu ħaġa waħda.

Issa ċ-ċirku jrid jiġi kemm kemm iżgħar mid-dawra tar-rota. Jekk il-qies ma jkunx sewwa, l-imgħallem jerġa' jikkaldja ċ-ċirku u jaġġusta l-qies permezz ta' biċċa għodda apposta.

Biex iċ-ċirku jiġi mlibbes fuq ir-rota, jerġgħu jsaħħnuh fuq il-ħatab biex jitwessa' kemm ikun hemm bżonn. Imbagħad, l-imgħallem, bil-għajnuna tal-lavrant jew xi ħaddiem ieħor, idaħħal iċ-ċirku f'postu fuq l-injam tad-dawra tar-rota. Biex iċ-ċirku ma jaħraqx l-injam tar-rota, l-imgħallem ikun pront ixarrbu u jkessħu. Barra minn dan, malli jiksaħ iċ-ċirku jerġa' jinġibed u hekk jissikka l-gorbijiet ma' xulxin u fuq l-imgħażel. Hekk ir-rota tkun lesta.

### *Iż-Żebgħa*

Meta l-karrettun ikun lest minn kollox, ikun irid jinżebagħ. L-ewwel jinżebagħ il-buttun, imbagħad l-imgħażel u fl-aħħar id-dawra. Tinżebagħ ukoll ix-xatba. L-aktar ilwien komuni tal-karrettun kienu l-aħmar fl-oranċjo u l-aħdar. Karrettuni tad-divertiment ġie li ngħataw ukoll żebgħa safranija. Fl-aħħar nett, isir it-tberfil skond il-gosti ta' sid il-karrettun.

### *It-Tberfil*

It-tiżjin u d-disinni miżbugħa fuq il-karrettun u r-roti tiegħu jissejħu tberfil. Il-karrettuni kollha jista' jkollhom it-tberfil, imma l-isbaħ tberfil ikun fuq il-karrettuni tal-molol, tal-loġoġ u tal-gallerija, użati għad-divertiment jew passatemp, u ġie li jkunu wkoll ivverniċjati.

It-tberfil fuq il-karrettuni jagħmel sehem mill-arti popolari u folkloristika tal-gżejjer Maltin. It-tberfil isir minn bniedem li jkun qiegħed fuq dan ix-xogħol biss u mill-karrettuni kien anki jagħmel xogħol ta' tberfil fuq it-trakkijiet, vannijiet u l-karrozzi tal-linja.

***Tagħrif ieħor***

Dan it-tagħrif li ġej għandu wkoll rilevanza għax-xogħol bil-karrettuni mill-bdiewa.

***a) Il-Benniena***

Il-bdiewa jħobbu jagħmlu benniena tax-xkora tal-ġuta u jorbtuha taħt ix-xatba tal-karrettun. Fiha jġorru, per eżempju, il-bettiħ, il-qara', xi barmil u affarijiet oħra żgħar.

***b) Il-Lasti tat-tagħbija***

Dawn ikunu żewġ lasti, qishom serratizzi, illixxjati sewwa u bla skaldi, u b'musmar jew **wited** fuq naħa u ħolqa jew tarf maqtugħ minċott, in-naħa l-oħra. Jintużaw biex meta jgħabbu l-**qatt** jew **qatet**, inkella r-**refgħat** tal-ħaxix, it-tagħbija ma trossx u tintafa' għal fuq ir-roti. Fl-istess waqt dawn il-lasti u l-irbit bil-ħbula jżommu t-tagħbija sħiħa f'postha u ma tinstaramx malajr.



***c) Il-Ġerr jew il-ħabel***

Dan jużawh biex jorbtu tajjeb it-tagħbija li jkun hemm fuq il-karrettun. Wara li jżarmaw, dan il-ħabel ikebbuh bħal marella fuq l-aħħar dalgħa tal-karrettun. Ġie li jużaw ukoll xi **swiegel**. **Siegla** tkun ħabel mhux twil wisq.

Meta t-tagħbija tkun tqila, biex il-bhima ma tbatix ta' xejn, il-bidwi ġie li jserraħ il-lasti tal-karrettun fuq l-**istrippi** jew **kavaletti**. Imbagħad il-karrettun jintrama fuq il-bhima meta t-tagħbija tkun lesta.

Meta kienu jridu jgħabbu xi ġebla kbira mill-barriera, bħalma kienet "il-biċċa", l-akbar ġebla li kienet tista' tinqata', il-karrettun l-ewwel kienu jwaqqfuh f'qagħda vertikali, imbagħad jorbtu l-ġebla li magħha jkun tressaq vertikalment, u wara **jmajnawh** jew iniżżluh bil-ġebla b'kollox li b'hekk issib ruħha fuqu. Fl-aħħar idaħħlu l-bhima bejn il-lasti biex tiġbed it-tagħbija.

***e) Ix-Xedd***

Biex il-karrettun ikun jista' jintrama sewwa fuq il-bhima, irid ikun hemm ukoll **ix-xedd** li jinħadem mis-**sellar**. Ix-xedd fih biċċa xogħol fih innifsu u m'għandux x'jaqsam mal-karrettun, għalkemm it-tnejn imorru flimkien.

***f) In-Nagħal***

Il-ħaddied li jniegħel il-bhejjem tal-ġarr jissejjaħ ukoll 'nagħal'. Il-bhejjem tal-ġarr (ħmir, bgħula u dwieb u żwiemel) jeħtieġ li jiġu mniegħla għax inkella difirhom, jekk ma jkunx protett bin-nagħla, jittiekel, jilħaq il-laħam il-ħaj u l-bhima tizzappap u timrad.

***Ir-Remissa***

Jekk illum il-karrozza nerfgħuha fil-*garage*, il-karrettun tal-bidwi kien jintrefa' f'**remissa** apposta li tista' tkun marrazzett u tinqafel jew f'xi għalqa mingħajr bieb. Għalhekk ħafna rwiemes tal-karrettuni ma kinux ikunu jingħalqu bil-bibien u kienu jerfgħuhom hemm biss biex ma jitkagħbrux bix-xemx u x-xita.

***Il-Ħaddiema***

Il-mastrudaxxa tal-karrettuni hawn min isejjaħlu wkoll **karrettunier**. Dak li jaħdem bil-karrettun, il-burdnar li jġorr l-affarijiet tan-nies bil-karrettun u jittrasportahom fejn iridhom sidhom, jissejjaħ **karrettunar**; hekk ukoll dawk li kienu jġorru l-ġebel bil-karrettun.

***Il-Mirkeb***

Il-mirkeb kienet struttura ta' xi żewġ tarġiet jew tlieta ħdejn il-bieb tar-razzett biex minn fuqha l-bidwi jkun jista' jirkeb fuq il-karrettun bla tbatija ta' xejn. Sa żmienna xi bdiewa kienu għadhom jirkbu l-karrettun fuq ix-xellug u mhux fuq il-lemin għax qabel ma ġew l-Ingliżi, fi żmien il-Kavalieri s-sewqan f'Malta u Għawdex kien bħal dak kontinentali, jiġifieri dejjem trid iżżomm mal-lemin. Meta ġew l-Ingliżi qalbu kollox, imma xi bdiewa baqgħu bl-użanza l-antika.

***Toroq dojoq***

Dari kien hawn ukoll ħafna toroq dojoq u żewġ karrettuni meta jiltaqgħu kontra xulxin ma kinux ikunu jistgħu jgħaddu. F'każ bħal dan kien ikollu jċedi l-karrettun li jkun vojt. Dak li jkun vojt kien ikollu jew ireġġa' lura sakemm jasal f'xi parti tat-triq wiesgħa u hekk ikunu jistgħu jgħaddu, inkella kienu jżarmaw il-karrettun, jaqalgħulu r-roti, u jqegħduh fil-ġenb, u meta jgħaddu jerġgħu jarmawh.

***Ġarr bit-titnija***

Billi Għawdex għandna ħafna tlajja', xi drabi l-ġarr tal-ġebel jew prodotti oħra tqal kien isir bit-titnija. Dan ifisser li meta l-bhima tasal f'sieq il-għolja, iħottu nofs it-tagħbija u jħalluha isfel. Imbagħad il-bhima titla' b'nofs it-tagħbija u tħalliha fuq. Tinżel għan-nofs l-ieħor u t-tellgħu. Xħin tasal fuq, jitgħabba n-nofs l-ieħor li tkun ġa tellgħetu u tibqa' sejra bit-tagħbija kollha fil-post fejn trid twassalha.

Il-kelma "titnija" hija nom ġej mill-verb "tenna", jiġifieri rripeta.

*Nota: Dan it-tagħrif inġabar fis-sena 1985 mingħand Wenzu Camilleri mix-Xewkija u Emmanuel Grech (tas-Siku) mir-Rabat, Għawdex u oħrajn, u bih kienu saru diversi programmi televiżivi għas-serje ta' programmi minn Għawdex bl-isem "Il-Manbar" taħt id-direzzjoni tal-mibki Joe Borg Ghigo li dik il-ħabta kien residenti Għawdex.*

TIEQA FUQ L-AMBJENT (5)

# Il-Mammiferi f'Għawdex



*kitba ta'* Joe Sultana

L-annimali magħrufa bħala Mammiferi huma dawk l-ispeċi li għandhom is-sinsla tad-dahar. Fid-dinja jinstabu iżjed minn 4,500 speċi; ibda minn wieħed mill-ikbar, l-**Iljunfant**, sa wieħed mill-iċken, il-**Bugeddum**. Il-mammiferi huma dawk l-ispeċi li jreddgħu l-frieħ, għandhom ix-xagħar, kif ukoll għandhom qafas ta' għadam (l-iskeletru).

Il-lista tal-mammiferi li jinstabu jgħixu fis-selvaġġ f'Għawdex hija fqira ħafna. Jinstabu biss erbatax-il speċi. Fost dawn hemm tnejn mill-grupp tal-Insettivori (Ordni *Insettivora*) – **il-Qanfud** u l-**Bugeddum ta' Għawdex**; seba' speċi ta' **friefet il-lejl** mill-Ordni *Chiroptera*; u l-**Fenek Salvaġġ** mill-Ordni *Lagomorpha*. Hemm ukoll erba' speċi ta' firien u ġrieden li la huma popolari, u wisq inqas maħbuba min-nies, speċjalment minħabba l-ħsara li ġeneralment jagħmlu fir-raba u anke fid-djar.

**Il-Fenek Salvaġġ** huwa l-akbar mammiferu li jinstab fis-salvaġġ f'Għawdex. M'huwiex daqstant komuni għalkemm jidher li żdied xi ftit f'dawn l-aħħar snin. L-iżjed li jgħammar f'postijiet diżabitati, speċjalment fl-irdumijiet ta' taħt is-sisien kemm dawk ta'madwar il-kosta kif ukoll dawk ta' madwar l-għoljiet, fejn iżomm moħbi matul il-jum. Ġeneralment joħroġ jirgħa għall-ikel kmieni fil-għodu jew tard fil-għaxija u ma l-iċken ħoss dritt jisparixxi f'xi toqba fil-ħamrija jew qalb il-blat u l-ġebel. Jiekol il-ħaxix u anke jħaffer għall-għeruq tax-xtieli. Għandu pil suf artab u lixx u ġeneralment ikun ta' kulur griż jew kannella ċar. Il-mara twelled il-frieħ kważi s-sena kollha iżda l-iżjed matul ir-rebbiegħa u s-sajf. Ġieli jkollha anke tlett ibtan fis-sena, b'kull boton jaf ikun fih sa tnax-il żarmuġ. X'aktarx li ġie ntrodott fil-Gżejjer Maltin mill-Feniċi.

**Il-Qanfud** huwa iżgħar mill-**Fenek Salvaġġ**. Minn fuq miksi b'xagħar iebes u jniggeż u għandu ferq fuq moħħu. Jinstabu żewġ tipi; wieħed ċar u l-ieħor skur. Ixomm u jisma' ħafna u jiekol insetti, għekierex u bugħeriewen, ħniex u anke vertebrati żgħar. Joħroġ matul il-lejl, imma meta fix-xitwa jkun il-ksieħ u t-temperatura titbaxxa ħafna jibqa' fil-moħba tiegħu għal żmien twil. Il-moħba tkun ġeneralment taħt veġetazzjoni folta jew ġo xi ħofra taħt il-blat jew fil-ħamrija. Ikollu boton wieħed ta' minn żewġ sa erbgħat ifrieħ li jwelled mill-aħħar tar-rebbiegħa sal-bidu tal-ħarifa. Meta jkun mhedded jiddefendi ruħu billi jingħalaq u jifforma ballun tax-xewk. X'aktarx li l-qanfud kien ġie ntrodott fil-Gżejjer Maltin mit-tramuntana tal-Afrika fi żmien ir-Rumani.

**Il-Friefet il-Lejl** huma l-uniċi mammiferi li jtiru. Għandhom sett ġwienaħ iffurmati minn rita li tiksi l-għadam twil ta' subgħajhom. Għajnejhom irqaq ħafna imma għandhom ħila kbira li jtiru anke fid-dlam għax jużaw l-eku ta' ħsejjes irqaq u mgħaġġla li jittrażmettu huma stess. B'din is-sistema kapaċi wkoll jinnutaw fejn ikunu l-insetti li jaqbdu fl-arja. Matul il-ġurnata joqgħodu jistrieħu fil-moħba; xi xaqq fil-ħitan, fil-blat,f'xi għar u anke f'xi zokk ta' siġra. Fil-għaxija joħorġu jittajru biex jaqbdu l-insetti u permezz ta' l-eku tal-ħsejjes li jitrażmettu, jaslu għal fuqhom u jaqbduhom billi jiffurmaw qisu kop bir-rita li tgħaqqad il-ġwienaħ mat-tarf ta' denbhom. Ġeneralment iwelldu ferħ jew tnejn fis-sajf kull sena. Meta jieqfu jistrieħu, l-biċċa l-kbira ta' l-ispeċi jiddendlu minn saqajhom, rashom l-isfel. Sfortunatament huma ħafna dawk in-nies li jistmerru lil dawn il-ħlejjaq. Imma fil-fatt il-**friefet il-lejl** huma ta' benefiċċju kbir. L-iżjed farfett il-lejl komuni huwa l-**Pipistrell**, li huwa l-iżgħar farfett il-lejl Ewropew. Dan jgħammar fix-xquq u l-fissuri f'kull tip ta' ħajt matul il-jum, u qabel jidlam joħroġ jissiefaħ biex jaqbad l-insetti ż-żgħar, l-iżjed in-nemus. **Pipistrell** wieħed kapaċi jaqbad u jiekol iżjed minn 2000 nemusa f'lejl.

**Il-Bugeddum ta' Għawdex** jinstab biss fi Sqallija u Għawdex u l-popolazzjoni li tinstab hawn hija tar-razza endemika *Calypso*, jiġifieri tinstab biss f'Għawdex u mkien iżjed fid-dinja. Din ir-razza kienet identifikata min-naturalista Svizzeru Peter Vogel meta ġie Għawdex fl-1989 biex jistudja din l-ispeċi ta' l-iżgħar mammiferu li jinstab hawn. Għalkemm jixbah lil ġurdien żgħir, dan speċi differenti għal kollox, ħlief għad-dehra, u m'għandu x'jaqsam xejn mal-ġrieden. Għandu geddumu twil gej għall-ponta u denbu qasir ħafna. Frekwenti f'Għawdex iżda f'Malta ma jinstabx, għalkemm instabu fossili tiegħu fil-gżira ta' Malta tal-perjodu Plejistoċeniku, madwar żewġ miljuni snin ilu. Fil-gżira ta' Malta jinstab speċi ta' **Bugeddum** ieħor, iżgħar sew minn dak li jinstab f'Għawdex, tant li huwa magħruf bħala l-iżgħar mammiferu fid-dinja. Bħal fil-kas tal-friefet il-lejl, in-nies ukoll tistmerr dawn il-mammiferi minħabba li jixbħu kemxejn lill-ġrieden fid-dehra tagħhom. Iżda dawn ma jagħmlu ħsara xejn; huma insettivori u jieklu biss insetti u dud. Huma attivi lejl u nhar ħlief meta tkun kesħa qalila.



*Farfett il-Lejl Widnet il-Ġurdien - wieħed minn seba' speċi ta' friefet il-lejl li jinstabu f'Għawdex. Mhux komuni daqs il-Pipistrell. Huwa akbar u ġeneralment iżomm fl-għerien. Ħafna nies jistmerru lill-friefet il-lejl iżda dawn l-annimali huma ta' benefiċċju. (Ritratt: John J. Borg).*



*Fenek Salvaġġ - ġeneralment ikun griż, jew kannella ċar ħafna. Probabbilment introdott fil-Gżejjer Maltin mill-Feniċi. (Ritratt: Guido Bonett).*



*Bugeddum ta' Għawdex - mara b'erba' frieħ kbar. Il-Bugeddum ta' Għawdex jinstab f'Għawdex u Sqallija. Il-popolazzjoni ta' Għawdex hija tar-razza endemika, u ma tinstab imkien iżjed. Magħrufa bl-isem xjentifiku "Crocidura sicula calypso". (Ritratt: Peter Vogel)*



*Qanfud - mammiferu li hu miksi minn fuq b'xagħar iebes, bil-ponta u jniggeż, qisu xewk. Probabbilment introdott fil-Gżejjer Maltin mill-pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq fi żmien ir-Rumani. (Ritratt: Joe Sultana)*

***ERRATA CORRIGE:***

Fil-ħarġa ta' April, fl-artiklu ***"Ġmiel il-Flora fir-Rebbiegħa"*** f'paġna 33 inqalbu żewġ *captions*. Dik tal-**ĠIŻI ta' MALTA** dehret taħt ir-ritratt tat-**TENGĦUD tas-SIĠRA**...u viċiversa. Niskużaw ruħna mal-awtur u mal-qarrejja.

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# 2. Dun Alwiġ Mizzi u l-Oratorju Don Bosco

Nistgħu ngħidu li l-aqwa biċċa xogħol li Dun Alwiġ Mizzi għamel f'ħajtu kienet dik li kompla l-bini ta' l-Oratorju u organizzah sewwa.

L-Oratorju Don Bosco beda permezz tal-ħidma ta' Dun Pawl Micallef. Huwa kien ilaqqa' t-tfal fil-kappella taċ-ċimiterju fi Pjazza Santu Wistin. U permezz tal-għajnuna ta' Mons. Ġużeppi Pace, dan iċ-ċimiterju twaqqa' u beda l-bini ta' l-Oratorju. Iżda Dun Pawl ma setax ilaħħaq mal-bini u t-tmexxija ta' dak li kien beda. Huwa xtaq ukoll li s-Sależjani jkomplu jieħdu ħsieb l-Oratorju, xewqa li wera lill-Isqof u li qabel magħha wkoll.

Mons. Pace għarraf lil Dun Alwiġ Mizzi b'din ix-xewqa. Dan għarrfu li ser jirreferi għas-Superjuri tiegħu. F'Novembru 1946, Fr. V. Couche, Spettur tas-Sależjani għall-provinċja ingliża, flimkien ma' Fr. MacLughlin, Rettur ta' St. Patrick ġewwa Malta, u Dun Alwiġ għamlu żjara lill-Isqof. Qablu li Dun Alwiġ kellu jintbagħat Għawdex biex ikompli x-xogħol li kien beda Dun Pawl Micallef.

Minkejja d-diffikultajiet li nqalgħu, il-bini beda tiela' ġmielu u permezz tal-ħidma ta' Fr. Mizzi, megħjun minn xi saċerdoti oħra, l-Oratorju fis-snin 1947-1948 beda jiffunzjona b'mod regolari. Huwa kien jagħmel il-ħila kollha tiegħu biex jiġbed it-tfal lejn l-Oratorju. Għal dan il-għan xtara mwejjed tal-logħob, *table tennis*, u *gramaphone* u għadd ġmielu ta' diski. Għammar il-lokal b'sistema ta' *microphones* u *loudspeakers* għal meta jkun hemm xi *lectures* jew konferenzi li għalihom kienu jiġu mistiedna anki xi kelliema minn Malta jew barranin.

Il-ħeġġa għall-attivitajiet sportivi dehret fl-aqwa tagħha fil-Karnival tal-1948, meta Fr. Mizzi organizza diversi logħob fil-*ground* ta' l-Oratorju, fejn qabel kien hemm iċ-ċimiterju. Anki l-kbar ġew jarawhom u ħadu gost. Fl-Oratorju kien isir ukoll it-tagħlim reliġjuż, kif ukoll attivitajiet fuq il-palk.

Fl-1952 ittella' fuq il-palk dramm tal-Passjoni miktub minn Dun Alwiġ. Dan ġie ripetut fis-snin 1961 u 1968. Kien dramm sabiħ u li rnexxa ħafna. Barra minn hekk, bl-għajnuna ta-Sur Joe Depiro, li dik il-ħabta kien Supretendent tal-Pulizija f'Għawdex, Dun Alwiġ waqqaf il-grupp tas-*Salesian Boy Scouts*. Bħala uniformi, dawn kellhom qmis ta' kulur aħdar skur u qalziet tal-*khaki* flimkien ma' beritta jew kappell.

Waqqaf ukoll il-Għaqda tal-*Piccolo Clero* jew, kif inhuma magħrufa b'mod popolari, "abbatini", taħt il-protezzjoni tal-Beatu Domenico Savio. Dawn immarċjaw għall-ewwel darba fit-toroq tar-Rabat lebsin is-suttana ħamra u l-ispellizza bajda u bil-pellegrina, flimkien ma' l-*Iscouts* fil-festa ta' Kristu Re, f'Ottubru 1948.

Fit-2 ta' Marzu 1949, Fr. Couche, il-Provinċjal tas-Sależjani, żar l-Oratorju u baqa' impressjonat b'dak li ra. Għalhekk feraħ lil Dun Alwiġ ta' l-opra li kien qiegħed iwettaq u wegħdu li jibgħatlu xi assistenti biex jgħinuh. Din il-wegħda twettqet billi ntbagħtu Fr. Joe Mangion SDB li wasal Għawdex fit-23 ta' Awissu 1949 u fis-27 ta' Awissu ta' l-istess sena ġie wkoll Fr. Joseph Borg SDB.



Fl-Oratorju huwa waqqaf grupp ta' Aspiranti interni; jiġifieri dawn kienu żgħażagħ li wrew xi xewqa li jsiru Sależjani. Għalkemm xi żewġ tużżani żgħażagħ għamlu din l-esperjenza, kienu madwar sitta li skoprew li kellhom tabilħaqq vokazzjoni u hekk saru saċerdoti sależjani.

Dun Pawl Micallef u Dun Alwiġ Mizzi kellhom ix-xorti li jaraw il-ftuħ uffiċjali ta' l-Oratorju fit-8 ta' Ottubru 1949, mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace. U fit-13 ta' Mejju 1951 is-sala ta' l-Oratorju bdiet tintuża bħala *cinema*. L-ewwel film li ntwera kien *Saint Joan of Arc*. Id-dħul mill-biljetti kien iservi biex tinxtara l-għamara u jitħallsu l-ħtiġijiet tal-lokal.

Fl-24 ta' Frar 1949, permezz tal-ħidma ta' Dun Alwiġ, ittellgħet wirja ta' dak kollu li wettaq l-Oratorju Don Bosco matul l-aħħar għaxar snin li kien ilu mwaqqaf. Kien hemm sezzjoni oħra li turi l-ħidma tas-Sależjani f'kull parti tad-dinja. Kienu jiġu ċċelebrati l-festi ta' San Ġwann Bosco fil-31 ta' Jannar u ta' Marija Awżiljatriċi fl-24 ta' Mejju. It-tfal u ż-żgħażagħ kienu jattendu għalihom bi ħġarhom.

Dun Alwiġ spiċċa minn Direttur ta' l-Oratorju f'Ottubru 1957.

***Angelo Xuereb***

*Għawdex Online (1)*



# Merħba!



*riċerka u kitba ta'* SALVU FELICE PACE, sfelicepace@mail.global.net.mt

**Għaliex *Għawdex Online*? Illum l-ebda pubblikazzjoni stampata ma tista' taħdem f'iżolament mid-dinja ta' l-*internet*. Ma naqbilx ma' dawk li jaħsbu li m'għadx hemm lok għall-gazzetti jew rivisti stampati. L-esperjenza wriet li dawn iż-żewġ oqsma - il-*media* stampata u l-*media online* - huma komplementari. Isaħħu lil xulxin. Fit-taqsima "Min Aħna" tal-websajt tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (www.ktieb.org.mt) issib dawn il-kliem: 'Minkejja t-teknoloġija moderna u s-suppost theddida li din kellha ġġib, il-ktieb ma mietx. Għall-kuntrarju għenet biex il-ktieb jinbiegħ aktar.'**

*Il-Ħajja f'Għawdex* hija rivista djoċesana li tispeċjalizza fuq il-ħajja tal-Knisja f'din il-gżira iżda timraħ ukoll fl-attivitajiet soċjali u kulturali li jagħtu kontribut qawwi lill-ħajja għawdxija. Hemm ukoll oqsma oħra li huma wkoll parti mill-ħajja għawdxija - l-ambjent wieħed minnhom u l-folklor ieħor - it-tnejn rapportati kif jixraq f'din ir-rivista. Issa jmiss li anke l-ħajja għawdxija fid-dinja virtwali, iżda bbażata fuq ir-realtà tal-ħajja f'Għawdex, issib postha hawn ukoll.

***Riċerka dwar Għawdex***

Għal dawk familjari ma' l-*internet*, bla dubju ta' xejn, min jaf kemm-il darba daħħlu l-kelma *Gozo* jew Għawdex f'xi magna ta' tfittix u hemm skoprew eluf ta' referenzi dwar il-gżira. Jien għamilt l-istess, iżda din id-darba llimitajt ruħi għad-djoċesi ta' Għawdex. **Jixraq li f'dan l-ewwel appuntament magħkom nagħti ħarsa lejn il-websajt uffiċjali tad-djoċesi bl-indirizz *www.gozodiocese.org*. Il-lista twila b'aktar minn 26,000 referenza fiha kemm materjal serju u materjal ta' ebda importanza. Dak hu b'mod ġenerali l-karattru tat-tfittix permezz tal-*internet*.** Iżda fost ir-referenzi utli ser insemmi siti magħrufin sewwa. Fosthom *www.newadvent.org/cathen/06687b.htm* fejn issib l-istorja tad-Djocesi ta' Għawdex bħala parti mill-Enċiklopedija Kattolika, *www.wikipedia.org/wiki/Diocese_of_Gozo-25k*, fejn minbarra l-istorja ssib ukoll lista tal-Isqfijiet ta' Għawdex, diversi referenzi u *links* esterni u *www.searchmalta.com/dir/Gozo/Catholic_Church/index.shtml* fejn issib diversi siti relatati mad-djoċesi.

Il-paġna tal-merħba ta' *gozodiocese.org* tiffoka fuq l-attwalità. Qiegħed nikteb f'Mejju hekk kif għadna kif iċċelebrajna l-festa tal-Pentekoste. Is-sit tixhed dan billi tiftaħ b'talba lill-Ispirtu s-Santu. Aktar tard żdied rapport dwar il-Velja tal-Pentekoste li saret f'Ta Pinu.

***Kategoriji fil-Websajt tal-Kurja***

Fl-istess paġna hemm lista ta' għaxar kategoriji li kull waħda tinfetaħ biex turi l-materjal tagħha. Ħalli ndur dawra magħha.

1. **Appostolat tat-Talb**. Hawn issib il-fehmiet għal kull xahar b'intenzjonijiet ġenerali u missjunarji u l-intenzjonijiet tal-Isqfijiet.
2. **Bishop Mario Grech**. Diversi omeliji u tagħlim ieħor tar-ragħaj tagħna.
3. **Pubblikazzjonijiet Djoċesani**. Il-Bullettin ta' nhar ta' Ħadd u siltiet minn din ir-rivista.
4. **Newsheets** tal-Għaqdiet Kattoliċi mis-segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi.
5. **Offices Communications**. Dokumenti li jinħarġu minn żmien għal ieħor mill-Vigarjat Ġenerali.
6. **Pastoral Calendar**. Attivitajiet pastorali għas-sena 2007-2008 taħt it-tema 'Kunu Ħbieb tal-Evanġelju'.
7. **Photo Gallery**. Hawn issib diversi ritratti dwar iż-żjara pastorali ta' l-Isqof tagħna fil-Kanada. Issib ukoll album tar-ritratti għax-xhur Jannar sa Mejju.
8. **Press Releases**. Stqarrijiet għall-istampa li joħorġu mill-Kurja minn żmien għal ieħor.
9. **Resources**. Din hija kategorija importanti ħafna għax fiha materjal liturġiku/pastorali ppreparat minn diversi parroċċi dwar temi bħaċ-ċelebrazzjoni ta' l-ewwel qrara b'materjal mlesti mill-Parroċċa ta' Sannat, spunti għall-omeliji, xogħol mill-Parroċċa ta' Kerċem dwar il-Maħfra bħala festa, fuljetti għal żmien ir-Randan u materjal ieħor.
10. **The Maltese Herald**. Hawn issib rapporti ta' Charles Spiteri dwar attivitajiet djoċesani bħall-Kungress tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla li sar fil-Parroċċa tax-Xewkija u ż-żjara tal-ET Nunzju Appostoliku Mons. Tommasso Caputo f'Għawdex. Dawn ir-rapporti dehru naturalment f'din il-gazzetta popolari fost ħutna emigranti fl-Awstralja.

***Aktar fl-ewwel paġna***

Materjal ieħor li ssib fil-paġna tal-merħba jirreferi għal diversi laqgħat li huma ppjanati tul ix-xahar korrenti, **lista ta' parroċċi li għandhom is-sit elettroniku tagħhom li huma dawk tal-Fontana, il-Katidral, San Ġorġ, Sannat, Munxar, Qala, Xagħra u Ta' Pinu. Hemm ukoll il-lista ta' Radju tal-Komunità li tista' tgħid jinsab kważi f'kull lokalità tad-djoċesi**, taqsima bl-isem *Other Dioceses* b'referenza naturalment għall-Arċidjocesi ta' Malta u *links* importanti ma' siti ekkleżjastiċi bħal dik tas-*Santa Sede* u taqsima oħra dwar **entitajiet tal-Knisja f'Għawdex bħall-Fondazzjoni Arka u l-Oratorju Don Bosco**. F'paġni oħrajn issib tagħrif dwar il-Ġerarkija, l-Isqfijiet ta' Għawdex, l-Uffiċċji tal-Kurja, Knejjes u Kappelli u s-Santwarju Nazzjonali, Kleru, Istituzzjonijiet, is-Seminarju, Servizzi u skeda tal-quddies. X'uħud minn dawn it-taqsimiet jisthoqqilhom żjara separata darb'oħra.

**Nitlob lill-qarrejja li jekk iridu jagħmlu xi suġġeriment dwar din ir-rubrika, jistgħu jibgħatu *email* fl-indirizz li jidher mal-artiklu jew jibgħatu ittra lill-editur.**

**Għawdex Qabel ir-Ritratti (6)** — *minn* **JOHN CREMONA**

# Kummerċ f'Wied il-Għasri... kollox legali?

Pl.VII. Fig.1



View of the extraordinary fountain occasioned by the Clock-makers Salt-Works.

Fi gżira żgħira bħal Għawdex fejn ir-rutina tal-ħajja hija xi ftit jew wisq dejjem l-istess, avveniment bħal dak ta' Wied il-Għasri żgur li qajjem interess fost in-nies tal-lokal, u mhux biss, imma l-viżitaturi li ġew Għawdex f'dak iż-żmien, ukoll ħallew rakkont interessanti ta' dak li ġara.

L-ewwel li jsemmi dan kien Jean Houel li jirrakkonta l-ġrajja u jġib inċiżjoni interessanti ħafna. Għal-lum, iddeċidejt li nġib l-inċiżjoni li ppubblika l-Kavallier Louis de Boisgelin fil-ktieb tiegħu *Ancient and Modern Malta* ppubblikat minn *G & J Robinson* f'Londra fl-1804. Kemm ir-rakkont, kif ukoll l-istampa huma kopja kważi perfetta ta' dawk ta' Jean Houel.

Kien madwar is-sena 1774 li raġel inġenjuż Malti magħruf bħala l-*arluġġar* li kien joqgħod iż-Żebbuġ fettillu jħaffer numru ta' salini fuq medda blat bejn Wied il-Għasri u Ras ir-Reqqa. Peress li l-blat kien għoli ħafna, kellu diffikultà kif ser itella' l-ilma. Wara li ħasibha ħafna, skopra li jekk iħaffer speċi ta' bir kien jinfed f'għar taħt il-blat u hekk seta' jtella' l-ilma permezz ta' mitħna. Sa kemm dam bnazzi kollox sew, imma meta beda l-maltemp il-mewġ beda jidħol fl-għar bis-saħħa u billi ma kienx isib minn fejn joħroġ, spara 'l fuq mit-toqba u bis-saħħa li kellu fforma kolonna ta' l-ilma xi sittin pied għolja. Bir-riħ imbagħad l-ilma kien jitferrex fuq l-għelieqi tal-madwar u qered kollox. In-nies tal-lokal bdew ifittxu lill-arluġġar għad-danni, iżda dan bl-inkwiet qabditu marda li tefgħetu fil-qabar.

Ġorġ Pisani fl-ewwel ktieb tiegħu dwar il-leġġendi ta' Għawdex jgħid ukoll li dan l-arluġġar kien jaħdem fajjenza fina ħafna li ġibdet l-attenzjoni ta' bosta persuni fosthom tal-Gran Mastru. Imma dan l-arluġġar milli jidher kien bniedem tal-kummerċ u fost dawn l-affarijiet kollha kien ukoll jagħmel il-flus foloz! Ġorġ Pisani jgħid li darba ġew ifittxuh xi nies mibgħuta mill-Gran Mastru biex jixtru l-fajjenza. Bil-qatgħa li ħa, għax ħaseb li ġew biex jarrestawh minħabba l-flus, baqa' sejjer fil-qabar.

Hu x'inhu, min imur f'dan il-post illum fil-maltemp għadu jista' jara l-ħofra ta' l-arluġġar imblukkata bil-ġebel imma minnha jinstema' l-ħoss qawwi tal-baħar. 'Il quddiem inġib ukoll inċiżjonijiet oħra ta' l-istess ġrajja u nagħti aktar dettalji dwarha.

L-inċiżjoni li hija ntitolata *View of the extraordinary fountain occasioned by the Clock-Makers Salt-Works* hija mmarkata bħala *Plate VII Fig 1* u fiha qies ta' 147 x 218 mm.

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 165

Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2008

# L-ispiża tal-ġarr ta' prodotti Għawdxin lill-Granmastru

**Id-dokument numru mija ħamsa u sittin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu tkomplija tad-dokument ippubblikat fin-numru ta' qabel. Għandu x'jaqsam, jiġifieri, ma' l-ispejjeż magħmula mill-Università biex tipprovdi prodotti Għawdxin lill-Granmastru li kien qiegħed jistejqer minn marda. L-ispiża tinsab reġistrata fil-għaxar volum ta' l-Acta ta' l-Universitas Gaudisii, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1707–1708), folji 67 (NAG, UG, Acta, 10 (1707–1708) f. 67).**

Din hi traskrizzjoni ta' partijiet oħra mid-dokument li ppubblikajna fl-aħħar numru:

*Signore Notaio Luigi Grech, Giurato e Tesoriere di questa Università del Gozo, trattenerete l'infrascritta somma che d'ordine nostro havete speso in atto di visita e congratulatione della ricuperata salute del Serenissimo Principe nel suo giardino della Ballut in Malta, li 22 maggio 1708, come siegue, cioè...*

- *Per loro vitto – tarì 3, grani 2*
- *Al burdinaro e per fitto de' parreri e coffe – tarì 5, grani 5 qafas oqfsa*
- *Per pane havuto da Rocco Mallia – tarì 4*
- *Al servitore Alonzo per suo accesso col regalo in detto giardino tal-Ballut, e recesso qui a Gozo – tarì 1, grani 4*
- *Per nolo di sua barca – Scudo 1*
- *A sudetto Rocco Mallia per spesa fatta in congiuntura di visita ed accesso e recesso nostro cioe portare rotoli 13 di vitella – Scudi 2, tarì 8, grani 8*
- *Loro portatura – tarì 1*
- *Per nolo del brigantino trattenuto all'effetto suddetto – Scudi 5*
- *Per cavalcatura in tutta – Scudi 12, tarì 3*

Kif ġa ktibna, fil-bidu tas-sena 1708, tliet mit sena ilu, il-Granmastru Raymond Perellos y Rocaful (1697-1720) kien marad sewwa u mar jistejqer għall-arja tal-baħar f'dar il-Ballut, Malta. L-Università ta' Għawdex bagħtitlu diversi prodotti ta' l-ikel. L-aħħar darba tajna lista tagħhom. Saru spejjeż oħra għall-ġarr tagħhom u ħwejjeġ oħra kif jidher mid-dokument.

Intefqu 3 irbgħajja u ħabtejn bħala *vitto* jew għalf għat-tjur li nxtraw biex minn Għawdex jittieħdu Malta: sittax-il serduq ta' l-Indja, jiġifieri tal-Kina, tużżana tiġieġ, tużżana sriedak, żewġ tużżani ħosjien, u tnax-il par tudun.

Il-burdnar li ġarr it-tjur u l-kiri ta' *parreri e coffe*, jiġifieri il-gaġeġ u oqfsa li fihom inġarru t-tjur swew flimkien 5 irbgħajja u 5 ħabbiet.

Rocco Mallia, li forna l-Università bil-ħobż, ħa 4 irbgħajja.

Alonzo, il-messaġġier ta' l-Università, ingħata irbiegħi u 4 ħabbiet tal-vjaġġ tiegħu bl-oġġetti mixtrija minn Għawdex għall-Ballut, Malta, u lura.



Il-kiri tad-dgħajsa tal-pass biex l-istess oġġetti jittieħdu l-Ballut, Malta, sewa skut.

Il-ġarr ta' l-oġġetti minn fejn daħlet id-dgħajsa sal-Ballut sewa rbiegħi oħra.

Rocco Mallia, imsemmi qabel, għamel ukoll vjaġġ bir-ritorn biex akkwista tlettax-il ratal vitella u tal-vitella li akkwista tħallas 2 skuti, 8 irbgħajja, u 8 ħabbiet.

L-istess Rocco Mallia ħa ukoll irbiegħi tal-vjaġġ li għamel biex akkwista din il-vitella.

Inkera wkoll brigantin b'nefqa ta' 5 skuti biex din il-vitella ttieħdet Malta.

Intefqu wkoll skut u tlieta rbgħajja lil taż-żwiemel li ġarrew parti minn dan l-ikel.

L-ispiża kollha, kif ktibna fin-numru ta' qabel, telgħet is-somma ta' 45 skut u 5 irbgħajja, li jiġu €8.81.

Dan il-kont bl-irqaqat li fih jixhed li l-Università kienet iżżomm rekord mill-iktar preċiż ta' l-ispejjeż li kienet tagħmel. Barra dan jitfa' wkoll xaqq dawl fuq is-siwi ta' oġġetti u l-ispejjeż marbuta ma' l-ivvjaġġar bejn Għawdex u Malta tliet mit sena ilu sewwa. Fl-aħħarnett, juri l-għaqal ta' l-Università ta' Għawdex li għamlet ħilitha kollha biex tingħoġob mal-Granmastru fiż-żmien il-marda tiegħu u hekk, b'wiċċha minn quddiem, tkun tista' titolbu l-għajnuna għall-gżira ta' Għawdex fi żmien il-ħtieġa.

## Passiġġata Biblika - 37

*"Intom imma, ħuti, intom ġejtu msejħa għall-ħelsien..." (Galatin 5:13)*

# IL-LIBERTA TA' L-EVANĠELJU TA' KRISTU

## Ħarsa lejn it-Tagħlim fl-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin

**minn Fr. Charles Buttigieg**

### *L-Ittra lill-Galatin*

**L-ittra lill-Galatin, hija ndirizzata lill-komunità ta' Galazja li jingħad li kienu ta' oriġini Ċeltika. Kienet provinċja Rumana fil-qalba ta' l-Asja Minuri, illum tagħmel parti mit-Turkija (ara Atti 16:6). L-ittra ġiet miktuba minn San Pawl aktarx bejn is-snin 54 u 58 W.K, matul it-tielet vjaġġ tiegħu missjunarju. Huwa stess jgħid fl-ittra u jfakkar lill-Galatin meta kien xandrilhom qabel għall-ewwel darba l-Evanġelju ta' Kristu, kif huwa kien marid u li kienu laqgħuh: "bħala anġlu ta' Alla" (Gal 4:14).**

Il-kuntest ta' l-ittra huma d-diversi problemi li kienu qegħdin joħolqu l-Lhud li saru nsara, imma baqgħu marbutin mal-preċetti u d-drawwiet ta' qabel u b'hekk ma kinux qegħdin jifhmu eżattament il-libertà tal-verità ta' l-Evanġelju ta' Kristu. Kienu qegħdin jinsistu li l-pagani kkonvertiti għandhom huma ukoll iħarsu l-liġi ta' Mosè u ċ-ċirkonċiżjoni: "...imma hemm xi uħud li qegħdin iħawdukom u jridu jaqilbu l-Evanġelju ta' Kristu" (1:7). U għalhekk: "Araw b'liema ittri kbar ktibtilkom b'idi stess." (6:11); San Pawl jikteb, iwissi u jqawwi l-qalb ta' din il-komunità. Meqjusa bħala ittra iebsa, ittra 'tan-nar' fejn San Pawl jiddefendi fuq kollox l-awtorità appostolika tiegħu u minħabba l-importanza tat-tagħlim f'din l-ittra, hija ukoll magħrufa bħala waħda mill-erba' ittri kbar tiegħu.

San Pawl juri f'din l-ittra, il-kobor tal-Evanġelju ta' Kristu u għalhekk il-qofol u l-importanza tal-fidi fi Kristu. Jurihom li huma saru ħielsa issa permezz ta' l-Evanġelju u għalhekk huma bħala ulied 'Sara' il-mara ħielsa ta' Abraham u mhux ulied 'Hagar' li kienet skjava: "Għalhekk, ħuti, aħna m'aħniex ulied l-ilsiera, imma ulied il-ħielsa" (4:31). Il-libertà li minnha jitkellem San Pawl, ma hijiex libertinaġġ li tagħmel li trid u kif trid, anke il-ħażen, imma hija libertà fil-verità u fit-tajjeb, li tgħin lin-nisrani jimxi fis-sewwa, għaliex hija frott ta' l-Ispirtu. Hekk tfisser il-kelma griega '*eleutheria*' għal-'libertà' jew 'ħelsien', ħelsien mill-irbit u mill-ħakma tal-ħażen. Infatti hija l-oppost tal-kelma griega '*douleia*' li tfisser 'skjavitù'.



*Galazja Antika fi żmien San Pawl*

### *Il-Libertà ta' l-Evanġelju ta' Kristu*

L-ewwelnett l-Evanġelju li qed ixandar San Pawl, huwa l-Evanġelju Ħaj ta' Kristu: "Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus..." (1:15-16). Huwa l-Evanġelju li jissupera l-liġijiet tal-bnedmin għaliex huwa ġej minn Alla li jrid is-salvazzjoni ta' kulħadd. Huwa l-Evanġelju li jxandar lil Kristu Rxoxt u għalhekk San Pawl irid iwassal din il-verità ta' ħelsien li ġab il-qawmien mill-mewt ta' Kristu: "Ngħid għalija ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu..." (6:14). Din hija l-'aħbar it-tajba' (bil-Grieg: *euangelion*), li jrid iwassal San Pawl u għalhekk ma jrid lil ħadd itellef jew jgħawweġ din il-verità sħiħa: "...ħalli b'hekk il-verità ta' l-Evanġelju tibqa' sħiħa għalikom" (2:5).



*Galazja llum*

### *Il-Libertà tal-Fidi fi Kristu*

Hija din il-verità ta' l-Evanġelju ta' Kristu, din l-aħbar it-tajba tal-Kelma t'Alla li trid tnissel fin-nisrani din il-fidi li tagħmilna tassew bnedmin ħielsa u ħaġa waħda fi Kristu: "Permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù intom ilkoll ulied Alla. Għax intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu, ilbistu, biex ngħidu hekk, il-ħajja ta' Kristu nnifsu. Ma hemmx aktar x'jagħżel bejn Lhudi u Grieg, bejn ilsir u ħieles, bejn raġel u mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù" (3:26-28). Hija din il-fidi li ddaħħalna fl-esperjenza ta' Kristu u li tagħmel lil qalbna tagħna tassew ħielsa: "Jien issallabt ma' Kristu; b'hekk mhux aktar jien li ngħix, imma hu Kristu li jgħix fija. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem ngħixha bil-fidi fl-Iben t'Alla li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija" (2:20). Hija fuq kollox din il-'fidi fi Kristu' li ssalva: "...aħna nafu li l-bniedem ma jkunx iġġustifikat bl-opri tal-liġi imma bil-fidi f'Ġesù Kristu, sabiex inkunu ġġustifikati bil-fidi fi Kristu u mhux bl-opri tal-liġi, għaliex bl-opri tal-liġi ebda bniedem ma jkun iġġustifikat" (2:16).



*Fejn kienet Galazja*



*Figuri pagani ta' Galazja*

### *Il-Libertà ta' Ulied Alla*

Mela San Pawl qiegħed jgħid lill-Galatin, li huma li laqgħu l-Evanġelju ta' Kristu u bdew jemmnu fih huma tassew ulied ħielsa u għalhekk mhux iżjed lsiera: "U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat; Abba! Missier! U hekk m'intix iżjed lsir, iżda iben; u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla" (3:23-29). It-terminu 'Abba' (bl-Aramajk) juri intimità kbira bejn l-ulied u l-missier tagħhom, liema rabta f'Alla fil-ħajja tan-nisrani, hija msaħħa bl-Ispirtu s-Santu. San Pawl jurihom li huma li emmnu fit-tagħlim ta' Kristu, huma tassew ulied Alla permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu, m'humiex iktar ilsiera imma ulied u għalhekk ukoll werrieta (bil-Grieg: *kleronomos*) ta' Alla. Dan huwa l-passaġġ tal-fidwa, li għaddiena minnu Kristu, mill-iskjavitù għall-filjoranza. "Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa. Żommu sħiħ, u terġgħux tmiddu għonqkom għall-madmad tal-jasar" (5:1).

### *Konklużjoni*

Proprju f'Diċembru li għadda, ħareġ id-dokument bl-isem: 'Nota Duttrinali fuq l-Aspetti ta' l-Evanġelizzazzjoni' ippubblikat mill-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi bit-tħejjija għas-Sinodu ta' l-Isqfijiet li ser isir f'Ottubru li ġej dwar il-Kelma t'Alla, li jgħid proprju dak li kiteb San Pawl f'din l-ittra lill-Galatin, li l-bnedmin ġew mogħtija lilhom minn Alla l-intellett u r-rieda biex ikunu jistgħu jagħrfu b'libertà u jħobbu dak li hu veru u dak li hu tajjeb. Dan huwa l-iskop ta' l-Evanġelju ta' Kristu.

San Pawl qed jerġa' jgħidilna anke llum permezz ta' din l-ittra, sabiex ma nwarrbux il-Kelma ta' Alla, ma mmewtux il-fidi tagħna fi Kristu, imma ngħixu l-Evanġelju ta' Kristu b'fidi awtentika, ħalli b'hekk nibqgħu tassew bnedmin ħielsa, għaliex in-nisrani huwa tassew bniedem ħieles, għaliex tassew ġejna meħlusa (mifdija) permezz ta' Sidna Ġesù Kristu.

### *Biblijografija*


BEALE, G.K., *"Peace and Mercy upon the Israel of God. The Old Testament Background of Galatians 6:16b"*, in *Biblica* 80 (1999) 214-223.

BORSE, U., *Der Brief an die Galater*, Regensburg 1984.

BRUCE, F.F., *Paul. Apostle of the Heart set free*, Grands Rapids (MI) 1977.

CIRIGANO, G. – MONTUSCHI, F., *La Personalità di Paolo. Un approccio psicologico alle Lettere Paoline*, Studi Biblici 27, Bologna 1996.

CORSANI, B., *Lettera ai Galati*, Genova 1990.

*Dizionario di Paolo e delle sue lettere*, G.F. HAWTHORNE – R.P. MARTIN – D.G. REID (eds.), Torino 2000.

GIORDANI, I, *St Paul. Apostle and Martyr,* Boston (MA) 1981.

LAMBRECHT, J., *"The right things you want to do. A note on Galatians 5:17d"*, in Biblica 79 (1998) 515-524.

SCHNEIDER, G., *Lettera ai Galati. Commenti spirituali del Nuovo Testamento*, Roma 1990.



RAYMOND CEFAI

TAL-KELBA LTD.

• BUILDING CONTRACTOR

• CRANE &

GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.

Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

*Ilħna mill-Bogħod fil-Qrib (5)*



# Dun Ġużepp Camilleri b'sejħa mill-Gwatemala

**Għaddew ħmistax-il sema minn meta wasalna l-Gwatemala. Konna grupp ta' sebgħa, ilkoll żgħażagħ barra jien. Fl-*Airport* ta' Aurora, ġie jilqagħna Patri Pietru Pawl Meylaq li kien qiegħed jaqdi pastoralment ħidma missjunarja fil-parroċċa ta' San Tumas Appostlu. Illum Patri Pietru Pawl irtira minħabba saħħtu, iżda xorta waħda għadu jiftakar b'imħabba dawk in-nies li serva b'tant ġenerożità u sagrifiċċju.**

### *Il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi*

L-iskop ta' mawritna fil-Gwatemala kien li nwettqu ħidma missjunarja għal ftit taż-żmien u wara nirritornaw mill-ġdid lejn Malta. Iżda għalija t-triq tal-Mulej kienet differenti. Ġejt hawn, ħarist madwari, ilmaħt orizzonti ġodda u ħallejt kliem il-Mulej jaħdmu fija: *"Il-ħaddiema huma ftit. Itolbu, mela, lil sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema fil-għalqa tiegħu"*. Kont naf li din id-deċiżjoni se titlob minni ħafna sagrifiċċju; it-tluq mill-familja, ambjent ġdid, post ta' faqar, età qegħda tavanza, iżda min-naħa l-oħra kont persważ mill-pass li kont qed nieħu u ma xtaqtx nerġa' lura minn sejħati.



Kienet waslet il-ġurnata li sħabi jitilqu u jirritornaw lejn Malta kif kien ippjanat. Kien mument ta' swied il-qalb għalija. Ipprovajt kull mezz sabiex innissi lili nnifsi minn dak kollu li kien għaddej minn moħħi; żammejt sħiħ, qegħidt riġlejja fuq is-sod u ma ridtx li ġismi jirbaħ il-qawwa li ħassejt ġewwa fija. Sħabi telqu u jien bqajt waħdi.

Dan ġara ħmistax-il sena ilu. Wara dawn is-snin kollha, illum, mill-esperjenzi li ngħaddi minnhom ta' kuljum, nista' nikteb xi ftit aktar fil-libertà dwar il-missjoni u l-missjunarju.

### *Il-missjoni u l-missjunarju*

Il-kelma missjoni tħaddan ħafna aspetti. Biex twettaq missjoni, mhux neċessarju li tħalli kollox u titlaq 'il bogħod minn pajjiżek. Missjoni tista' twettaqha kulfejn tkun. Iżda kliem Kristu, kliem li għadu attwali, jixtieq li l-għajta tiegħu tinstama' kullimkien; *"Morru fid-dinja kollha"*. L-appostli lkoll obdew il-kmand ta' Sidhom; ilkoll ħallew Ġerusalemm, ħlief San Ġwann Evanġelista, u dan għamlu sabiex iwettaq missjoni speċjali; dik li jieħu ħsieb Omm il-Mulej.

Gżiritna hija skoll żgħir f'nofs ta' baħar, sabiħa u għażiża imma ċkejkna. Fl-artijiet tal-missjoni, kull missjunarju jrid jaffronta sitwazzjoni territorjali mill-ikbar. Nieħdu hawn il-Gwatemala; kull saċerdot għandu taħt idejh 'il fuq minn tletin raħal. Il-parti l-kbira minn dawn l-irħula jinsabu 'l bogħod, iżolati u b'toroq inaċċessibbli, speċjalment fix-xhur tax-xitwa. Impenn, stamina, vitalità u kuraġġ iridu bilfors




jakkompanjaw il-ħidma pastorali ta' kull saċerdot. Il-mumenti tal-mistrieħ, li hu ferm meħtieġ, huma dawk fis-skiet quddiem Ġesù Sagramentat.

Xi snin ilu, flimkien ma' żewġ katekisti, mort inżur villaġġ żgħir qalb il-muntanji. Niftakar domna telgħin u neżlin fuq dahar iż-żiemel sagħtejn sħaħ. Iż-żiemel donnu mhux hu; aktar batejt jien minnu li refagħni. Iżda meta wieħed iġib quddiem għajnejh kliem il-profeta Isaija dwar is-sbuħija ta' min ixandar il-bxara t-tajba, il-għajja tinbidel f'ferħ, kull tbatija teħfief u ġismek jieħu l-mistrieħ.

### *Il-qawwa fil-mard*

Niftakar tajjeb wieħed mill-katekisti qalli: "Padre, tajjeb li nżuru l-morda tar-raħal." "Bil-qalb kollha", weġibtu. U bdejna ż-żjara tagħna. Kien qiegħed jidlam. "F'dan l-għarix," qalli, "hawn persuna li tixtieq titqarben." B'xemgħa bilkemm tnemnem, ersaqna fid-direzzjoni ta' l-għarix. Baxxejna ftit rasna biex dħalna u eżatt f'rokna, mrekkna tajjeb ma' ħajt tat-tafal, ilmaħt quddiemi mara xwejħa. Il-katekist ħa l-inizjattiva li jintroduċini magħha u qalilha : "Silvia, ġie jarak Padre Jose, is-saċerdot tagħna". Silvia dritt qamet mir-raqda tagħha , ipprovat titfa' ħarsitha fid-direzzjoni minn fejn kienet ġejja l-vuċi tal-katekist u mill-ewwel qaltli: "Padre, ma nistax narak; tlift id-dawl t'għajnejja ħafna snin ilu, iżda qatt ma tlift id-dawl li jressaqni lejn Alla".

Għal ftit waqtiet ħassejtni mħasseb nisma' kliem ta' fidi hekk kbira. Mara mixħuta f'qiegħ ta' sodda, faqar madwarha, ikel mill-inqas u nieqsa minn dak kollu li jimla qalb il-bniedem. Ersaqt lejha u staqsejtha: "Silvia, tixtieq titqarben ?" Kienet mistoqsija f'postha iżda mhix neċessarja. Ħassejt li mġibitha, il-fidi tagħha u xewqitha, kollox kien juri li kienet mara diġà mimlija bi Kristu. L-Ewkaristija li kienet se tirċievi, ma kinitx ħaġa oħra għajr konferma tal-fidi tagħha.

### *Sptar! Ħolma li twettqet!*

Illum għaddew ħmistax-il sena li ilni fil-Gwatemala. Kienet Silvia u nies oħra morda bħalha li wassluna għall-idea li nibnu sptar ġdid fil-parroċċa ċentrali. Illum dan l-isptar huwa strument ta' fejqan u xhieda viżibbli tal-Knisja tagħna f'postijiet fejn il-mewt kienet taħkem bl-addoċċ.

### *Kristu qatt ma jitlob ħafna... jitlob kollox!*

Forsi dan hu li qed jitlob minnek il-Mulej, li tħalli kollox u tmidd riġlejk fuq il-passi tiegħu. Niftakar tajjeb... kemm ħassejtha bi tqila li nħalli kollox u nagħmel l-ewwel pass tiegħi. Illum dan it-toqol, inħossu ħafif. Inħoss aktar it-toqol ta' l-età tiegħi milli t-toqol tal-ħidma pastorali fil-Gwatemala.

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

ARTI U KULTURA F'GĦAWDEX

# Ġorġ Scicluna l-artist tal-paradossi



kitba ta' **JOE CAMILLERI**

**Wieħed mill-artisti ħabrieka u prolifiċi li nsibu f'Għawdex huwa Ġorġ Scicluna. Inqisu bħala pittur paradossali għax l-arti tiegħu hi oriġinali fil-kunċett u t-twettiq tagħha, u fl-istess ħin tixhed l-influwenzi li ħallew fuq ruħu l-imgħallma l-kbar ta' l-arti ta' l-imgħoddi. Ili nsegwi l-iżvilupp artistiku ta' Ġorġ sa mill-ewwel attentati bikrin tiegħu fl-arti. Illum ngħid li l-arti figurattiva tiegħu hi prodott ta' għaġna bejn il-konxju u s-subkonxju. Hi arti personalizzata ħafna, djarju onest u intimu tal-preokupazzjonijiet tiegħu, tal-beżgħat, in-nuqqas ta' sabar, l-insigurtà, l-ossessjonijiet. Imma wkoll stqarrija tar-rieda tiegħu, ta' twemminu u ta' l-ottimiżmu li spiss jixgħel mill-kwadri tiegħu.**

Għalkemm fil-pittura ta' Scicluna hemm timbru distintiv ċar u kważi uniformi, l-arti tiegħu hi karatterizzata minn varjazzjoni. Kemm fit-tematika, l-istilistika u t-teknika, imma l-iktar fil-ġeneru. Mill-figurattiv espressiv, Scicluna jaqleb għax-xenografija tal-pajsaġġ, għall-ġeneru tas-sagru jew aħjar spiritwali, għall-astratt u jerġa' lura lejn dawn il-ġeneri rikorrenti.

Minkejja l-kontrapposti u l-kompożizzjonijiet bilanċjati, it-tematika u l-istilistika ta' Scicluna tisfida lil min irid iħabbel moħħu. Dan jgħodd l-iktar għax-xogħol figurattiv. Hi arti viżwalment ċara u sempliċi u fl-istess ħin misterjuża, enigmatika u bi ħjiel mistiku. Huma figuri meħuda minn Mikielanġelo, Caravaggio, Rodin, Parmeggianino u oħrajn, daqskemm minn figuri u karattri ordinarji li jsib madwaru, saħansitra fil-familja tiegħu. Fihom jinħassu l-monumentalità u l-qawwa ta' l-arti rinaxximentali. Jirriflettu l-arti personalizzata u l-ansjetà tal-manjeriżmu. Xorbu mir-realiżmu aħrax ta' Caravaggio. Għandhom mill-weġgħa, il-melankonija u l-*angst* ta' l-espressjoniżmu kontemporanju.





B'dana kollu fihom re-interpretazzjoni u huma ppreżentati b'mod strutturali differenti. Uħud minnhom analizzati minn angoli differenti bl-istess filosofija tal-kubiżmu. Oħrajn jissawru minn linji, ċrieki u segmenti. Dawn il-forom u linji ġeometriċi, Scicluna jħallihom jidhru. Uħud imħażża bil-lapes, oħrajn iddisinnjati bil-pinzell stess. Huma linji li jistrutturaw il-figura b'ċerta forza. Jew inkella hi l-figura li ssawwar il-linji mqawsa? Il-figuri huma mxekkla u skomdi f'dan il-qafas strutturali jew inkella jħossuhom f'tagħhom għax l-istess qafas strutturali viżiv jixhed l-inkonxju strutturat ta' min pittirhom? Għaliex Scicluna ta daqshekk importanza lil dawn iċ-ċrieki, segmenti u linji vertikali u orizzontali u ried lill-ispettatur ikun konxju minnhom?

Tassew li dawn il-linji ġeometriċi jixhdu ċerta insigurtà, biża', tensjoni u taqbida esterna u interna. Tassew li kultant il-figuri li jaqbdu huma midfuna fil-kjaroskur. Iżda jekk mhux kollha maħsula bid-dawl, minn xi mkien irid jitfaċċa d-dawl tat-tama. Scicluna mhux fatalist; mhux



profeta tad-dlamijiet. Hu pellegrin solitarju, forsi wkoll komdu fis-solitudni tiegħu. Iżda t-tama titliegħeb fil-kwadri tiegħu u tixhed twemminu li l-materja tikseb il-qofol tagħha fl-ispirtu, f'ħajja eterna.

Din il-filosofija forsi tilħaq il-qofol tagħha fil-kwadru li juru tifla tqum bilwieqfa wiċċha għad-dawl u tħares b'determinazzjoni lejn l-ispettatur. Imma l-iktar fix-xogħlijiet ta' xejra sagra. Kultant, Scicluna jpitter kwadretti mnebbħa minn opri ta' artisti stabbiliti bħall-*Madonna del Collo Lungo* ta' Parmeggianino. Saħansitra mill-kurċifiss ta' Azzopardi fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Scicluna jirrendihom bil-paletta tiegħu. Din id-darba waħda iktar delikata, fluwida, trasparenti u pjaċevoli. Fuq kollox, l-interpretazzjoni li jagħtihom hi tiegħu. Rajna każijiet fejn saħansitra jorbot ukoll element simboliku u espressiv. Il-pittura mnebbħa mill-Mosè ta' Mikelanġlu tintrabat mal-ktieb kontraversjali, id-*Da Vinci Code*. F'xogħlijiet oħra, Ġorġ Scicluna pitter lilu nnifsu, *semi nudo* jitkagħweġ ma' l-art quddiem dell ta' Kurċifiss. Scicluna hu bniedem reliġjuż jew inkella r-reliġjon hi mezz eċċellenti biex testerna l-ħsus ta' ruħu f'sitwazzjonijiet ta' kunflitti spiritwali?

Scicluna ġie li tnebbaħ ukoll mill-pajsaġġ lokali u minn inħawi tipiċi urbani. Kultant panorami, veduti miftuħa bil-meded ta' artijiet u raba' mtarraġ. Inkella t-toroq dojoq tar-Rabat Għawdex fejn trabba u għex. Il-gallarijiet magħluqa, in-niċeċ fil-kantuniera jiġbdulu l-attenzjoni. Bħala pittur ta' ċerta esperjenza, Scicluna janalizza l-forom, ir-ritmi, il-forzi statiċi u dawk dinamiċi, it-*textures* u fuq kollox id-dawl u l-effetti tiegħu fuq il-kulur. Imbagħad Scicluna jipprova jagħtihom l-interpretazzjoni tiegħu. Mhux biss joħloq varjazzjonijiet kromatiċi permezz ta' velaturi b'*highlights* impastati, imma fil-biċċa l-kbira b'teknika li hi stramba għalkemm interessanti. Iħobb juża l-*isplattering*, jiġifieri t-tfigħ ta' likwidu skond it-tip ta' medju, li joħloq ċarċir jew taqtir irregolari u li jħoll iż-żebgħa friska, jikxef il-primatura u jħalli ċerti effetti ottiċi.

Bħal ħafna artisti oħra, Ġorġ Scicluna kien wasal fl-istat li ħalla l-figurattiv jinħall fis-semi astratt u fl-astratt ukoll. Il-wasla għall-astratt f'Scicluna kienet proċess naturali, forsi wkoll bżonn. Fil-kwadri astratti tal-bidu jinħassu sew l-influwenzi minn artisti oħra l-iktar fl-użu tat-tirkib tal-velaturi biex jinħolqu ċerti effetti kromatiċi u fl-użu tat-teknika. Imma fihom Scicluna jagħti iktar importanza lis-solidità tal-forom, u l-moviment hu iktar notevoli.

Fuq kollox, fl-astratt, Scicluna għandu paletta iktar ħajja. Il-kjaroskur jibqa' jaħdem. Jidhru dbabar, forom, linji dritti ta' serjetà serena. Hemm alterazzjoni minn waqtiet lixxi paċifiċi għal inħawi iktar emottivi fejn hemm iktar linji ritmiċi. U l-iktar il-kuluri, b'mod partikulari l-aċċenn fuq l-aħmar li jirrifletti ċertu tqanqil emozzjonali u l-imħabba sfiqa li tixxennaq biex tersaq lejn it-tama u lejn orizzonti ġodda.



Minn hawn, Scicluna fejn sejjer? Is-sabiħ fil-ħajja artistika hu li l-artist dejjem ifittex u jiskopri fih innifsu. Jista' joħroġ bil-ġdid imma artist ġenwin jibqa' dejjem hu, bit-timbru partikulari u distintiv tiegħu. Fl-arti tiegħu, Ġorġ Scicluna jipprova jikseb ekwilibriju bejn ir-raġuni u l-emozzjoni. Hekk isawwar id-dinja tiegħu, dinja bilanċjata u fl-istess ħin kontrastanti u paradossali fejn kollox hu solidu u maħlul, fejn il-figurattiv isir astratt u l-astratt jitlaħħam.

PLAY - FORUM (2)

# Ma' Mewġ il-Ħajja



***F'din il-ħarġa qed nagħtukom it-tieni kontribuzzjoni f' sensiela ġdida ta' djalogi drammatiċi dwar problemi ta' żmienna, miktuba mill-mibki u qatt minsi MONS. SALV BORG, b'tifkira tiegħu. Dawn huma utli ħafna għal-laqgħat ta'diskussjoni.***

## X'sar minnhom l-Opri tal-Ħniena?

*Klara* Ċikk... Tonina qegħda hawn ?

*Ċikku* Le... Ħarġet ftit... qalet li sejra tixtri mingħand tal-*grocer*.

*Klara* Mela ġejt għalxejn!

*Ċikku* U x'ġejt għalxejn... Ġejt għalxejn min jisimgħek. Dik ma ddumx ma tiġi.

*Klara* Għax kieku flok noqgħod nistenniha, kont nasal wasla s'għand il-Kappillan, u għandi risposta ngħaddihielu.

*Ċikku* Jaħasra, Klara. Tonina ma ddumx ma tiġi... Imbagħad jekk issir taf li int ġejt hawnhekk u ma stennejthiex, l-ewwel wieħed li nlaqqatha nkun jien. Għax ma' Tonina ħoll xagħrek u ġib iż-żejt.

*Klara* Kos, kif intom intom! Dejjem imqabbdin ma' xulxin.

*Ċikku* Mhux jien... Hi tibda'... U jien...

*Klara* U int ma tħallihiex nieqsa għal melħa... mhux hekk Ċikk?

*Tonina* *(kif tkun dieħla)* Min dak?!... Mela dak qatt medd idu fil-kċina, min jisimgħek... Ma jitfagħlekx melħa, rajtux. Dak ipoġġi bilqegħda mal-mejda u jistennieni nġib il-borma...

*Klara* Jaħasra Tonina; int lilek min qallek li Ċikku kien qed ikellimni fuq it-tisjir...

*Tonina* Tajba din... Mhux lilek smajt tgħid lil Ċikku joqgħod itiegħem l-ikel u mbagħad arah jitfa' xi melħa?

*Klara* Dik il-fantasija ta' moħħok ġagħlitek tirraġuna b'dan il-mod. Jiena kont qed ngħid lil Ċikku li għadkom sa llum tillatikaw bejnietkom.

*Tonina* U naturalment, Ċikku bħas-soltu waħħal fija!

*Klara* Mhux eżatt!...

*Tonina* X'mhux eżatt... mhux eżatt! Dak jien il-kaġun ta' kollox hawn ġew...

*Klara* Jien għedtlu li hu ma jħallihiex nieqsa għal melħa; b'hekk semmejna l-melħ.

*Tonina* Issa ħallina minn dan. X'kien ġabek 'il hawn għodu, għodu?

*Klara* Donnok qrajtli ħsiebi, Tonina... Xtaqt inkellmek ftit!

*Tonina* Mela le... X'għandek bżonn?

*Klara* Xtaqt kieku inkellmek ras imb ras!...

*Ċikku* Ħalli nħallikom ftit... Komplu... Komplu; jien tiela' fuq innaddaf ftit il-barumbara ta' fuq il-bejt għax ittraskurajtha. *(Ċikku jitlaq)*

*Tonina* Issa li ħlisna minnu, xi trid tgħidli?

*Klara* Naf li forsi dehert kerha ma' Ċikku, iżda xtaqt li nkellmek waħdek.

*Tonina* Jaqaw?

*Klara* Tibdiex tinkwieta, Tonina. M'hemmx għalfejn!

*Tonina* Aktar ma ser tkompli tgħidli hekk, aktar qed iġġagħlni naħseb ħażin. Jekk trid tgħid xi ħaġa aqbad u għidha... Mhux għax jien kurjuża, iżda taf int... ma nafx noqgħod fuq ix-xwiek.

*Klara* Tonina... ilbieraħ kellna laqgħa tal-*Caritas*...

*Tonina* Jiena x'għandi x'naqsam mal-fratas...

*Klara* Inti min semmielek il-"fratas"... Għedtlek laqgħa tal-*Caritas*! Jiġifieri dak il-grupp li jieħu ħsieb jgħin lill-persuni fil-bżonn!

*Tonina* Messhom jgħinu lili, Klara... Għax anke jien għandi bżonn xi ftit ta' għajnuna.

*Klara* Tonina, għall-grazzja t'Alla, int ma jonqsok xejn... Imma apparti ċ-ċajt. Ilbieraħ iddiskutejna kif nistgħu ngħinu lil xi familji barranin li ġew f'pajjiżna biex jibdew ħajja ġdida.

*Tonina* M'inhix nifhem!

*Klara* Tonina naħseb li taf li hemm ħafna refuġjati li qed jiġu f'pajjiżna. Jeħtieġ ngħinuhom!

*Tonina* Isma' ħej, dawk ħadd ma qalilhom jiġu 'l hawn...Le, qegħdin tajjeb... Jiġu bil-lejl, jidħlu fi gżiritna u mbagħad jippretendu li nieħdu ħsiebhom... Jiena taf x'naf ngħid... jiena qatt ma mort f'dar ħaddieħor u ppretendejt li dawk jaqbdu u jżommuni, jitimgħuni u jlibbsuni.

*Klara* Mela nsejt x'konna nitgħallmu meta konna mmorru d-duttrina?

*Tonina* U jien fejn naf x'tgħallimna fid-duttrina daqskemm għadda żmien.

*Klara* Mela nsejthom l-opri tal-ħniena, Tonin?

*Tonina* X'ikunu dawn?

*Klara* Itma' lil min hu bil-ġuħ... Isqi lil min hu bil-għatx... Libbes lil min hu għarwien...

*Tonina* Iva, iva, issa qed niftakar... Imma ngħid jien, dawn l-opri tal-ħniena, x'għandhom x'jaqsmu mal-klandestini?

*Klara* Għandhom, mela m'għandhomx!... Tinsiex, imsieken... Dawn kellhom iħallu pajjiżhom minħabba l-ġlied u l-inkwiet li kien hemm, u biex jassiguraw futur aħjar għal uliedhom, kellhom saħansitra jaraw l-għarqa qabel ma ġew fi gżiritna.

*Tonina* Imma aħna fejn nidħlu, Klara?

*Klara* Dawn huma ħutna u għandhom bżonn l-għajnuna tagħna!

*Tonina* Imma aqtali kurżità... Aħna kif nistgħu ngħinuhom?

*Klara* Kif taf, hemm diversi familji li sabu kenn għand xi sorijiet. Dawn miżmuma sewwa ħafna. Biss kemm tkun ħaġa sewwa kieku nagħtu kenn fi djarna lil xi tfal ta' dawn ir-refuġjati. Xejn xejn iduqu l-atmosfera tal-familja.

*Tonina* X'inhu?... Imma jiena qed nifhmek sewwa?... Allura int trid tgħidli li ġejt hawn dalgħodu biex tgħidli nżomm xi tifel jew xi tifla minnhom?

*Klara* Eżatt, Tonina... Eżatt!... Qed nippruvaw inqassmu lit-tfal, tnejn tnejn għand xi familji li nafu li huma tajbin.

*Tonina* U skond int, jiena u Ċikku aħna familja tajba!... Inhix nifhmek sewwa?

*Klara* Hekk hu!

*Tonina* Klara...Ħallini ngħidlek: li ndaħħal xi tifel jew tifla suwed hawn ġew, insiha. Ma jkun qatt...

*Klara* Imma għaliex ?...

*Tonina* Ara għaliex !... L-ewwelnett mur żomm b'Anġla tal-Mekkanik. U t-tieni, Ċikku x'jgħid?... X'tgħid binti Margaret?

*Klara* Jiena naħseb li kemm Ċikku, kif ukoll Margaret jilqgħuhom b'idejhom miftuħa... Bħalma ninsab ċerta ukoll li anke Fr. Johnnie, li jinsab Ruma, jieħu gost bil-ġest tagħkom.

*Tonina* Kemm sejra mqarrqa!... Mur żomm b'Margaret... billi mhix pittma...

*Klara* Dak int qed tgħidu... Imbagħad il-*Caritas* mhix se tħallikom terfgħu l-piż tagħhom weħidkom, tafx!... Lesti li jgħinukom anke finanzjarjament...

*Tonina* Anqas biċ-ċajt ma rridek tgħidli hekk, Klara. Issa ma tarax li mhux se noqogħdu nixxaħħu ma' xi tifel jew tifla minn dawn ir-refuġjati. Fejn nieklu tlieta, nieklu erbgħa.

*Klara* Imma l-*Caritas* l-aktar li jimpurtaha hi li ssib familji tajbin li jilqgħu għandhom lil dawn it-tfal. Għax imsieken dak li għandhom bżonn bħalissa.

*Tonina* Imma lili qaluli li dawn it-tfal ma tantx huma qalbhom tajba, jew inkella rikonoxxenti. Ħafna drabi jafu jkunu wkoll vjolenti!

*Klara* Imma ma tridx temmen kulma jgħidulek...

*Tonina* Il-qasba ma ċċaqċaqx għalxejn... La qalu din il-ħaġa sinjal li hemm xi każijiet li dawn ir-refuġjati qalgħu t-*trouble* ma' dawk li jkunu joqogħdu għandhom. Qaluli wkoll li l-kbar huma xi ftit pretenzjużi... ma tikkuntentahom b'xejn.



*Klara* Jaħasra mhux kif qed taħseb int !!... Mhux kulħadd qata' waħda... Issib min hu vjolenti, u ssib ukoll min tqatta' u tiekol minnu.

*Tonina* Isma' Klara : qed ninsew ħaġa importanti. X'jgħidu dawn iż-żewġ familji li joqogħdu fuq kull naħa ta' darna ?... Taħseb li se jkunu kuntenti meta jafu kemm serq qed isir mit-tfal u miż-żgħażagħ refuġjati?

*Klara* Nerġa' ngħidlek: mhux kulħadd l-istess, issib minn kollox,

*Tonina* U jekk dak li jiġi għandna jinzerta wieħed delinkwent...?

*Klara* Jiena kont ser nissuġġerilek li tilqa' f'darek lil waħda tifla u lil ommha.

*Tonina* U issa ma tarax, Klara. Indaħħal mara oħra hawn ġew? L-ewwelnett m'għandix wisa' għalihom... It-tifel jew it-tifla, kieku b'xi mod nirranġaw post għalihom... Imma li ndaħħal mara f'dari... dik le, qatt u qatt. Ħalli għal Ċikku!

*Klara* Ċikku m'hu ser jgħid xejn!...

*Tonina* Ħalli għalih... billi ma jberraqx għajnejh kulfejn jara mara...! Xi mara oħra ndaħħallu hawn ġew! Barra mill-fatt li anke Margaret, forsi tasal biex taċċetta tifla żgħira, iżda xi ħadd kbir ma taċċettahx żgur.

*Klara* Mela ftehmna...

*Tonina* Żomm... żomm. Ma ftehmna xejn !... Jiena la għidtlek iva u lanqas le. Irrid l-ewwelnett nitkellem ma' Ċikku u ma' Margaret, nara x'jgħidu huma... U jekk jaqblu, allura naqbel magħhom jien ukoll. Basta tkun tifla żgħira...u mhux wiċċha tost!

*Klara* Għax ma ssejjaħx lil Ċikku?

*Tonina* *(issejjaħ)* Ċikk...Ċikk... Inti ser iddum tilgħab hemm fuq, jew?

*Ċikku* Ġej... *(pawsa)* Hawn arani ġejt !... Ara Klara! Mela għadek hawn?

*Klara* Iva Ċikk... Kellna bosta affarijiet x'ngħidu...

*Tonina* Tgħidlu int, Klara, jew ngħidlu jien?

*Ċikku* X'se tgħiduli?

*Klara* Tkellimt ma' Tonina biex nara l-possibbiltà li żżommu hawn f'darkom xi tifel jew tifla minn dawn tar-refuġjati li jinsabu għand is-Sorijiet.

*Ċikku* U x'qalet dik?

*Tonina* Jiena ma għedtilha xejn... Ma ridtx nikkommetti ruħi, qabel ma nitkellem miegħek u ma' Margaret...

*Klara* U hekk għandu jkun...

*Ċikku* U dan għal kemm żmien ?

*Klara* Eżatt, eżatt ma nafx ngħidlek. Iżda dejjem għandhom sitt xhur... il-*Caritas* qed tipprova takkwistalhom il-*visa* għall-Amerika, iżda mhix ħaġa ħafifa.

*Ċikku* U jekk din il-*visa* ma toħroġx, dan ikun ifisser li din it-tifla tibqa' magħna għal dejjem?

*Klara* U għal dejjem... Min jisimgħek !! L-importanti li din it-tifla nkunu nistgħu nibagħtuha l-iskola... Titgħallem tfendi għal rasha u ...Imbagħad...

*Tonina* Imbagħad titla' fuq rasna !... Ma nafx.. ma nafx... Jien taf x'naf ngħid : uliedna jiġru biex isibu lil xi ħadd jimpjegahom, u mbagħad jiġu dawn, ma nafx minn fejn, u kemm kemm ma jkunux iridu jieħdu l-impjieg ta' uliedna huma...

*Klara* Tkunx pessimista, Tonin!

*Tonina* M'inhix qed inkun pessimista... Dawn fatti... Ġraw u jerġgħu jiġru. Tridx tmur u tħallini!...

*Ibża' għal Saħħtek*

# Il-Ħsara mix-Xemx



*minn* DR MARIO SALIBA MD MMCFD

**Issa li qegħdin fl-eqqel tas-sajf kulħadd xi ftit jew wisq ikollu joqgħod għar-raġġi jaħarqu tax-xemx. Il-problema tar-raġġi mix-xemx mhix waħda tas-sajf biss. Illum il-problema tas-sħana mix-xemx tinfirex matul is-sena kollha minħabba fatturi globali li qed jiżdiedu. It-temperatura tad-dinja qed ftit ftit togħla (*global warming*) u iktar ma jgħaddu s-snin iktar qed ikollna sjuf sħan u xtiewi inqas kesħin. Dan jista' jkun effett ta' ħafna fatturi iżda żgur li t-tniġġis ta' l-arja huwa wieħed mill-fatturi li qed jikkawżaw dan. Bid-dħaħen mill-karrozzi, fabbriki, kif ukoll diversi tipi ta' sprejs fosthom fertillizzanti u pestiċidi li kontinwament qed narmu, qed neqirdu s-saff ta' l-ożonu (*ozone layer*) li fih hija mgeżwra d-dinja u għalhekk qed jipproteġina mir-raġġi qliel tax-xemx.**

Hemm min huwa espost għar-raġġi tax-xemx is-sena kollha:

- minħabba t-tip ta' xogħol li jagħmel.
- Hemm imbagħad min iħobb jixxemmex għall-gost jew aħjar biex ikollu dik il-bronzatura li llum saret parti mid-dehra sajfija.

Hu x'inhu l-iskop jew ir-raġuni li għalihom noqgħodu fix-xemx, dejjem tkun tagħmlilna l-ħsara u nkunu nipperikolaw li jkollna xi bidu ta' kanċer fil-ġilda kawżat mir-raġġi tax-xemx. **Dan it-tip ta' kanċer jissejjaħ *melanoma*. F'Malta nsibu tlett każijiet fis-sena minn dan il-kanċer. Din hija l-verità ppruvata mill-mediċina. Illum min jieħu gost jinħaraq bix-xemx jaqbillu jaħsibha darbtejn!**

Minkejja li ta' kull sena ssir kampanja biex ma noqgħodux fix-xemx fis-sigħat bejn il-ħdax ta' fil-għodu u l-erbgħa ta' wara nofsinhar xorta għadek tara nies jixxemmxu f'dawn is-sigħat. Kemm minnhom jużaw il-kremi apposta li jipproteġuna mir-raġġi tax-xemx? F'Malta l-kanċer tal-ġilda huwa kumuni u numru ta' nies imutu ukoll minħabba komplikazzjonijiet minn dan il-kanċer. L-iktar tip ta' kanċer tal-ġilda li huwa fatali huwa l-*melanoma*. **Dan it-tip ta' kanċer jinfirex mal-ġisem kollu fi żmien qasir u ma hemmx kura għalih. F'dawn l-aħħar 10 snin rajna żieda ta' 42% ta' każijiet ta' *melanoma*.**

Barra l-kanċer, ir-raġġi tax-xemx ixejħu lil ġilda billi jkemmxuha u jagħmluha rqieqa. Naturalment kulħadd jaf kemm tkun muġugħ wara xi ġurnata fix-xemx speċjalment meta tkun l-ewwel darba.

### *L-indiċi UV*

Dan l-indiċi ġie stabbilit mill-*World Health Organisation*. Huwa minn 0 sa 10 u jkejjel ir-raġġ UV li hemm fid-dawl tax-xemx. Jekk dan l-indiċi jgħidulna li huwa iktar minn 7 għalhekk ikun perikoluż li wieħed joqgħod għat-tul fix-xemx anke jekk juża xi protezzjoni. Biex ir-raġġi ma jagħmlulniex ħsara ma rridux noqgħodu iktar minn 20 minuta kontinwi fix-xemx.

Mhux ir-raġġi kollha tax-xemx huma l-istess. Dawk UVA li għandhom l-itwal distanza bejn puntini korrispondenti f'mewġa elettromanjetika jolqtuna meta x-xemx tkun fil-għoli u anki meta s-sema jkun imsaħħab. **Dawn it-tip ta' raġġi jikkaġunaw ħsara fil-ġilda speċjalment tikmix.**

Il-UVB għandhom distanza bejn il-puntini korrispondenti f'mewġa elettromanjetika iqsar. Huma iktar qawwija mill-UVA u jolqtuna meta x-xemx tkun fil-baxx. Dawn ir-raġġi huma elf darba iktar qawwijin u allura iktar ta' ħsara mir-raġġi UVA. Huma jikkawżaw **ħruq fil-ġilda, u l-kanċer tal-ġilda**. Għalhekk huwa importanti li nevitaw ix-xemx bejn il-ħin tal-ħdax ta' fil-għodu u l-erbgħa ta' wara nofsinhar. Irrid ngħid li r-raġġi tax-xemx jagħmlu **ferm iktar ħsara lill-ġilda tat-tfal żgħar** għax il-ġilda taż-żgħar hija iktar tenera u sensittiva għax-xemx. Kxif ripetut għax-xemx meta t-tfal ikunu għadhom żgħar jista' jfisser kanċer fil-ġilda iktar 'l quddiem fil-ħajja. Min jaħseb li x-xemx ma tagħmilx ħsara lilna għax għandna l-ġilda samra huwa żbaljat.

**Ir-raġġi UVA** huma kaġun tal-kanċer tal-ġilda.

**Ir-raġġi UVB** isaħħnu l-gisem, il-ġilda tiħmar u huma l-kaġun ukoll li l-ġilda tixjieħ qabel iż-żmien.

**Ir-raġġi infrared** jagħtuna s-sensazzjoni ta' sħana fil-ġilda tagħna. Il-ħsara mix-xemx takkumula ftit ftit u l-effetti tagħha illum nistgħu narawhom permezz ta' ritratti tal-ġilda b'kamera speċjali. Għalhekk il-ġilda rridu nipproteġuha kemm mir-raġġi UVA u anke mir-raġġi UVB. Hemm fatturi oħra li jistgħu ikabbru l-ħsara tax-xemx. Ċerti antibiotiċi jżidu r-riskju ta' ħsara mix-xemx meta nkunu neħduhom jew jekk neħduhom ta' spiss. Għalhekk **huwa importanti li meta nkunu nieħdu xi antibiotiċi ma noqgħodu għal ebda ħin fix-xemx.** Barra l-antibiotiċi hemm pilloli oħra li meta nkunu neħduhom mhux tajjeb li noqgħodu fix-xemx.

Wieħed irid igħid ukoll li meta l-*UV index* ikun għoli u ma tkunx xemx dan ifisser li xorta nistgħu ninħarqu bir-raġġ tax-xemx avolja jkun hemm l-isħab. **Ir-raġġi tax-xemx xorta kapaċi jippenetraw is-sħab ukoll. Barra minn hekk ir-raġġi tax-xemx jistgħu jkunu riflessi minn fuq ir-ramel, konkrit u anke l-baħar stess.**

***Protezzjoni***

Rigward xi protezzjoni nistgħu nużaw insemmu *sunscreens* ta' diversi forom ta' krema, *lotions*, ingwent, u *gel*. Dawn meta napplikawhom fuq il-ġilda jagħtuna kisja protettiva kontra l-ħsara mir-raġġi tax-xemx.

Biex niġu għall-fatti tajjeb li ngħidu li f'Malta x-xemx tant tkun taħraq li sabu, permezz ta' strument li jkejjel il-livell ta' *melanin* fil-ġilda, li **d-difiża naturali kontra r-raġġi tax-xemx hija biss għal sitt minuti!** Għalhekk biex ikollna protezzjoni rridu nużaw kremi protettivi fuq il-ġisem mikxuf kollu mingħajr eċċezzjoni u dawn il-kremi jservu biss għal sagħtejn. Il-kremi li nużaw irid ikollhom SPF (*sun protection factor*) ta' iktar minn 15. Naħseb li tgħidu li dan huwa xi ftit iżżejjed! Le dawn huma fatti li llum huma magħrufa xjentifikament. Għalhekk il-parir tiegħi hu li nevitaw ix-xemx kemm nistgħu. **Ir-raġġi tax-xemx dejjem jagħmlu l-ħsara.** Il-kanċer tal-ġilda huwa realtà. Barra s-*sunscreens* wieħed ovvjament għandu juża kpiepel, b'faldi wesgħin li jipproteġu mhux biss il-qorrija tar-ras, iżda ukoll il-widnejn, l-għonq u l-għajnejn. Hemm ukoll bżonn nuċċali skur li jimblokka r-raġġi UVA u UVB. Barra minhekk irid ikollna ħwejjeġ ħfief u mhux tan-*nylon* u ssikkati magħna.



***Xi rimedji meta wieħed jinħaraq bix-xemx***

L-ewwelnett il-ħruq mix-xemx ifisser ħmura fil-ġilda u uġigħ. Allura l-ewwel miżuri huma biex intaffu l-uġigħ u nikkuraw dik il-ħmura fil-ġilda. Meta nkunu nħraqna bix-xemx il-ħsara tkun ġa saret u għalhekk dak kollu li nagħmlu huwa biex intaffu l-konsegwenzi biss. Illum nistgħu napplikaw ċerti kremi jew ingwent wara li nkunu qagħdna fix-xemx u nkunu ħraqna xi ftit jew wisq il-ġilda. Nistgħu nieħdu ukoll xi pilloli għall-uġigħ bħal *Panadols* u peress li l-ħruq jista' jikkawża ukoll ħakk u qris fil-ġilda jistgħu jittieħdu xi pilloli kontra l-ħakk. Dawn kollha huma rimedji li jgħinu xi ftit għalkemm mhux bilfors isolvu l-problemi kollha. Għalhekk **l-aħjar hija l-prevenzjoni u nevitaw milli noqgħodu ħafna fix-xemx** għax il-kura ma tantx hija effettiva.

***Ħa xemxata!***

Din l-espressjoni nużawha meta rridu nirreferu għall-effetti tax-xemx fuq is-sistema nervuża u mbagħad fuq organi oħra tal-ġisem. Din il-kundizzjoni iktar hija komuni f'pajjiżi tropikali milli fil-Mediterran. Bażikament li jiġri huwa li l-mekkaniżmu tal-ġisem li jikkontrolla s-sħana tal-ġisem ma jibqax jiffunzjona tajjeb u t-temperatura tal-ġisem togħla ħafna. Ovvjament jekk ma nixorbux biżżejjed, il-konsegwenzi jkunu ikbar.

Din il-kundizzjoni kienet studjata l-iktar fuq suldati li minħabba l-ħwejjeġ li kienu libsin, l-għejja u l-istrapazz li kien ikollhom kienu suġġetti ħafna għal din il-kundizzjoni. Allura din il-kundizzjoni nistgħu niltaqgħu magħha hawn Malta fis-sajf mhux meta mmorru ħdejn il-baħar imma minn ċerti **ħaddiema li jkunu jaħdmu f'ambjent sħun ħafna, nuqqas ta' ventilazzjoni u jkollhom xogħol ta' strapazz.**

Il-kelma xemxata ma tantx turi l-effetti li jkollna. Bl-Ingliż din il-kundizzjoni tissejjaħ ***sunstroke*** għax is-sintomi li jirriżultaw jixbħu lil attakk ta' **puplesija** meta jkun qawwi.

Issa hemm diversi gradi ta' attakki. L-iktar grad serju huwa l-***Heat Syncope***. Il-pazjent iħossu għajjien u jħossu ħażin.

- Iħossu mdardar, jista' jirremetti u jħoss ħafna mejt, il-ġilda tkun kiesħa u jkun pallidu ħafna.
- Il-polz ikun mgħaġġel u n-nifs ikun mgħaġġel u qasir. Jekk il-pazjent ma jingħatax għajnuna jmut.
- Il-grad inqas gravi huwa meta l-pazjent ikollu xi sintomi milli ġa semmejna iżda dawn ma jkunux daqstant gravi.
- Il-pazjent iżda jkollu d-deni u d-deni jista' jitla' ħafna. Bil-Malti ngħidu deni ta' żiemel għax jista' jitla' sa 108 u anke 110 gradi F. Il-pazjent jista' jibqa' bid-deni għal xi ġranet, ikollu uġigħ ta' ras u jkun mdardar. Jista' wkoll ikollu wġigħ ma' ġismu kollu.

Din il-kundizzjoni tista' tfieq minnha u tista' ukoll tagrava iktar u il-pazjent jista' jmut ukoll. Ħafna mix-xemxati li naraw ikunu ta' dan it-tip u għalhekk ta' natura ħafifa u mhux daqshekk gravi. L-affarijiet fil-mediċina mhumiex daqshekk faċli u b'dawn it-tip ta' sintomi jkun diffiċli li wieħed jgħid jekk din tkunx sempliċi xemxata jew xi marda oħra bħal meninġite li għandha l-istess sintomi. Il-pazjent jista' jibqa' suġġett għal uġigħ ta' ras għal żmien twil wara u ma kull stress jew għejja jħoss rasu tuġgħu.

**Ta' min igħid li xemxata qawwija hija xi ħaġa serja u bejn 40% u 50 % li jkollhom xemxata jmutu, għalhekk huwa importanti li dan huwa każ fejn il-pazjent irid ikun ikkurat l-isptar mhux id-dar.** Għalhekk forsi dari kienu jmutu iktar nies minn xemxati għax ma kinux imorru l-isptar. In-nies ukoll kienu jibżgħu ħafna minn xemxata u bir-raġun.

***Studju Xjentifiku u Kliniku f'Għawdex***

Fl-aħħar tajjeb ta' min isemmi li f'Għawdex sar studju estensiv dwar il-kanċer tal-ġilda jiġifieri l-*melanoma*. Dan l-istudju suppost kien jinvolvi lill-popolazzjoni adulta ta' Għawdex kollu. Kien magħmul fuq metodu xjentifiku bil-għajnuna ta' l-Universitajiet ta' Siena fl-Italja u Melbourne l-Awstralja. Min ħa sehem f'dan l-istudju kien iċċekkjat kontra dan il-kanċer billi kull tebgħa li jkollu f'ġismu tkun iċċekkjata permezz ta' strumenti apposta. Naturalment dawn it-testijiet saru mingħajr ħlas fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. S'issa għad ma għandniex ir-riżultat ta' dan l-istudju imma naf żgur li **l-inċidenza tal-*melanoma* żdiedet f'dawn l-aħħar snin.** Nistennew ir-riżultati biex nikkonfermaw dan.

MIX-XENA SPORTIVA *minn* **Joe Bajada**



# *Nadur Youngsters jiċċelebraw l-għaxar titlu tagħhom*



*Nadur Youngsters* iċċelebraw kif jixraq il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tagħhom, bir-rebħ ta' kampjonat ieħor meta spiċċaw fl-ewwel post b'44 punt. Kien suċċess meritat ta' *champions* għat-tielet darba konsekuttiva u l-għaxar wieħed fl-istorja tagħhom biex issa bħal *Victoria Hotspurs* staġun ieħor narawhom bl-istilla fuq il-flokkijiet tagħhom. Huma żammew mal-pronostiku tal-bidu tal-kampjonat meta meqjusa bħala favoriti fejn spiċċaw l-aħjar f'dak li huwa rebħ, kif ukoll bl-aħjar difiża tal-kampjonat. Id-difensur tagħhom Josef Buttigieg kien magħżul bħala l-Aqwa Plajer tas-Sena tal-*Gozo FA*.



*Victoria Hotspurs* spiċċaw fit-tieni post f'37 punt, f'kampjonat mill-iktar sodisfaċenti għalihom u dan meta kienu għadhom kif irritornaw fl-għola diviżjoni. Żgur li lanqas huma fil-bidu ma stennew li ser jispiċċaw *runners-up* fil-kampjonat. L-attakkant Brażiljan tagħhom Riccardo Saverino ntagħżel bħala l-Aqwa Plajer Barrani. *Sannat Lions* ikklassifikaw fit-tielet pożizzjoni b'29 punt f'kampjonat li għalihom ma kinux daqstant konsistenti daqs kemm xtaqu. Huma spiċċaw bl-aqwa attakk tal-kampjonat u dan kien ikkomplimentat mill-Brażiljan Fernando de Andrade ta' *Sannat Lions* li wettaq rekord ta' gowls għall-ewwel diviżjoni għawdxija meta spiċċa l-Aqwa Skorer total ta' 24 gowl fit-18 il-partita. Sannat ġew mogħtija l-*Good Conduct Cup* għall-imġieba mill-iktar sportiva tagħhom.

Fir-raba' pożizzjoni kklassifikaw Għajnsielem b'24 punt, segwiti minn *Qala St Joseph* bi 18-il punt. L-attakkant tas-*Saints* Manwel Cordina ntagħżel bħala l-Iktar Plajer Promettenti tal-Kampjonat Onvol I Diviżjoni. *Kerċem Ajax* b'tim mimli żgħażagħ mill-lokal irnexxielhom iżommu posthom mal-kbar b'gowl fil-ħin mogħti żejjed fid-*decider* kontra *Xewkija Tigers* fejn għelbuhom 3-2. Relegati għat-tieni diviżjoni spiċċaw *Xagħra United* biex hekk staġun ieħor jilgħabu fit-tieni diviżjoni wara erba' staġuni jilgħabu ma' ta' fuq. Huma spiċċaw fl-aħħar post bi 12 il-punt, wieħed inqas minn Kerċem. Xagħra skurjaw l-inqas u soffrew l-iktar ammont ta' gowls.

### Kompetizzjonijiet Oħra

***Qala St Joseph jgħalqu l-istaġun bil-kbir***

*Qala St Joseph* irnexxielhom jgħalqu l-istaġun bil-kbir meta fi spazju ta' jumejn akkwistaw żewġ unuri importanti li joffri l-futbol Għawdxi, u dan għall-ewwel darba fl-istorja tagħhom. Huma bdew biex rebħu il-35 edizzjoni tat-Tazza GFA meta fil-finali għelbu lil Għajnsielem 5-4 bil-*penalties* wara li sal-ħin regolamentari u anke dak barrani l-iskor spiċċa fi *draw* ta' 2-2. Għall-*holders* Għajnsielem skorja doppjetta Dominik Okanu, filwaqt li



Andreas Fatso u Glenn Cefai akkwistaw id-*draw*. Il-ħames *penalties* tal-Qala skurjawhom Mario Mifsud, Manwel Cordina, Mark Bonello, Andreas Fatso, Joseph Xerri, filwaqt li l-erbgħa ta' Għajnsielem skurjawhom Joseph Buttigieg, Dominik Okanu, Martin Cremona u Vitor Tavares. Jumejn wara, l-istess Qala akkwistaw unur ieħor importanti li joffri l-futbol Għawdxi, meta kontra kull mistenni għelbu liċ-*Champions Nadur Youngsters* bi skor konvinċenti biex ħadu magħhom il-*BOV Super Cup*. Huma skurjaw tliet darbiet mingħajr risposta fit-tieni taqsima minn Manwel Cordina u doppjetta ta' Dione Lautier.

*Nadur Youngsters* kienu bdew l-istaġun tajjeb meta rebħu t-Tazza Indipendenza 3-1 bil-*penalties* kontra Qala wara li l iskor kien baqa' ta' 1 1. Għalihom dan kien ir-raba' suċċess infila f'din il-finali tas-27 edizzjoni. Kienu Qala li fetħu l-iskor minn Dione Lautier, b'Joseph Portelli jikseb id-*draw*. It-tliet *penalties* ta' Nadur skurjawhom Eric Nkwankwo, Chris Camilleri u Anthony Portelli filwaqt li Mario Mifsud skorja l-uniku wieħed tas-*Saints*.

*Victoria Hotspurs* b'gowl f'kull taqsima kontra *Nadur Youngsters* irnexxielhom iniżżlu isimhom fuq it-Tazza Jum il-Ħelsien għall-ewwel darba. Il-gowls tagħhom waslu minn Riccardo Saverino u Noel Borg.

***SK Victoria Wanderers Champions tat-Tieni Diviżjoni***

*SK Victoria Wanderers* għelbu l-isfida offruta mill-ikbar sfidanti tagħhom *Xewkija Tigers* biex spiċċaw f'ras il-klassifika b'43 punt, tlieta iktar mill-istess *Tigers*. Kien kampjonat missielet bejn dawn iż-żewġ timijiet fejn kienet propju l-aħħar logħba ta' bejniethom li ddeċidiet kollox. Il-*Wanderers* spiċċaw bl-aħjar attakk u difiża tal-Kampjonat, bil-*midfielder* tagħhom Joseph Refalo



jintagħżel bħala l-Aħjar *Player* ta' din il-Kategorija. Warajhom kif ġa għidna spiċċaw *Xewkija Tigers* bil-plajer tagħhom Christian Bugeja jispiċċa bħala l-Aqwa Skorer b'25 *goal*, filwaqt li sieħbu Josmar Vella kien ivvutat bħala l-Iktar Plajer Promettenti tat-Tieni Diviżjoni. Fit-tielet post spiċċaw *St Lawrence Spurs* b'31 punt, għaxra iktar minn *Żebbuġ Rovers*. *Munxar Falcons* fir-ritorn tagħhom fil-futbol għawdxi wara nuqqas ta' 6 staġuni, spiċċaw fil-ħames post b'14 il-punt, wieħed iktar minn *Oratory Youths*. Fl-aħħar post spiċċaw *Gharb Rangers* b'10 punti.

***SK Victoria jirbħu iktar***

Ir-Rabtin kellhom suċċess komplet f'din il-kategorija meta rebħu n-KO 5-1 kontra *Żebbuġ Rovers* b'gowls ta' Joseph Vella, David Monday u tripplettta ta' Ige Adesina, bi Franco Magrin jiskorja l-uniku wieħed għar-*Rovers*. Iċ-*Champions* u *holders SK Victoria Wanderers* akkwistaw unur ieħor fit-tieni diviżjoni biex akkwistaw it-tielet suċċess tagħhom f'dan l-istaġun u għalhekk rebħu kollox f'din il-kategorija. Huma reġgħu għelbu lill-istess Żebbuġ fis-*Super Cup* tat-Tieni Diviżjoni bl-iskor ta' 2-1. Għalihom skorjaw Chris Sciortino u Ige Adesina, mentri Basil Chibueze skorja għal Żebbuġ.



***Kategoriji Oħra***

*Kercem Ajax* spiċċaw *champions* tal-U/21 bil-Plajer tagħhom Jean Paul Mizzi jintagħżel bħala l-Aħjar Plajer f'din il-Kategorija. *SK Victoria* spiċċaw *runners-up*. *SK Victoria Wanderers* imbagħad rebħu l-Kampjonat tal-U/16 wara sfida qawwija minn Xewkija. Il-plajer tagħhom Joseph Vella kien ivvutat bħala l-Aħjar Plajer. *Xewkija Tigers* minn naħa l-oħra pattewha xi ftit lill-istess Rabtin meta rebħulhom 2-1 fil-finali tal-*Joe Portelli Projects KO*. *Nadur Youngsters* kisbu *double* fl-U/13 meta spiċċaw *champions* quddiem *Xagħra United*, filwaqt li rebħu 4-1 fil-finali tan-KO kontra *Victoria Hotspurs*. Il-plajer tagħhom Alfred Mifsud kien ivvutat bħala l-Aħjar Plajer f'din il-kategorija.

***Kerċem Ajax Champions tan-Nisa***

F'dan l-istaġun l-GFA organizzat għall-ewwel darba l-Kampjonat tan-Nisa kkontestat minn ħames timijiet li nistgħu ngħidu li kien suċċess kbir. *Kercem Ajax* spiċċaw l-ewwel *champions* Għawdxin wara sfida qawwija minn *SK Victoria Wanderers*. L-Ajax spiċċaw fl-ewwel post bi 33 punt, tlieta iktar mir-Rabtin. Huma kellhom l-aħjar attakk, kif ukoll l-aħjar difiża. L-attakkanta tagħhom Josline Gafà spiċċat bħala l-Aqwa Skorer b'31 *goal*. Minn naħa l-oħra Emma Xuereb ta' SK Victoria ntagħżlet bħala l-ewwel Plajer tas-Sena. Fit-tielet post spiċċaw *Xagħra United* b'16 il-punt, bil-plajer tagħhom Tracey Thewma tkun ivvutata bħala l-Iktar Plajer Promettenti. *Nadur Youngsters* spiċċaw b'10 punti, filwaqt li fl-aħħar post mingħajr l-ebda punt spiċċaw *Munxar Falcons*. Kerċem Ajax għalqu l-istaġun billi akkwistaw *double* meta fil-finali tan-KO rebħu lil *Xagħra United* 10-3.

Sizzlers
A La Carte • Take Away
Fortunato Mizzi Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 21 566 599
Mob: 99 90 90 90
99 85 41 76

GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN

GREZZJU BONELLO
Jiġi jagħtik stima b'xejn
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 2155 7694 Mob: 9946 9102

# Imkejjen Għawdxin

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit*





## 11. IX-XLENDI

*Fil-Ibiċ ta' Għawdex - bajja sabiħa*
*Jisimha x-Xlendi - magħrufa sew,*
*Kollha blat għoli - djar qodma u ġodda*
*U appartamenti - m'ilhomx li nbnew.*

*Wied kbir tal-qasab - b'fekruna f'nofsu,*
*Tidher qed taqsam - il-wied fi tnejn,*
*Sisien u raba' - blat ixheb, ħdura,*
*Fejn l-ilma ġieri - dejjem għaddej.*





*Tal-Karmnu l-Knisja - tħares mill-għoli*
*Fuq djar u bini - fil-ġenb tat-triq,*
*U fil-faċċata - nieżel mill-għoli*
*Jidher jiżżerżaq - dak Blat Żellieq.*

*Fil-ġenb il-Kantra - siekta u dellija,*
*Lil hinn it-Torri - jħares għassies,*
*Tal-Melħ il-blata - ta' Karolina,*
*Hemm moħbi sewwa - l-Għar taħt is-sies.*





*Bajja tax-Xlendi - bajja maħbuba,*
*B'sikka moħbija - hemm taħt il-baħar,*
*Ħiemda fix-xitwa - fis-sajf tixxala,*
*Bi storja twila - tista' tiftaħar.*

*U Sant' Indrija - fuqek iħares*
*Hu patrun tiegħek - u tas-sajjieda,*
*Int ibqa' qimu - hu jibqa' jħarsek*
*Minn maltempati - qliel għal għarrieda.*



# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Lynda Caton Roseblade*

## ŻEWĠ ĠAWHRIET... GĦADHOM FIL-PERIKLU?



Ir-Ramla



Ħondoq ir-Rummien

"Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu" (Gal 2,20)

# SAN PAWL

## *ix-xhud ta' Ġesù Kristu* fil-Knisja tiegħu



*San Pawl jista' jkun xhud tassew ta' Ġesù għax għaraf min hu.*

*Pawlu, flimkien ma' Pietru, jorbot mal-Knisja lil dawk li jridu jkunu xhieda ta' Kristu fid-dinja ta' llum.*

GĦALINA

Ġesù jrid jidher jgħix fina, aħna li ngħixuh fil-Knisja tiegħu

SENA PAWLINA 2008 – 2009